22, Prince Albert Str.
Skeena

Butta Faori

Twary
79 Camul Str
at 10.30 am

" MA KIENITX MEWTA "

Personaggi.

Maria Laria	...	Mary Camilleri
Adriano	...	Victor Tedesco.
Guglielmi	...	Jerry Scalpello.
Delfino	...	Victor Soler.
Paolina	...	Antoinette Soler.
Sinjura Xicha	...	Melita Trapani.
Sinjur	...	Victor Costughes. ~~Anthony Magro~~
Silvio	...	Nelson Orr.
Lina	...	Gean Despott.
Luisa	...	Melita Trapani
Sergio	...	Robert Vella.
Mario	...	~~A. Magro.~~
Tereza.	...	Mrs. Blackman.

"AHJAR LI KONT MEJJET"

(LO SBAGLIO DI ESSERE VIVO)

Kummidja fi tlitt atti

TA'

ALDO DE BENEDETTI.

Maqlub ghal Malti

minn:

CHARLES ATTARD.

PERSUNAĠĠI:

MARIA LARI

ADRIANO LARI

CESARE GUGLIELMI

ID - DEFFIEN

PAOLA

ROSINA

KATERINA

SINJURA XIEHA

SINJUR TA' POŻIZJONI GHOLJA

HABIB U HABIBA

ĠARA U ĠARA OHRA.

- -

MÀLTA

1956.

III

" M A K I E N I T X M E W T A "

(LO SBAGLIO DI ESSERE VIVO)
Kummidja fi tlitt atti
TA'

ALDO DE BENEDETTI.

Maqlub ghal Malti

minn:

CHARLES ATTARD.

PERSUNAĠĠI:

MARIA LARI – Mary Camilleri
ADRIANO LARI – Victor Tedesco
CESARE GUGLIELMI – Twanny Scalpello
ID - DEFFIEN – Watty Cachia
PAOLA (Habiba) – Twanny Soler.
ROSINA (Seftura) – Inez Farrugia
KATERINA (Tal Ġyuri) –
SINJURA XIEHA – Milita Trapani
SINJUR TA' POŻIZJONI GHOLJA – Magro (bil mustacci)
HABIB U HABIBA (Silvio u Lina) (V. Soler & G. Despott)
ĠARA U ĠARA OHRA. (Teresa u Luisa)
Sergio (Robert) – Mario (Magro)

- -

M A L T A

1 9 5 6.

Teresa – ġara li tkun mahha
Lina u Zewga Silvio
Sergio & Mario

Nofs flugh lās-sipārju

Fluh komplet lās-sipārju

"AHJAR LI KONT MEJJET"

L- EWWEL ATT .

Is-Siparju jibda jinfetah bil-mod, b'mod li tidher il-parti ċentrali tax-xena li tippreżenta bhal ġnien mimli b'siġar kbar u moghdija mdawra bil-fjuri. Minn-nofs ta' din il-moghdija, jidher riesaq lejn ir-ribalta, id-deffien, b'karretta żghira quddiemu, mimlija bil-fjuri. Fil-karretta tidher ukoll xi ghodda tal-ġnien. Id-deffien jidher li huwa raġel ta' fuq il-50 sena; fuq ghajnejh ghandu nuċċalit u f'halqu pipa. F'rasu berritta sewda bil-pizz u bluża twila griża. Id-deffien ikompli riesaq u meta jasal qrib ir-ribalta, ikellem b'lehen gholi lill-Makkinista li bhal issa qed jimmanuvraw il-ftuh tas-Siparju.

Deffien: Stennew!... Mument wieħed, jekk joghogobkhom... (Is-Siparju jieqaf. Id-deffien jerfa l-karretta u waqt li jersaq aktar qrib lejn ir-ribalta, jindirizza lil publiku)

Ahfruli, sinjuri.... qabel ma jinfetah is-siparju ghal kollox, nixtieq nghidilkhom xi haġa... (Jurihom ix-xena) Hawnhekk, inthom qeghdin taraw siġar, fjuri, hdura... dehera li tghaxxaq il-qlub... dehera li tixbah hafna xi ġnien grazzjus b'dan kollu, dan il-post isejhulu xi haġa'ohra.... Dan hu li riedt nghidilkhom... Dan il-lok, m'hux ġnien, imma ċimiteru.

(Idur fuq il-makkinisti, u:) Issa, tistghu tkomplu tifthu is-siparju. (Is-siparju jinfetah kompletament. Qalb il-hdura tas-siġar u l-pjanti, tidher tlellex il-bjuda ta' l-Oqbra. Id-deffien ikompli ikellem lil publiku:)

Hekku!... Harsu ftit.... M'hawn xejn biex wieħed jimpressjona ruhu.... kieku m'ghedtilkhomx jien, forsi anqas kontu tintebhu. Jiena nghidilkhom li m'hux tassew li ċ-ċimiteri huma postijiet ta' dwejjaq u malinkonija... Dawn huma ghajdud żbaljati... Iċ-ċimiteri huma ġonna kbar... ġonna sbieh ... ġonna kkultivati... l-iżjed postijiet hiemda li wieħed jista' isib f'kull-Belt. Issemmghu ftit.... x'paċi... x'hemda.... Jinstama' biss il-kant ta' l-ghasafar.... l-huttaf, l-usinjoli, il-pittirossi... Eluf jinsabu minn dawn f'dan il-post... Hawn, huma jsibu l-kenn u l-mistrieh... Fil-Belt u fil-Bnedmin, huma ja jaraw ghadu.... L-ghasafar jafu li hawn hadd ma jaghmlilhom deni .... Filghodu, huma iqajmuni bil-kant tagħhom... Bilhaqq... insejt nghidilkhom, jiena huwa d-deffien taċ-ċimiteru... Nghix f'dar ċkejkna qrib il-bieb tad-dhul..... Żewġt-ikmamar, kċina żghira u daqxejn ta' ġnien. Xi hadd minkhom, forsi jahseb li m'hux gost li wieħed jghix f'ċimiteru... Dan il-hsieb huwa żbaljat ukoll... Ghall-ewwel li ġejt hawn, kont impressjonajt ruhu xi ftit, imma mbaghad, bil-mod, il-mod, drajt u drajt sewwa. Issa ili hawn hmistax il-sena u nghidilkhom li ma nsibx ahjar minn hawn. Filghaxija, wara li naghlaq il-kanċelli, noqoghod bilqeghda fil-bieb, impejjep xi pipa tabakk, imsieheb biss mid-dawl dghajjef ta' dawn il-fanali.... M'ghandniex x'inghidu, ma tantx hija haġa sabieha li wieħed joqoghod dejjem wahdu - l-aktar fix-xitwa, meta l-jum huwa qasir hafna u ljieli ma jintemmu qatt. F'dan iċ-ċimiteru, kont inkun iżjed hieni, kieku kont miżżewweġ... Ippruvajt kemm il-darba.... qatt ma irnexxieli nsib wahda li riedet tghix hawn... In-nisa, tafu inthom, kif inhuma... Wara kollox, jiena nahseb li swieli ġid li bqajt wahdi ghaliex huwa wisq ahjar li wieħed jghix mal-mejtin milli mal-hajjin.... Il-mejtin huma nies twajba, anke jekk f'hajjithom kienu nies ħaiena. Il-fjuri, jaslu hawn ta' sikwiet, imma dawn ma jhabbtukx ghaliex jibqghu kif wieħed iqeghedhom bla ma jiċċaqalqu xejn. Il-mejtin li jinsabu

/ f'dan....

Mara Xieha (Melita Trapani)

V. Tortughes.
(~~A. Alagna~~)

Sinjur

: f'dan iċ-ċimiteru, issa sirt nafhom kważi kollha... Naf isimhom, naf il-grajja taghhom ... Billi issa ili hafna naghmilhom maghhom, inhossni li sirt affezzjonat lejhom. Kieku huma ghadhom jistghu jifhmu u jisimghu, kieku forsi anke huma affezzjonaw ruhhom lejja. Jiena nittratthom kollha xorta wahda... ebda preferenza, ghaliex tafu inthom... anke hawn, jinsabu l-fqar u s-sinjuri... M'inhix nidhaddet mill-flus... F'dan il-post il-flus ma jghoddu xejn... Hawnhekk il-faqar u l-ghana jitqiesu xort'ohra. L-Ghonja huma dawk li ghandom lil xi hadd jiġi jarhom kulljum... dawk li ghandhom il-qabar mimli fjuri... Il-fqar, ghalkuntrarju, huma dawk li m'ghandhomx min jiftakar fihom... dawk li ma jkollhomx żjarat... li ma jkollhomx fjuri.

(Jindika bejn il-kwinti) Din in-naha, per ezempju, hawn qabar sabieh hafna... Il-monument li ghandu fuqu huwa maestus... kolonni tal-bronż... bl-anġli jitolbu.... Nghidilkhom li huwa qabar li sewa patrimonju shih... B'dan kollu, dak li jinsab midfun ġo fieh... huwa miskin hafna... Anqas kelb ma jersaq fuq il-qabar tighu... qatt fjuri... Anqas dak inhar tal-festa tal-mejtin... F'din in-naha ...

(jindika bejn il-kwinti tan-naha l-ohra)

ghalkuntrarju... hawn qabar iehor li m'ghandux fuqu ghajr ġebla u salib ċkejken... xejn iżjed... b'dan kollu, ma tghaddix gurnata li ma tiġix iżżuru, mara viżtuża, bil-fjuri f'idejha... Xejn ma jġaghalha tonqos minn din iż-żjara... la x-xita, la x-xemx u anqas ir-rieh.... Tifhmu issa, xi tfisser ġhalija,l-ghana,f'dan iċ-ċimiteru? U allura, tafu x'ikolli naghmel jien? Kultant, naqbad xi ftit fjuri minn fuq dawk l-oqbra li jkollhom hafna u nmur nqeghedhom fuq dawk li ma jkollhom xejn... Naf li m'hux sewwa, imma ftit tal-ġustizzja trid issir, anke f'dan il-post.

(Minn moghdija li tghati ghal ġenb, tidhol mara xieha, liebsa l-iswed, b'borża kbira f'ida u siġġu li jinghalaq. Wieċa jidher dahqah; issellem lid-deffien b'ċerta kunfidenza)

Xieha : L-ghodwa t-tajba, Sur Tumas.

Deffien: L-ghodwa t-tajba, sinjura Lucia... Ghodwa sabieha, hux veru?

Xieha : Ma tistax tkun isbah!.. Ma tanx hija sbanaġ, nittama lit-temp jibqa' hekk.

Deffien: Ċiebt xi ftit żerriegha?

Xieha : Iva, imma nibża li anke din id-darba, l-ghasafar jikluhilna.

Deffien: Jehtieġ li nghattuha b'xi ftit trab... Jiena, issa niġi ntik daqqa t'id.

Xieha : Grazzi, Sur Tumas.

(Ix-xieha tidbieghed lejn moghdija ohra. Id-deffien mill-ġdid jindirizza lil publiku)

Deffien: L-imsejkna, ilha armla aktar minn ghoxrin sena. Daqshekk ilha tiġi hawn... Ma tfallix gurnata wahda biss.. Nghidilkhom li issa saret drawwa taghha li tigi hawn..tqatta ftit sieghat kuljum, bilqeghda fuq dak s-siġġu, taqra xi ġurnal jew tahdem xi kalzetta. Ghall-ewwel, madwar il-qabar, kienet tiżra xi pjanti hal fjuri... issa, bdiet tiżra xi ftit insalata... miskina... xi hsara qed taghmel b'daqshekk? Tghaqqad flimkien il-qima tal-mejjet mal htiga tad-dar.

Xebba u Guvmi (Gean Despott u N. Orr).

Adriano (Victor Tedesco)

(Mill-fond tax-xena jidher ghaddej sinjur. Wiċċu jidher gravi u sever. Id-deffien, isellimlu bir-rispett kollu.)

Deffien : Buongjorno, Sur Kommendatur.

Sinjur : Buongiorno. Waslu xi kuruni?

Deffien : Iva, sinjur. Ġa ghedtilhom iqeghduhom f'lokhom. Ghandek bżonn xi haġa ohra?

Sinjur : Xejn, grazzi.

(Is-sinjur jghib qalb is-sigar. Id-deffien mill-ġdid jindirizza lill-publiku.)

D ffien: Dak is-sinjur, huwa negużjant kbir... Ghandu l-qabar tal-familja, il-ġmiel tighu. Ġa difen ġo fieh lil mara u lil ġenituri. Qabel jiġi iżurhom, dejjem jibghat xi ftit fjuri. MŠghandhux regola... ghandu hila f'xahar, jiġi hames darbiet, imbaghad, jghaddu x-xhur u ma tarahx darba wiehed biss. M'irridx inkun malinn, imma, nissuspetta li kull meta jaghmel xi biċċa xoghol tajba, huwa jiddedika perċentwal ċkejken mill-qliegh biex jkun jista' jixtri l-fjuri ghal mejtin tighu... din ma fieha xejn, hux veru? Jiena nghid li dan is-sinjur jifhem li kull mita jixtri l-fjuri ghal mejtin, dawn, iġibulu r-risq.

(Mill-faċċata tidher ghaddejja koppja. It-tnejn jidhru żaghżagh. Bha l-issa, jidhru qed jitkellmu b'lehen baxx. Jibqghu mixjin u jghibu. Id-deffien jibqa' jseqqwihom b'ghajnejh u mill-ġdid jerġa' jindirizza lill-Publiku.)

Dawk??? Le, le, ... Temmnux li dawk iż-żaghżagh ġew hawnhekk bħex jinnamraw... dan ikun nuqqas ta' qima lejn dan il-post. Iż-żaghżugh, f'dan iċ-ċimiteru, ghandu l-qabar taż-ziju u x-xbejba, dak ta' nannitha. Iż-żewġ oqbra, nzertaw hdejn xulxin u allura tistghu tahsbu kif dawn it-tnejn tlaqqu flimkien. Ghall-ewwel kienu jiġu darba fix-xahar, imbaghad kull-ġimgha u issa, kull-jum. Min jaf, anke mill-mewt tista' titnissel il-hajja.

(Mill-istess naha li dahlet ix-xi xieha, issa jidhol Adriano. Jidher qieghed jhares madwaru Kif jintebah bid-deffien:)

Adriano : Skużi, hawb tahbat is-sezzjoni 22?

Deffien : Iva, sinjur... proprju hawnhekk.

Adriano : U d-divizjoni 46?

Deffien : (Jindika l-oqbra li ghandu waraj) Hekku... tibda minn hawn u tasal sa dik il-moghdija.

Adriano : Grazzi.

(Adriano jersaq lejn l-ewwel qabar li jidher li jtawwal ghonqu biex jaqra l-iskrizzjon Sa dat-tant, id-deffien jaqbad il-karretta u jaghti l-ewwel pass biex jitlaq)

Adriano: (Waqt li jwaqqfu) Mument wiehed, jekk joghoġbok... ghandi bżonn nkellmek....

(Id-deffien jieqaf. Adriano jkompli josserva l-oqbra. Isib dak li qed ifittex u jghid x'aktarx lilu n-nifsu:)

Iva!.. Dan hu!...

(Id- deffien ghadu jhares lejh. Adriano idur, ihares madwaru biex ikun sgur li huma wahidhom, jersaq lejn id-deffien u:)

Nista' navda fik, habib?

Deffien: (Immeraviljat b'dil-mistoqsija stramba) Sgur li tista'...

Imma ghaliex qed tistaqsini?... Ghadni ma nistax nifhem...

Adriano: Tweghedni li ma tghidx kelma minn dak li sejjer nghidlek?

(Id-deffien jhares lejh bhal wiehed sospettuż bla ma jwieġbu)

(Xi ftit nervuż, itenni:) Tweghedni???

Deffien: Iva, nweghedek.... imma.....

Adriano: (Jaqtaghlu kliemu:) Ersaq l-hawn....

(Jaqbdu minn drieghu u jiġbdu lejn il-qabar. Wara li jerġa' jhares madwaru, jghidlu b'lehen baxx:)

Qieghed tarah dan il-qabar? Jiena ninsab midfun hemm taht.

Deffien: (Jinhasad) Kif???....

Adriano: Kif ghedtlek.... Il-mejjet li hawn f'dan il-qabar, huwa jien.... jien stess.

Deffien: (Ihares lejh bhal wiehed beżghan, imbaghad javvertieh b'lehen helu)

Isma, habib.... Hawnhekk m'ahniex il-Manikomju... Ninsabu f'Ċimiteru.

Adriano Habib, tahsibx li jien mignun.... Dak li ghedtlek huwa l-verita'.

Deffien: (Juri li swr jibda jitlef il-paċenzja) Ismaghni, habib, jekk trid tiċċajta, ghamilli pjaċir, mur iċċajta band'ohra... jekk le, iġġaghalni nghajjat lil Pulizija.

Adriano: Le, le... issejjah lil hadd.... Ghamilli favur... ersaq ftit iehor l-hawn... Nahliflek... jiena qed inkellmek bl-akbar serieta'.... Aqra, aqra, x'hemm miktub fuq din il-Lapida:

(Jaqra b'lehen irpusat)

" HAWN JINSAB MIDFUN ADRIANO LARI"

(Johroġ mill-but portafoll, johroġ minnu tessera u jurijielu

Adriano: Issa hares l-hawn... Dan huwa ċ-ċertifikat ta' l-Identifikazjoni tighi.... Sewwa qed nghidlek? Adriano Lari.

(Id-deffien jaghti daqqa t'ghajn fuq it-tessera u minnufieh, jerfa' rasu u u mill-ġdid jhares lejn Adriano b'espressjoni ta' biża u konfusjoni)

Adriano: (Waqt li jurieh alternattivament l-epigrafija u t-tessera)

Qabbilhom... qabbilhom sewwa.... Imwieled f'San Giovanni, Persiceto, fit-18 ta' Novembru, 1899. Miet fl-4 ta' Awwissu, 1938. Issa aqra ċ-ċertifikat ta' l-identita'.... Imwieled f'San Giovanni, f'Persiceto, fit-18 ta' Novembru, 1899... id-data tal-mewt, hawn ma teżiżtix, ghaliex meta lili tawni dan iċ-ċertifikat, kont ghadni ma mietx.....

(Id-deffien jidher qisu miblugh. Jixtieq jitkellem, imma isienu, bil-biża jinsab ipparalizzat)

Adriano: (Waqt li bil-kalma kollha jurieh l-identita') Aqra... Aqra hawnhekk.... L-Identita' tghid li jiena miżżewweġ... Issa hares lejn l-e igrafija... ara xi tghid... "Il-mara nkonsolabbli tqieghed....." U r-ritratti? Xi tghidli ghalihom? Arhom sewwa... Dak li hemm fuq il-porcellana u dan li ghandi fuq dan iċ-ċertifikat, huma maghmula minn fotografija wahda....

(Iressaq iċċertifikat hdejn ir-ritratt ta' fuq il-Lapida)

Hares lejhom... Jixbhu perfettament lil xulxin... Dan ir-ritratt kont haddtu hmistax il-ġurnata qabel miett... Fil-fotografija, kien ghad kelli l-baffi... Nahseb li taf ghaliex dawn nehhewhomli.... (Iqieghed mill-ġdid il-portafoll fil-but) Konvint issa? Imma xi gralek? Jaqaw qed ihossok hażin?

Deffien: Le, le.... m'ghandi xejn... Xejn.... Ghalkemm jiena mdorri nittratta mal mejtin... qatt ma kont nahseb li sejjer jkolli nitkellem maghhom ukoll.

Adriano: Kont naf lid-dehera tighi sejra timpressjonak... Kieku jiena kont minflokok, kien jiġrili l-istess.....

(Jurieh il-qabar)

Oqoghod bilqeghda, jekk joghoġbok... hawn m'hawnx kumplimenti.... Hawnhekk ninsabu f'dari...

(Jghinu joqoghod f'tarf il-qabar u joghoghod bilqeghda hdejh. Johroġ mill-but pakkett sigarretti)

Tpejjeb?

(Id-deffien jaghmillu sinjal li ma jridx.)

Adriano: (Waqt li jqabbad sigarrett) U issa, li urejtek li jiena tassew mejjet dak il-mejjet li hawn midfun tahtna, jehtieġ li nghidlek kif ghamilt biex hriġt minn dan il-qabar. Il-grajja hija ftit ikkomplikata... Kieku din il-grajja ma kienitx traġika kienet tkun grajja tad-dahq. Ismaghni.... Jiena miett tmien xhur ilu.... sewwa, seww, fl-erba' t' Awwissu...preċiż kif hawn miktub fuq din il-lapida. Niftakar, kien is-Sibt... Kont sejjer lejn id-dar, mill-uffiċċju... insejt nghidlek.... jiena kont impiegat mas-Soċjeta' Siderurġika.... Dak inhar, kienet xemx taqli ... F'kantuniera, ilmaht wieħed qed


Tintija d-dawl.


(Tintija d-dawl)

: ibiegh id-dolliegh.... Ix-xitan ittantani... f'dak il-hin, kont qed immut bil ghatx... griżmejja kienu nixfin ghuda. Kilt dolliegha shiha... kielt it-tieni wahda, it-tielet, imbaghad, ghedt, bejni u bejn ruhi, "Ghada jahbat il-Hadd... Nixtri ohra, inhalluha ghal frisk u ghada, wara l-ikel, noqoghodu nikluha, jien u marti, fit-terrazzin". Xtrajt dolliegha ta' liett -artal u bqajt sejjer lejn id-dar. Kif kont tiela t-tarag, hassejtni qieghed niddardar u kif wasalt fuq, rasi bdiet iddur bijja.... Cempilt il-qampiena, fethitli l-mara u kif ratni, baqghet thares lejja mbażża. "Xi ġralek? Wiċċek jidher ahmar nar!.. " " xejn - wiġibtha - ix-xemx tahraq wisq! X'jidhirlek minn din id-dolliegha?" Ma lhaqtx spiċċajt dawn il-kelmiet li ma sibtx ruhi stendut ma' l-art.... Twerżieq.... biki..... Il-mara ghajtet lil ġirien u dawn minnufieh baghtu ghat-tabib. Wara li nvistani sewwa: "M'hemm xejn gravi! Taghtu ndiġistjoni ċkejkna... qegheduh fuq is-sodda u ghamlulu xi ftit banjoli fuq mohhu, tibżghux, ghada jisbah tajjeb" L-ghada, jiena sbaht mejjet!

(Id-deffien, jidher li qed jisimghu imwerwer u issa jidher qed ihares madwaru biex jara jidhirx xi ħaġa)

Adriano: X'gara? Jaqaw qed indejqek? Forsi ghandek x'taghmel?

(Id-deffien jaghmel sinjal b'rasu li m'ghandux x'jaghmel)

Ghadni niftakar tajjeb l-ahhar waqtiet tighi. Kien ghad ma sebahx. Marti kienet rieqda hdejja. Minn bejn il-persjani kien diehel l-ewwel dawl taż-żernieq. F'daqqa wahda, hassejt kesha kbira f'riġlejja u bil-mod, il- mod, din bdiet iddur ma' ġismi kollu. Ittantajt nitharrek, ma rnexxilhix... Ittantajt nerfa' rasi... ghalxejn... ma stajtx niċċaqlaq... Anqas ghajnejja ma stajt inharrek... Ghajnejja kienu miftuha, ċassi lejn is-saqaf. Sa dan it-tant, ġismi inġazza ghal kollox. Fl-ahhar, il-mara, stembhet... bdejt inhpasha tiċċaqlaq... smajt lehinha jistaqsini: " Adriano, kif thossok?" Riedt inwiġibha... kien impossibbli, b'dan kollu, jiena kont qed nisma u nifhem kollox. Il-mara reġghet irrepetiet l-istess mistoqsija... bdiet issejjahli mill-ġdid: "Adriano!.. Adriano!..." Imbaghad hassejtha tqieghed idha fuq mohhi u fl-istess hin, smajtha tghajjat ghajta tal-biża. Intebhet li jiena kont mejjet. Imsejkna mara.... Bdejt nismaghha tibki u tolfoq... hassejtha tghannaqni maghha u ssejjahli mill-ġdid: "Adriano!.. Adrianuccio!.. ~~Adrianuccioxtighix~~.. sbejjah Adrianuccio ~~tigh~~ tighi!... " He... Issa li kont mejjet, f'ghajnejha, sirt nidher sabieh ukoll. Fl-ahhar il-ġirien, irnexxielhom johorġuha mill-kamra tighi... Bqajt nismaghha tibki u tolfoq. Bdejt nisma il-ġirien iduru mighi, jitkellmu bil-mod bejniethom... Fidaqqa wahda, ilmaht id nieżla fuq ghajnejja. Minn dak il-hin, sibt ruhi fi dlam ċappa. Kienu ghalquli ghajnejja u allura, hawn, il-biża ha setgha minni. Forsi din kienet il-Mewt? Fil-waqt li jiena ghadni nista' nisma, nifhem u nhoss, sejjer niġi maghluq f'qabar ghal dejjem... bla ma nista nitharrek... bla ma nista' nghajjat. Smajt l-arlogg idoqq is-sighat... smajt l-ilhna li kienu qed jitolbu ghalija... il-passi ta' dawk li kienu qed jersqu lejja u ta' ohrajn li kienu qed jitbeghedu minni. Libsuni blghjar ilbies li kelli ... Qmis tal-harir... ġlekk iswed u qalziet irrigat. Smajthom jiddiskutu fuq iż-żarbun. Jekk fihimthom sewwa, ma ridunhix immur id-dinja l-ohra, b'żarbun isfar. Wiehed minnhom, smajtu jghid: " Qegheduluq fuq sidru is-Salib ta' Kavalier" Wara ftit ġie t-tabib biex jiċċertifika li jiena kont tassew mejjet u fl-istess hin kiteb il-permess tad-difna. Hawn, qegheduni fit-tebut,

Il-Palk jiddawwal
Kambjament tax-xena.

In-xena

Sergio R. Vella
Teresa Mrs. Blackman
~~Maria~~
Maria Mary

Luisa ~~Gana~~ (Melita Trapani)

Poġġewli salib f'idejja u mazz fjuri n-naħa ta' rasi u xegħluli erba' xemgħat madwari. Meta lestew, kullħadd telaq lejn daru....

(Fuq l-aħħar kelmiet ta' Adriano, il-palk jintefa' fid-dlam u jibqa' jinstama leħnu jirrakkonta)

Leħen Adriano: Wara nofs in-nhar, bdew ż-żjarat. L-imsejkna marthi ma kellha aptit tkellem lil ħadd. B'ghajnejha maghluqa, inxtehtet fuq id-divan... Kieku l-ġirien ħallewha fil-paċi, kieku setgħet tieħu nasha u tistrieħ ftit wara dik il-qatgha li ħadet. X'paċi, paċi.... Kull wieħed li jasal, beda ikellimha fuqi.... jistaqsieha x'kienet il-kawża tal-mewt tighi... kull darba, biex twieġeb, marti kienet tinfexx tibki.

(Fil-waqt li Adriano qed jitkellem, il-palk jerġa jibda jiddawwal u issa, ix-xena turi d-dar ta' Adriano. Kamra tal-pranzu li s-servi ukoll bhala salott. Fil-faċċata, bieb li jaghti ghal barra. Fuq ix-xellug, bieb li jaghti ghal kċina. Fuq il-lemin, bieb miftuh berah u minnu jidhru żewġ gandelabri gholjin, mixghula u biċċa mit-tebut, imdawwar bil-fjuri. Maria Lari, l-Armla, tinsab mitluqa fuq divan, in-naħa tal-lemin. Rasha tidher mitluqa mad-dhar u ghajnejha jidhru maghluqa, b'xehta ta' wahda li m'ghandha ebda kont. Kulltant tohroġ minn fommha xi tneghida u tinstama' wkoll tolfoq. Fuq id-divan, qrib Marija, tinsab bilqegheda wahda mill-ġirien, immikkta l-istess bhal Maria.)

Leħen A Adriano: Dawn iż-żjajjar, biex ituk l-ghomor, tassew huma haġa kiefra. In-nies, donnhom li jiehdu gost iqanqlu mill-ġdid in-niket f'qalb dak li jkun ġie milqut minn xi disgrazzja. Dak li jkun sofra l-mewt ta' xi ħadd mill-familja, jkun qed jaghmel minn kollox biex jinsa u jirrassenja ruhu, imma hekku....żjara ta' ħabib u terġa tfakkru mill-ġdid bis-soltu kliem ta' kondoljanzi.

Sergio : X'isfortuna!....

Mario : X'disgrazzja terribbli!...

Tereża : Telfa r-reparabbli!....

Sergio : Haġa li ma titwemminx!... Kien jidher tant f'sahhtu....

Mario : Sal bierah filghodu, ma kellu xejn. Iltqajt mighu, kif hareġ mill-uffiċċju... Sellimli u dahaqli... Kien allegru bhas-soltu.

Sergio : Imma x'tahsbu li tah hekk f'daqqa wahda?

Tereża : Jiena nghid li dik id-dulliegha kienet il-kaġun.

Sergio : Id-dulliegha?

Mario : Possibbli?

Tereża : Iva! It-tabib qal d-dulliegh li kiel ikkaġunalu indiġestjoni

indiġestjoni.

Silvio et Luna (Jean Despott et Nelson Orr).

Guglielmi (a Scalpello)

Sergio : Miskin!... Kien tant twajjeb!... Kien tant ġeneruż!.

Mario : Kien tassew ruh tajba.

Sergio : Ma nistax innehhieh minn quddiem ghajnejja... Konna ħbieb intimi.

Mario : Eh!... Destin!... Destin ikreh!....

(Mill-bieb ta' fuq ix-xellug, tidhol ġarà ohra, bi skutella brodu f'ida. Tersaq bieha lejn Maria.)

Luisa : Ġibtlek ftit brodu, sinjura.

Maria : (Waqt li twarreb l-iskutella kważi b'disgust:)

Le, Le..... M'ghandi aptit xejn... ma nistax...

Luisa : Ipprova, sinjura, ftit brodu jaghmillek tajjeb.

Tereża : Sew a qegheda tghidlek, Luisa....ilhek b'xejn mill bierah.

Maria : (Kważi titlobhom:) Emmuni li ma nistax... Nitlobkhom tinsistux.

(Mill-bieb tal-faċċata jidhlu żewġt-ihbieb, raġel u mara. Ghal ftit jieqfu ndeċiżi, iharsu lejn xullxin. Jersqu lejn il-bieb li minnu jidher it-tebut - jibqghu wieqfin ghal ftit, qishom skantati, b'rashom baxxuta, b'qima lejn il-mejjet, imbaghad jersqu lejn id-divan. Il-mara, kommossa, tghannaq u tbus lil Maria.)

Lina : Ghażiża tighi!... Anġlu ta' qalbi!...

(Maria tinstama' tibki iżjed qawwi waqt li Silvio irrassilha idejha bla ma jkellimha.)

Lina : (Waqt li toqoghod flok Tereża li din issa qamet, u taqbdilha idejha:)

X'disgrazzja!.... X'kolp ikreh kienet ghalina din l-ahbar.... Kif qaluli, hassejtni sejra niġġennen... Anke żewġi, beda jibki bhal tarbija... Emminni, Maria, It-tnejn bkejna... It-tnejn tlifna l-paċi taghna.

Silvio : (Waqt li jċaqlaq rasu,b'sospir qawwi:)

X'isfortuna!... X'disgrazzja!...

Lina : Kien habib imprezzabbli.... Ghidli, Maria, kif miet hekk malajr?

Tereża : Kiel ikla dulliegh.

Lina : Dulliegh?

Tereża : Iva... Ghamliżlu ndigistjoni.

Lina : Xwahdadin... id-dulliegh, dejjem bżajt minnu, l-aktar meta dan ikun fis-silċ.

(Mill-faċċata jidhol Guglielmi, raġel żagħżugh, distint u eleganti. Jieqaf fuq il-bieb, ikkonfondut, iħares madwar il-kamra. Sergio u Mario iselmulu b'rispett kbir. Guglielmi jselmilhom billi jbaxxi kemm, kemm rasu. Jersaq fejn jidher it-tebut u jibqa' ghal ftit wieqaf fuq il-bieb b'rasu baxxuta. Il-persunaġġi jidhru qed jħarsu lejh. Mario u Sergio jidhru qed jghidu xi kelma bejniethom.)

Silvio : (Isaqsi lil Sergio b'lehen baxx:) Minn hu dan is-sinjur?

Sergio : L-Inġinier Guglielmi, id-Direttur tal-Fabbrika fejn kien impiegat Adriano.

(Lina thares lejn żewġa b'harsa nterrogat-tiva. Silvio jressaq fommu ma widnejha u itieha l-informazzjoni. Sa dan it-tant, Guglielmi jersaq lejn id-divan. Kullhadd jidbissimlu u jsellimlu bla kliem xejn. Lina tidher qed tixxotta d-dmugh. Ohrajn jinstemghu jissospiraw. Guglielmi jersaq lejn Maria, li ghadha ma ntebhitx bieh u jibda jkellimha b'lehen gravi u kommoss:)

Guglielmi: Kuraġġ... kuraġġ, sinjura.

Maria : (Terfa' rasha u testendi ida waqt li b'lehen baxx:)

Grazzi, Guglielmi, grazzi....

(Silvio jaghmel sinjal lil Lina. Diskre-tament, it-tnejn jidbeghdu ftit. Guglielmi jogoghod bilqeghda hdejn Maria u jkellimha b'lehen gravi u kommoss.)

Guglielmi: Maria.... Naf li bhall-issa, kull kelma ta' konsolazzjoni ghalik, hija haġa fierha.... Nixtieq nghidlek biss li jiena irrid niehu shem mighek fin-niket u fid-dulur l-int tinsab fieh bhall-issa.... Dan, jien qed naghmlu, bis-sinċerita' tal-ħbiberija taghna.

(Dawn il-kelmiet iġaghalu lil Maria tinfexx f'bikja siekta. Hija tghatti wiċċa b'idejha waqt li tinstama tghid b'lehen imbikki:)

Maria : Imsejken Adriano..... X'sejra naghmel issa? X'sejra naghmel minghajru?

Guglielmi: Kuraġġ, Maria... Din id-disgrazzja hija prova li d-destin ried jaghmillek..... Jehtieġ l-int taghmel kuraġġ.... Hemm bżonn l-int tissielet mal-mewġ li qed johoda kontra tighek.

Maria : (Bhal wahda miblugha) Meta niftakar li żewġi m'ghadux iżjed mighi... li m'inhix sejra narah iżjed, nahseb li jiena qed niġġennen.... X'ghamilt jiena biex Alla jikkastigani b'dan il-mod? Ghaliex ma hax lili ukoll mighu?

Guglielmi: Titkellimx hekk, Maria... Bhall-issa, int, ma tafx x'inti tghid... Nixtieq li nista' jnissel fik kuraġġ... tama fil-ġejjieni.... Bhall-issa, jiena nhossni immikket ghal kollox u ghalhekk qegheda tonqosni l-hila.

Maria : Nirringrazzjak, Guglielmi... nirringrazzjak....

Guglielmi: Nixtieq nghidlek ukoll li minn issa l-quddiem, inti tista' tghodd fuq il-hbiberija taghna... F'dik il-hbiberija sinċiera li ila teżiżti ghaixtaxx bejnietna ghal tant snin. Maria, f'kull-hin.... f'kull-okkażjoni, jiena nitolbok li tiftakar fija.

Maria : (Kommossa, trosslu idu) Kif sejra nibda nirringrazzjak?

(Guglielmi jidher imhasseb, donnu li irid jghid xi hag'ohra, imbaghad jidbaxxa ibusilha ida u bla kliem, jitbieghed u imur joqoghod hdejn l-ohrajn.)

Guglielmi: (Lil Sergio) Meta se' isir l-funeral?

Sergio : Ghada filghodu, fis-seba'.

Guglielmi: Hekk kmieni?

Mario : Se' jsir dak il-hin, appuntu biex shabna jkun ta' l-uffiċċju jkunu jistghu jiġu.

Guglielmi: Sewwa, sewwa... nittama li hadd minkhom ma jonqos.

Sergio : M'ghandekx ghax tiddubita, Sur Guglielmi.

Guglielmi: Tajjeb! Jiena behsiebni niġi ukoll.

(Hawn jilmaħ bust tal-bronż fuq il-kredenza li jirrappreżenta lil Adriano)

(Waqt li jhares lejn Sergio) Adriano?

Sergio : Iva! Dak il-bust kien ghamilulu habib tighu.

Mario : Ghadni ma nistax nemmen.... Anqas ilu xahar li kien...

Guglielmi: (Waqt li jiftah idejh) Destin ikreh... (Tohroq).

(Jibqa' ghal mument imhasseb, jhares lejn il-bust, imbaghad jagħmel sinjal b'rasu lil Mario u lil Sergio u wara li dawn isellmulu, jibqa' hiereġ.)

Sergio : Smajtu x'qal? Behsiebu jiġi ghal funeral.

Mario : Każin ghalina ghaliex jkollna niġu ahna ukoll.

Sergio : Fis-sebgħa.. Ikollna inqumu kmieni. X'naghmlu, immorru?

Mario : Immorru. (Wara li jsellmu lill-ohrajn, johorġu)

Lina : (Wara sospir qawwi, issaqsi lil Maria:)

Ser joqoghod xi hadd mighek, il-lejla?

Tereża : Jiena kont noqoghod bil-qalb kollha, imma ghad irrid inredda lil baby.

Luisa : U jien, billi ghadha żewġi sejjer isiefer, il-lejla irrid nippreparalu hwejjġu, imma b'dan kollu nkun nista' niġi inqatta' mighek xi siegha.

Tereża : Jien ukoll, kif inraqqad lil baby, nerġa' niġi.

(Jersaqu lejn id-divan)

Lina : (B'lehen baxx, lil zewġa) Nghidulha li ser toqoghod maghha int?

(Lihen Adriano).

Arlogg muzika

Prepare to dim lights

Silvio: Jien? Mela qegheda tiġġennen? Noqoghod lejl shieh imqajjem?

Lina : Ghall-inqas noffrulha, hi, m'hix sejra taċċetta.

Silvio: U jekk taċċetta?

Lina : Allura ngibulha xi skuża. (Jersqu huma ukoll lejn id-divan.)

(Bhall-issa, Tereża u Luisa jinsabu hdejn Maria.)

Tereża: Jiena sejra nippreparu ċ-ċena.

Luisa: Mur, mur, sa dan it-tant, hawn, noqoghod jien.

Maria : Le, le..... Morru nitlobkhom... Jiena m'ghandi bżonn xejn.

Lina : Inthom tistghu tmorru.... hawn ahna, maghha. (Thares lejn Maria) Silvio jof rilek joqoghod mighek il-lejl kollu.

Maria: Le, le, m'hemmx ghalfejn... grazzi hafna.

Lina : Jidhirlek li ghandna nhalluk wahdek? Le, le... (Waqt li qegheda titkellem, taghmel xi sinjali lil Silvio biex jghid xi haga huwa ukoll.) Silvio joqoghod jaghmillek kumpannija.. l-ahhar haga li jista' jaghmel mal-habib tighu.

Silvio: Iva, sinjura... jekk trid, jiena nibqa' mighek il-lejl kollu...

Maria : (Kważi titlob hil hniena) Le...nitlobkhom... halluni wahdi... Ghandi bżonn noqoghod fil-kwiet... ghandi bżonn li ma nara lil hadd... li ma jkellmunix...

(Silvio jaghmel xi gesti lill Lina biex ma tk mplix tinsisti, imma din, terga' mill-ġdid.)

Lina : Ma jistax jkun li nhalluk tghaddi dan il-lejl wahdek... abbandunata minn kullhadd. Silvio joqoghod f'dik ir-rokna, fuq dik il-pultruna... Nittama li ma tiċhadlux dan it-tribut li huwa jixtieq jaghti lil habib tighu ghall-ahhar darba... Adriano, ghalieh, kien qisu huh.

Maria : (Bhal wahda li qed titlef il-paċenzja) Imma ghaliex? Ghaliex tinsisti? Qegheda nitolbok bi pjaċir ... Morru... morru u halluni... Jiena nirringrazzjakhom... nirringrazzja - khom minn qalbi..ikkumpatuni... ghandi bżonn noqoghod wahdi.

Silvio: Jekk is-sinjura tippreferi toqoghod wahidha...

Maria : Iva... Wahdi ahjar... Jiena nirringrazzjakhom xorta wahda ... (Iddur fuq l-ohrajn) Anke inthom... M'hemmx ghalfejn tinkomodaw ruhkhom... Jiena m'ghandi bżonn xejn.

Luisa : Jekk tkun trid xi haga, kemm issejjahli, sinjura.

Maria : Nirringrazzjak, nirringrazzjak, Luisa.

Tereża: Il-brodu qeghedtulek fuq il-kuċiniera, kemm issahhnu.

(Maria tidbissem bhal wahda li m'ghandha aptit ta' xejn. Lina tghannaqha maghha u b'lehen kommoventi)

Luisa : Imsejkna.... Imsejkna, Maria.

Muzika tiegħi.

Passi minn ġewwa.

Adriano

Silvio: (Joħdila b'ida b'arja ta' wieħed melankoniku) Sinjura....

(Il-persunaġġi joħorġu. Maria, bħall-issa tidher wieqfa ħdejn il-mejda sewwa,sew, f'nofs il-kamra. Ix-xena, dejjem qegħda tiddallam. Mill-bieb, fejn jidher it-tebut, jidhru l-fjammi tal-gandilabri. Maria għal ftit tibqa' wieqfa, thares fil-vojt, donna mitlufa. Ħawn il-leħen ta' Adriano, mill-ġdid jinsta,a' jirrakkonta:)

Leħen Adriano: Kien dalam għal kollox. Għadni niftakar, l-arloġġ instama idoqq it-tminja.....

(Ħawn jinstamaw it-tokki ta' l-arloġġ)

.... Imbagħad ir-radjo ta' wieħed li kien joqoghod fis-sular ta' taħtna. ...

(Jinstama' radjo idoqq ritmu ballabbli.)

(.. Għal din il-mużika, Maria, donna tigi f'sensieha. (Bħal waħda feruta minn din il-mużika, tersaq lejn it tieqa (u talaqgha. Il-mużika ma tkomplix tinstama')

.... Imbagħad dik il-mużika waqfet f'daqqa waħda. F'dak is-skiet bdejt nisma' l-passi ta' dawk li kienu ġejjin u sejrin fil-kamra ta' ħdejja. Ħassejthom jersqu lejja, jieqfu ftit u mill ġdid jerġgħu jidbegħedu. Anke il-ħsejjes tal-passi, issa m'għadhomx jinstemgħu iżjed.

(Waqt li leħen Adriano jippronunzja l-aħħar kelmiet, Maria, b'pass għaġjien, tersaq biex tixgħel id-dawl, tersaq lejn il-bieb, mnejn jidher it-tebut, tieqaf tersaq lejn id-divan, incerta u skantata u tintelaq bilqegħeda, b'għajnejn maghluqa)

Leħen Adriano: F'dan il-waqt sar il-miraklu. F'riġlejja u f'dirgħajja, bdejt inħoss tingiż qawwi... tingiż insopportabbli... Ħsiebt lid-dud kien ġa qed jagħmel għalija. Imbagħad fwawar kbar bdejt inħossħom telgħin ma' ġismi u f'rasi, taħbit tal-biża... Il-pulmuni ħassejthom mill-ġdid jiffunzjnaw u n-nifs gagħalni niftaħ għajnejja. Ir-rieħa tal-fjuri, li kien hemm madwari, ħassejtha qed tistordini. Ħawn, tajt salt biex inqum... F'daqqa waħda, sibt ruħi bilqegħeda fit-tebut. Bdejt inhares madwari, qisni wieħed ibleh. L-erba' xemgħat kienu qed jixgħelu ma ġenbi. Fuq sidri ilmaħt imdendel salib ta' kavalier.... F'dan il-waqt, waqaġli s-salib minn idi. Bqajt għal ftit inhares qisni miblugħ, imbagħad, b'salt li tajt, qomt u hriġt mit-tebut. Bdejt nixxenġel, la naf bid-debbulizza u l-anqas bl-isturdament. Ersaqt lejn il-bieb u dħalt fil-kamra tal-pranzu.....

(Adriano jidfaċċa fuq il-bieb, liebes ġakketta sewda u qalziet irrigat. Fuq sidru jidher imdendel is-salib ta' Kavalier. Xi fjuri u xi weraq jidhru għadhom imwaħħla ma' ħwejjġu u ma' xaru. Għal ftit jibqa'

Tazza ilma (sewwa)

Lights On



(inċert, indeċiż, imbaghad jersaq lejn id-divan, fejn hemm Maria, mitluqa, b'ghajnejha maghluqa. Imissilha, kemm, kemm ida. Maria tiftah ghajnejha u d-dawwar rasha bil-mod. Tilmah lil Adriano, tqum tigri, tghajjat ghajta kbira u terġa' taqa' svenuta. Adriano jibda icaqlaqa u jsejhilha biex iġibha f'sensieha.) Tixghel il-lampa.

Adriano: Maria!... Maria!..... Alla tighi!... Maria!... Maria!...

(Jaqbdilha idejha, ibushomla, imellsilha rasha u jsejhilha:)

Maria!.. Maria!....

(Ihares lejha konfus, miblugh ...Imur jigri fil-kċina. Jerġa' l-ura b'tazza ilma f'idu. Gharkuptejh hdejha, ixarbilha mohha, waqt li jsejhilha:)

Maria!... Maria!... Maria!....

(Maria tidher tistejqen, tissospira nifs qawwi, tghaddi ida fuq ġbina. Adriano, bhall-issa, jinsab gharkuptejh f'riglejha, ansjus:)

Maria!... Maria!....

Maria : (Thares lejh bhal wahda li qegheda tohlom, bhal wahda li ma tafhux, imbaghad tberraq ghajnejha u kważi ittemtem:)

Adri...ano!....

Adriano: Iva!.. Jien hu Adriano... Ikollok hniena... Terġax tintilef minn sensik.... Maria... ibqa' kalma... Jien hu Adriano... Iva... jien... kollni kemm jien.... haj... mimli bil-ghomor... Missni... missni b'idejk u ara l-verità.

Maria : (Imbazza', tirtoghod u it-temtem:)

Imma... kif? Kif... jista' ... jkun???

Adriano: Haġa li ma titwemminx.... Irġajt qomt... Le!.. Le!.. x'jiena nghid... Jiena kont imqajjem il-hin kollu... Imma ma stajtx... ma stajtx nitharrek u issa... issa, f'daqqa wahda wahda.....

Maria : (Tmisslu spallejh - wiċċu u t-temtem)

Adriano.... Adriano....

(Imbagh$_a$d bhal wahda mitlufa fl-imhabba tghanqu maghha, u:)

Mahbub Adiano tighi.... Imma, allura.....Alla tighi/... Le, le.... titharrikx... Ibqa' kif int... Qegheda nisthajjilni f'xi holma... holma terribbli...

(Tbusu fuq mohhu,.tbuslu xaru, thares lejh fiss biex tkun sgura li ghadu haj)

: Jista' jkun? Possibbli li m'inhix nohlom? Hallini nhares lejk... Hallini nisma lehmek... Ghidli, ghidli Adriano... sofrejt xejn kemm ilhek mitluf?

Adriano: Orribbli!... Tal-biza!... M'hux l-ugieh fisiku... le... dak ma kien xejn, imma l-biza... il-biza kien terribbli... Gib quddiem ghajnejk... kont qed nisma kollox... l-ilhna, il-kliem, il-passi, il-biki tighek... Kemm gaghaltni nsofri, Maria... Riedt nghajjat... riedt nghidlek: "Le!... Tibkix izjed... jien m'inhix nejjet..." ma stajtx... kien impossibbli...

Maria : Alla tighi... x'biza.... Imma kif? Kif ma ntebhux l-int kont ghadek haj?

ADRIANO: Ma nistax nifhem... milli nista' nahseb, l-apparenza tighi, kienet turi li jiena nejjet... m'hux l-ewwel darba li qrajt fuq kazi simili... qatt ma kont nemmen.... kont nahseb li dawn ikunu qlajjiet tal-gurnalisti.... Kont imqarraq, ghaliex issa, dan il-kaz, gara lili... Kaz terribbli... Ghidli, Maria, x'kont naghmel, kieku ma qomtx qabel ma ni zzluni fil-qabar?

Maria : (Imkexkxa) Le, le... tkomplix nitolbok... Il-hsieb biss li kont ser tigi midfun haj, igemminni. Ghidli, Adriano, kif thossok issa? Trid nsejjah tabib?

Adriano: Le, le, Maria... Jiena nhossni tajjeb hafna.

Maria : (Waqt li turi eh id-divan) Oqoghod bilqegheda, Adriano, l-istrapazz jaghmillek hazin.... issa jehtieg li zzomm ruhek kalm... toqoghod mistriek... imtedd, imtedd ftit.

Adriano: (Dahqan) Le, Maria... ikollok hniena... ili mindut erba' u ghoxrin siegha... nghidlek is-sew, il-pozizjoni li kont fieha ma tantx toghogobni... l-aktar meta niftakar li kont ser nibqa' fieha ghall-ghomri.

Maria : Imma kif, ghandek aptit ticcajta, wara dak li ghadda minghalik?

Adriano: U ghaliex m'ghandix niccajta? Bhall-issa, qed inhossni ser intir bil-ferh... Tajjar dawk il-buli minn fuqhek... Maria, ifrah... ifrah mighi, li rgajna ltqajna.. Ghidli, m'inthix kuntenta li rgajt rajtni???

Maria : (B'dahqa sfurzata) Iva... iva... kuntenta hafna... Jiena stess, anqas naf x'nibda nghid... Inhossni ma nistax nemmen... inhossni miblugha... donnhi qed nibza minn dan il-ferh li qed inhoss bhall-issa.

Adriano: (Waqt li jmelsilha wicca) Imsejkna Maria... Ghalija, inti xerridt hafna dmugh... Ghal kull demgha li xerridt, jien irrid ndahqhek dahqa... Ahseb ftit, Maria, dawk ix-xeni ta' biki.. ta' niket,.l-int rajt f'din il-kamra, issa imbidli f'xeni ta' ferh, ta' dahq... Iz-zjajjar tal-girien taghna, il-kondoljanzi... dawk il-gandilabri li ghadhom jixhgelu... ejja... ejja naraw x'effett qeghedin jaghmlu bhall-issa... (jaqbadha minn drieghha u jigbidha lejh in-naha tat-tebut)

Maria : (Turi li ghadha mbazza') Le, le...

Adriano : Xi gralhek? M'niex qegheda tibza, issa? Jien aninsab hawn... hdejk.... (Jurieha t-tebut) Sa ftit ilu, dik ix-xena, kienet tidher tragika... imma issa.... (Waslu hdejn il-bieb li minnu jidher it-tebut) Maria thares lejh bil-biza - Adriano jidher li qed jiehu gost ihares lejn it-tebut) Xi jghid, kiekk xi hadd jidhol fuqna u jarana flimkien? Il-mejjet u l-armla, labranzetta, jitkellmu bil-kalma kollha. (Maria tinfexx tidhaq bla ma trid) Ah!... Issa, brava... Fl-ahhar qegheda tidhaq int ukoll... Issa kuntent... Ma nistax nimmaginа sitwazzjoni izjed ridikola minn din.... Ftit ilu, jiena kont ninsab, hemm, f'dak it-tebut... int kont qegheda tibki, iddisprata...il-girien gew ituk l-ghomor... gew jikkonslawk... veru? It-tabib ukoll gie jarak....

Maria : Iva, miskin.. dan kien gentili hafna.

Adriano : X'qallek, Maria? Ghidli x'qallhek....

Maria : Jien stess anqas naf... Ma niftakarx... Naf li qalli hafna xorti....

Adriano : Nittama li kont gentili mighu, Maria... Ghidli, irringrazzjajtu?

Maria : X'jidhirlek, Adriano?

Adriano : U shabi? X'qalu shabi ta' l-ufficcju? Ghalihom, kienet fortuna li helsu minni.

Maria : Tghidhx hekk, Adriano... Huma ghelew hafna ghalik.

Adriano : Bil-kliem, hux tassew? Nilghab imhatra li Bianchini, ga ha l-iskrivanija tighi... X'vicc sejjer jaghmel, meta mill-gdid jarani quddiemu? X'jghid meta jiena nghidlu: "Habib, erga' mur fuq l-iskrivanija tighek" Tkun tassew xena tad-dahq... (Jidhaq flimkien ma' Maria) U x'inghidu ghal ghada, meta jigu ghalija l-bekkamorti? Immur jien stess nifthilhom il-bieb... jiena nghidilhom: " Jissobbija, sinjuri, din ic-cerimonja giet imhollija ghal darb'ohra" (It-tneja jidhqu) Ghidli, ftit, Maria, int ga hallasthom l-ispejjes tal-funeral?

Maria : Iva, kollox hallast, imma ghadnix ma nafx kemm qamet l-ispiza kollha.

Adriano : Xi klassi kien ser jkun l-funeral tighi?

Maria : Prima... prima klassi....

Adriano : Mara halja.. inti stajt tibaghtni terza klassi...

Maria : Ikollok hniena, Adriano.. tahsibx li kelli l-vicc tost li nittratta mighek b'dan il-mod. Dak kien sejjer ikun l-ahhar rigal tighi.

Adriano : (Bil-hlewwa) Nizzik hajr... nizzik hajr, Maria... Qieghed naghli ghal flus li nfaqt....

Maria

Maria : (Werfa' spallejha) Pacenzja!... X'jimporta?

Adriano : (Waqt li juriha l-fjuri fil-kamra l-ohra) X'hala ta' fjuri.... minjaf kemm infaqt fihom... Taf x'naghmlu, Maria, naghazlu l-ahjar u naghmlu bukkett sabieh ghal fuq il-mejda... qieghed insemmi l-mej da.... m'hemmx xi haga x'niekol, hux, ghandi guh nibla l-art.

Maria : Miskin... ghandhk ragun, ilak ma titrejjaq mill-bierah.

Adriano : Nahseb li anke int, Maria, iffjakkajt.

Maria : Le, bhall issa ghandi bhal ghoqla fi grizmejja...

Adriano : Isma minni, kull xi haga, Maria, dik l-ghoqla, tibzax, ma thosshiex izjed..... issa, ejja nirrangaw xi haga malajr... flimkien, nieklu wahidna f'din il-hemda, nkunu qisna zewg gharajjes friski... Xi tghid, Maria?

Maria : Iva, iva... imma qed nibza li fil-kcina ma baqa' xejn. Halli mmur nara... X'ghandek aptit, Adriano;;; nitolobok tiskuzani... bl-inkwiet li kelli dal-granet, ma hsiebt xejn ghall-ikel.

Adriano : Mur, mur, lesti xi haga, Maria... sa dak-tant, jiena nipprepara l-mejda.

(Waqt li Maria tohrog mill-bieb li jaghti ghal kcina, Adriano jibda johrog mill-kredenza, xi platti, frieket u tazzi. Dawn iqeghedhom fuq il-mejda li tidher mimlija b'xi karti. Maria terga' tidhol)

Maria : Bajd, gobon u frott ghandhi, Adriano... Tiekol hekk?

Adriano : Hekk biss?

Maria : Hemm skutella brodu, offritieli ta' hdejna.

Adriano : (Iddisappuntat) Brodu!... Jiena xi platt spagetti kelli aptit.

Maria : Jiddispjacini... Jekk trid, immur nissellef ftit agin minn ghand ta' tahtna.

Adriano : (Waqt li jibda jirranga l-platti u l-frieket) Ma jimpurtax, Maria... nikkuntentaw bil-bajd u l-gobon.

Maria : Stenna, Adriano, stenna... qabel xejn, naghmlu d-dvalja.

Adriano : Fejn qegheda?

Maria : (Waqt li tohodlu l-frieket minn idu) Halli... halli kollox ghalija... Sa dak-tant, igbor dawk il-karti... (Tmur iggib id-dvalja mill-kredenza)

Adriano : (Jigbor il-karti fil-genb tal-mejda) X'inhuma dawn il-karti kollha, Maria?

Maria : (Waqt li tifrex id-dvalja sa nofs il-mejda)

Anqas naf... telegramm... ricevuti... hemm ukoll dawk il-karti li kien hemm fil-kommodina. L-Avukat Gerbini talabni d-dokumenti kollha li kellhi.

(Waqt li Maria qed tirranga l-pozati, il-platti u t-tazzi, Adriano jibda jezamina l-katti li ghandu quddiemu)

Adriano : Kemm telegramm... Kemm kondoljanzi.... Ah!... Hekku, il-ktieb tal-bank.

(Adriano jezaminah, imbaghad b'wiccu mqarras:)

Taf xejn kemm baqaghalna, Maria?

Maria : Kemm baqa'?

Adriano : Tliett-elef u mitejn lira.

Maria : Eh... pacenzja.... issa, li hemm, hemm.

Adriano : Din ic-cajta, swietilna hafna... Dak li faddalna b'hafna tbatija, mar f'daqqa wahda.

Maria : Nergghu nibdew mill-gdid, xi trid taghmel.

Adriano : Ma nistghux nagh;lu hag'ohra...

(Maria terga' tohrog waqt li Adriano jezamina l-karti kollha. Jaqbad folja hoxna, mitwija f'erba', jiftaghha u jaqraha. Maria terga' tidhol bi platt bil-gobon u xi hobz)

Maria : Kif tridu, l-bajd, froga jew moqli?

Adriano : (Waqt li jahres lejha bhal wiehed sturdut) Skuzi?

Maria : Staqsejthek jekk trid froga jew bajd moqli.

Adriano : Ghalija, xorta, Maria... ghamlu kif trid.

(Maria tavvanza lejn il-bieb. Adriano li ghad ghandu l-folja f'idejh, isejhilha)

Maria!... Ersaq l-hawn.... Taf x'inhi din il-karta?

Maria : (Wara li ttieha daqqa t'ghajn) Le, jaqav?

Adriano : (B'lehen irpusat) Il-polza ta' l-Assikurazzjoni.

Maria : Iva... Kellimni fuqha l-Avukat Gerbini... Gaghalni ukoll niffirma xi haga... Jidhirli li qalli li kienet importanti hafna.

Adriano : X'telfa din....

Maria : Telfa???

Adriano : Telfa ta' tliett-mitt-elf lira!...

Maria : Tliett-mitt-elf lira!...

Adriano : Aqra ftit.... "F'kaz ta' mew ta' l-Assigurat, is-Società thallas is-somma ta' Tliett-mitt-elf lira."

(Maria thares lejn Adriano. Ghal ftit jibqghi jharsu lejn xulxin, donnhom li gew milquta minn xi hsieb)

(Waqt li jerga' jitwi l-folja) Ahseb ftit, Maria... Haj, ma jien ikkalkulat xejn.... Mejjet, niswa tliett-mitt-elf lira....

Maria : Dan, kollu kliem fierah... Oqoghod bilqegheda halli ngiblek il-froga.

(Titlaq biex tmur fil-kcina. Adriano, li jidher imhasseb, jerga' izommha)

Adriano Stenna, Maria.. stenna ftit.

Maria : (Waqt li tieqaf) Xi trid? X'gara?

Adriano : (Bhal wiehed li rega' biddel l-idea) Xejn, xejn... mur, mur, lesti l-froga...

(Maria tohrog. Adriano jerga' jaqbad il-folja, jaqra mill-gdid. Jibqa' ghal ftit imhasseb. Imut ihares mill-bieb tal-kamra tas-sodda; jilmah il-gandilabri jixghelu. F'salt wiehed, bhal milqut minn xi hsieb, jersaq lejn il-bieb li jaghti ghal-kcina, u b'lehen baxx u ansjus:)

Maria!... Maria!....

Maria : (Tidfacca fuq il-bieb) X'gara, Adriano, x'inqala?

Adriano : (Dejjem b'lehen baxx u ansjus) Ghidli, Maria.... L-avukat gaghalhek tiffirma d-denunzja tal-mewt ghall-Assikurazzjoni?

Maria : Iva, x'aktarx... ma nassigurakx... Jekk ma nizbaljax, smajtu isemmi xi haga fuq l-Assikurazzjoni. Taghni karta.. qalli li kienet urgenti... talabni niffirmaha u jien iffirmajtha... Ippermettili, Adriano... il-froga, qegheda fuq in-nar.

(Maria tidhol fil-kcina. Adriano, ghal ftit jibqa' hdejn il-bieb. L-idea qed tisviluppa - jippassigga mal-kamra bhal wiehed inkwiet. Jieqaf hdejn il-bieb li minnu jidher it-tebut. Maria terga' tidhol mill-bieb tal-kcina bi platt u tqeghed fuq il-mejda;)

Maria : Il-froga lesta, Adriano.

(Adriano jersaq lejha, b'wiccu ferhqn u dahqan; ihares lejha ghal ftit, imbaghad, waqt li javvicina izjed, iqigheđ idu fuq spallejha u wara li jhares madwaru, bhal wieħed li qieghed jibza li jisimghu xi hadd, jghidilha b'lehen baxx)

Adriano : Ismaghni, Maria... Jiena ninsab mejjet!

Maria : (Waqt li taghti pass l-ura bhal wahda mbazza':)

Alla tighi!... X'inti tghid, Adriano?

Adriano : Xxxxxxxx... Tghajjatx!... Ifhimni tajjeb x'sejjer nghidlek.... Jien ghan-nies, ninsab mejjet... qegheda tifhimni? Mejjet ghal kullhadd....

Maria : Adriano....

Adriano : Le... hallini nkompli... hallini nispiegalhek... It-tabib, ga iffirma c-certifikat tal-mewt tighi... Lili, ga qegheduni fit-tebut u ma jonqosx hag'ohra ghajr li jidfnuni....

Maria : Imma ghaliex?... Ghaliex tibqa' ssemmi dal-hwejjeg tal-biza?

Adriano : (Waqt li jaqbdilha drieghha, bla pacenzja:)

Kif??? Possibbli li ghadhek ma fhimtnix??? L-Assikurazzjoni!....

Maria : X'igifieri?

Adriano : (Dejjem izjed agitat) Bhall-issa, is-Società ta' l-Assikurazzjoni, ga lesta biex thallas is-somma... X'jidhirlhek, Maria? Tliett-mitt-elf lira!...

Maria : (Li ntebhet bil-hsieb ta' Adriano) Imma kif?... Kif jista' jkun???... Possibbli l-inti trid?.... (B'mossa ta' wahda mbazza') Le!... Le!.... Kif tista' biss tahseb fuq dan?

Adriano: Il-fortuna, Maria... Il-fortuna li laqtitini hekk ghall-gharrieda.... Bla ma kont nistenniha qatt... Maria, m'inthix tintebah kemm huwa semplici l-pjan tighi? Id-destin, donnu li ried ifassal dan il-pjan biex jghina... biex jarana nghixu izjed felici.... Maria, ufficjalment, jiena ninsab mejjet.... L-Awtorità, ga rregistrat il-mewt tighi... Ghan-nies, jiena ninsab hemm, f'dak it-tebut... imgezwer f'lizar.... imdawwar bil-fjuri... Iva, ghada filghodu jghalqu dak it-tebut u johduni ghad-difna... Hadd ma jobsor. le, hadd... immagina ftit, Maria...

Maria : (Tghatti wicca b'idejha, imbazza':) Tal-biza!...Dak li qieghed tghidli, qed ikexkixni....

Qampiena tal-bieb ta barra.

Qampiena mill-ydid

Qampiena aktar bil-qawwi

Gara. (Melita Trapani)

Adriano: Imma ghaliex qegheda tibza? Id-destin halla xxxxxjjx l-ghażla fòidejja .... Jew nibqa' mal-mejtin, jew nerġaò l-ura fost il-hajjin. Maria, jekk nibqa' mal-mejtin, jiena nikseb is-somma ta' 300,000 lira.... Jekk nerġa' nirritorna mal-hajjin, nsib ruhi fl-uffiċċju, b'paga miżera.... dejn... faqar... le, le.... nippreferi nibqa' mal-mejtin... Imbaghad, ahseb ftit, Maria... (Jieqaf f'daqqa, ghaliex tinstama' id-doqq il-qampiena tal-bieb ta' barra, imbaghad b'lehen baxx) Il-bieb, Maria.

Maria : (Waqt li tkun ser tigri lejn il-bieb) Iva. ġie xi hadd.

Adriano: (Iżommha u ikellimha b'lehen baxx hafna) Le... hallihom iċemplu.... tiftah lil hadd.

Maria : (B'lehen baxx ukoll) Ghaliex?

Adriano: (Waqt li jaqbdila ida, b'lehen ta' kmand) Tiftahx, ghedtlek.

(Jibqghu it-tnejn weqfin bla ma j jiċċaqalqu, ansjusi, jistennew ir-riżultat - tinstama' il-qampiena iddoqq mill-ġdid.)

Adriano: (Dejjem b'lehen baxx hafna) Min ata' ġie?

Maria : Ma nafx... Forsi xi wahda mill-ġirien... Jehtieg li mmur nara minn ġie.

Adriano: (Wara li jahsiba ftit) Iva, mur iftah... Iftah bla kliem xejn.

Maria : Xi iġifieri?

Adriano: Ebda kelma fuq dak li ġara... Xejn... Qegheda tifhimni? Ehles minnha malajr. (Hafif, jitira lejn il-kamra tas-sodda.)

(Maria issegwieh b'ghajnejha, imhawda u mbażża'. Il-qampiena terġa' tinstama' aktar bil-qawwi. Maria tiddeciedi li tmur tiftah- tersaq lejn il-bieb u tiftah. Fuq il-bieb, tidfaċċa l-ġara.)

Ġara : Skuži, sinjura... Sgur qajjimthek... sgur kont rieqda.

Maria : (B'lehen ta' wahda mdejqa, bla kont:) Le, le,,, kont qegheda hamm, bilqegheda.

Ġara : (Waqt li tibda tesqa lejn il-kamra fejn jidher ittebut)

Gejt biex naghmel il-lejl ma l-imsejken Adriano.

(Maria, ghall-ewwel tibqa' skonċertata, bhal wahda li ghadha ma fehemitx. Meta l-ġara tasal fejn il-bieb, tghajj bhal wahda allarmata)

Maria : Le, le.... per karita'... Mur, mur..... mighu ser noqogho jien.

Ġara : Le, sinjura, int tidher ghajjiena hafna.... Int ghandek bżonn tistrieh.

Maria : Ma jimpurtax... ma jimpurtax... nirringrazzjak, imma nippreferi noqoghod mighu jien.

Adriano (Victor Tedesco)

Ġara : Kif jista' jkun, sinjura? Sahhthek ma tippermettilhekx... hallini noqoghod mighu, jien... jiena noqoghod fir-rokna tal-kamra, nitlob ghal ruhu.

Maria : (Dejjem izjed agitata) Grazzi, grazzi... jekk inti tixtieq titlob ghalieh, dan tista' taghmlu d-dar.

Gara : Thallini ghall-inqas, inqeghedlu żewġ wardiet fuq it-tebut?

Maria : (aktar inkwieta) Inqeghdhomlok jien... (tohdilha l-wardiet minn ida-) grazzi... grazzi... hafna.... mur issa, mur strieh.

Gara : Kifjoghoġbok, mela... jiena forsi nerga' nghaddi aktar tard.

Maria : Iva. izjed tard... grazzi.

(Il-ġara tohrog. Maria tghalaq il-bieb - jidhol Adriano.)

Adriano: (Agitat) Haffef, Maria.... M'hemmx zmien x'nitilfu.

Maria : (Mbażża') Le, Adriano... le.... nitolbok... Nibża... iva, nibża....

Adriano: Tibża mniex? Ikkalma... m'hemm ebda periklu.. Hadd ma jista' jinduna.

Maria : M'hux dak li qieghed ibeżżaghni... Dak l-int ma tistax tifhem.... ma nafx kif nibda nispiegalek... Hemm certi affarijiet li ahna ma nistghux nifmhuhom... Adriano, inti taf x'irrid infisser... (Tintebah li Adriano fehema) Hekku, inti fhimtni... Inti ukoll, issa qieghed tibża.

Adriano: (Ghal mument jibqa' jhares lejha, nċert, imbaghad, waqt li jgholli spallejh) Le, le.... din hija blugha tighek... halli kollox f'idejja.... Int ma taf xejn ....ma rajt xejn, Maria... qieheda tifhimni? Minn hawn u ftit iehor, terġa' l-ura l-ġara taghna, isa, Maria... (Ihares madwaru, ifittex xi haga) Ah!... Il-bust.... (Jigri lejn il-bust)

Maria : (Li qegheda issegwi kull mossa tighu) Il-bust? Imma, x'ser taghmel, Adriano? X'ser taghmel???

Adriano: Il-piż, Maria, il-piż....

Maria : X'piż hu?

Adriano: Ghadhek ma fhimtx??? Fit-tebut, m'ghadx hemm il-ġisem tighi... (Jittraversa l-kamra bil-bust f'dirghajh) Dan m'hux biżżejjed... dan hafif wisq... mur ġibli xi biċċejn hadid tqal...

Maria : X'ghedtli?

Adriano: Fil-kċina qeghedin... iva, il-hdejjed tal-moghdija.. Dak li ssib tqil, gibu hawn... isa, haffef....

(Maria tohrog tghaġġel. Adriano jiehu l-bust fil-kamra tas-sodda. Jerġa' jidhol waqt li Maria tidfaċċa b'erba' hadidied tal-moghdija. Adriano johodomla u waqt li jerga' ghal kamra tas-sodda, jghajjat:)

Adriano Dawn m'hux biżżejjed... jehtieġ pis iżjed... mur, mur sibli xi hag'ohra...

Adriano.

Sciarju

(Maria tibqa' konfusa, thares madwara, bhal wahda miblugha. Adriano jerġa' jidhol ansjus u aġitat)

Adriano: Ghamilt li ghedtlek? Sibtli xi hag'ohra???

Maria : (Kważi bla nifs) Le... xejn... Ismaghni, Adriano... hallini nkelmek ftit... irraguna ftit... ahseb fil-konsekwenzi.... Dan li trid taghmel int, huwa mbrolja kbira; jekk qatt tinqabad....

Adriano: (Eċċitat, ifittex b'ghajnejh madwar il-kamra) Imma, kif tridhom jaqbduni? Din hija haga mpossibbli... nisgurak... haga li ma tistax tkun....

Maria : Adriano!.. Nitolbok... Dan huwa genn tighek... Dawk il-flus m'ghandekx xi tridhom... Dawk ser ikunu flus misruqa... qieghed tifhimni, Adriano... misruqa.....

Adriano: (Mitluf) Irrid piż iżjed.... irrid nimla l-ispazju....

Maria : (Iddisprata) Adriano!.. Adriano!...Qed inkelmek u int m'inthix tismaghni... Tini l-attenzjoni tighek ghal mument wiehed bis... Jek tinqabad, inti tmur il-habs... ahsiba ftit, Adriano... ahsiba, nitolbok....

Adriano: (B'lehen inkurlat) Iskot, Maria... (Jilmah il-bust tighu tal-bronż) Ah!.. Dan il-bust huwa addattat hafna...

(Jersaq biex jiehu l-bust)

Maria : (B'ghajta kbira) Le, Adriano, le... Dak ma tmissux.... Dak huwa l-uniku rikordju tighek....

Adriano: (Jieqaf ihares lejha bil-bust f'idejh) Xi ħtiġa hemm ta' dan ir-rikordju? M'Ghandekxlili, mimli bil-ghomor???....

(Jibqa' sejjer lejn il-kamra tas-sodda)

SIPARJU.

In-Kena : Aduano:

Maria.

Muzika ghaddijja

TIENI ATT.

Sala wiesa mdawla. Fil-faċċata, ghan-naha tal-lemin, vetrata kbira li taghti ghal fuq terrazzin li minnu jidher il-bahar. Fuq ix-xellug, dejjem faċċata, tieqa baxxa u wiesa, bit-tendini. Fil-ġnub, żewġ bibien. Fis-sala, tidher armata sempliċi u modern. Divan u xi pultruni, fir-rokna, hdejn it-tieqa, mejda kwadra b'erba' siġġijiet, xi tavolina, librerija żghira b'xi kotba. vaċetti bil-fjuri, etc. Il-vetrata tal-faċċata, tinsab miftuha. Minna jidhru mxerrda l-hawn u l-hinn xi pultruni.

Kif jiftah is-siparju, ix-xena tidher minghajr persunaggi. Wara ftit, jidher ghaddej mit-terrazzin, Adriano, segwit minn żewġ irgiel, qeghedin jerfghu radiogramm. Adriano jidher liebes qmis, qalziet abjad u sandli. Wiċċu, issa, jidher minghajr mustaċċi u xaru, mimxut b'mod differenti minn qabel. Jidher ukoll b'arja ohra; igifieri izjed fuq tighu minn qabel.u izjed kalm.

Adriano: Hawn jekk joghoġobkhom. (Waqt liz-zewg irgiel iqeghedu ir-radjogramm fuq il-lemin, Adriano jersaq lejn il-bieb tal-ġenb u jghajjat:) Maria!.. Maria!.. (Johrog mill-but xi flus u itihom lil wieheđ mill-irgiel) Dawn, aqsmuhom bejnietkhom.

(L-irgiel jirringrazzjawh u johorgu. Adriano jerga' jghajjat:)

Maria!... Maria!...

(Jikkomunika ir-radjogramm mas-switch li hemm fil-hajt u iqieghed diska. Jinstama' id-daqq ta' tromba militari. Mill-bieb ta' fuq ix-xellug, tidher Maria, liebsa dressing-gown tal-harir. Wiċċa jidher kalm, dahqan u żaghżugh.)

Maria : (Sorpriza) Xi trid? X'gara? 23.

Adriano : (Jurieha it-Tape Recorder) X'jidhirlhek, Maria?

Maria : (Imperaviljata) Tape Recorder? Kemm hu sabieh! I mma, dan ghalina? (Waqt li s-sodd widnejha) Tiftahlux daqshekk... Izjed baxx... izjed baxx, per karità... Se' ittarraxni.

Adriano : Smajt x'forza ghandu? Kuntenta issa? (Iwaqqaf il-muzika)

Maria : Tistaqsini? Ma stajtx taghmilli rigal isbah minn dan. (Waqt li tosserva t-Tape Recorder) Sabieh tassew!

Adriano : Ghogbithek dik il-muzika? Ghadni kemm irrikordjajta.

Maria : Iva, iva, imma...

Adriano : Fhimthek... int tippreferi muzika klassika.

Maria : Kullhadd ghandu l-gosti tighu... Lilek, joghgbok il-marċi u t-trombi, lili, joghgobni Bethoven, Bach u Chopin...

Adriano : Ghid il-verita', Maria... Ma rridx noffendik b'dil-mistoqsija... Inti tifhima dik il-mużika?

Maria : Sgur li nifimha... tant hi sempliċi... tant hi faċli....

Adriano : Faċli??? Jien, nghid ghalija, ma nifhimx hlief it-trombi u it-tnabar... (Jerga' jiftah il-gramm) L-ahhar mudell... jiswa kemxa gmiela.

Maria : Tassew? Ghamilt hażin xtrajtu.

Adriano : Ghaliex ghamilt hazin? Ilna ghomorna kollu noholmu biex nixtru radjogramm... issa li nistghu nixtruh, nixtruh mill-isbah u mill-ahjar.

Maria : Iva, imma jekk nibqghu nonfqu l-flus b'dan il-mod, nistghu nixtru kull ma naraw.

Adriano : Thabbilx rashek... Inti joghogbok? Kuntenta? Dak l-agwa... il-hsieb hallieh ghalija.

Maria : M'hux ghax qegheda inhabbel rashi, imma, ifhimni ftit... dawn l-ispejjeż li qeghdin naghmlu, il-flus qeghdin itiru minn idjena... xi darba, ghad jispiċċaw... imbaghad fiex insibu ruhna?

Adriano : Ma nafx... ma nafx u m' irridx inkun naf.... Bhall-issa, irrid niehu dak il-gost li nberbaq il-flus... irrid li nissodisfa il-kapriċċi tighi... Dan huwa l-hena tal-hajja, li tonfoq... li taqta xewqtek... Il-flus li wieħed jaqla biex xoghol, ma jaghmlukx hieni... kull lira tisma li taqla, tfisser xoghol u tbatija... il-flus li qed nonfoq, ghalkuntrarju.....

Maria : Naf... qegheda nifhmek, imma jehtieġ li wieħed jahseb ghal gejjieni... ma nistghux inkomplu nghixu f'dawn il-kapriċċi... x'imdaqqiet, jiena nahseb il-hażin....

Adriano : Il-hażin... dejjem tahseb fil-hażin... Tiftakar, Maria, dak inhar, ukoll hsiebt hażin... Int hsiebt li konna sejrin ningabdu... li konna ser nispiċċaw il-habs.... Sar kollox il-kuntrarju... a propositu... il-lum, x'gurnata hi, Maria?

Maria : Ma nafx... l-Erbgha? Il-Hamis?

Adriano : Le, il-gurnata tax-xahar irrid naf.

Maria : Ftakarni li ma nafx... iż-żmien, ghalija, donnu sar ma ifisser xejn.

Adriano : (Sollennement) Il-lum, huwa l-Erbgha ta' Settembru.

Maria : B'daqshekk?

Adriano : Kif? Din id-data, ghalik, ma tfisser xejn?

Maria : (Wara li tahseb ftit) Ghalija? Le xejn... Ghaliex? Xi tfisser ghalik din il-gurnata?

Adriano : Il-lum, jahbat eghluq it-tletin gurnata.

Maria : X'igifieri?

Adriano : Imma x'razza ta' armla int? Xahar ilu, bhal-lum, l-imsejken ragel tighek... (ikompli l-frasi b'gest sinjifikattiv)

Maria : (Inkurlata u dahqana fl-istess hin) Le, le... Adriano... Ghedtlek kemm il-darba... ma rridx ssajt bhal dan....

Adriano : U jien, kemm il-darba ghedtlek biex ma ssejjahlix Adriano? Jiena, jisimni Roberto.

Maria : Ghandek raguh... iva, ghandek ragun... dan l-isem, ma nistax nidrah... ghidli, kien assolutament mehtieg li.....

Adriano : U kif le? Jiena kont hsiebt ghal kollox... Ir-ragel tighek jinsab mejjet... Jiena, huwa huh... il-kunjatu tighek... Int, ġejt hawn... gejt ~~tid-duxtighix~~ biex idderri u jien, gejt mighek biex naghmillek kumpanija...

(Wara pawsa żghira)

Maria.... nixtieq nistaqsik xi haga.

Maria : Xi trid taf?

Adriano : X'kont t_aghmel, Maria, kieku jiena kont tassew mejjet?

Maria : X'inti tghid? Xi kliem hu dan?

Adriano : Kurżita' ċkejkna... Kont tkun ghadhek qalbek sewda, kieku, bhall-issa?

Maria : Sgur li kont inkun qalbi sewda.

Adriano : Possibbli? Anke issa, li ghadda xahar fuq il-mewt tighi?

Maria : Tahseb li jiena nista' ninsa hekk malajr?

Adriano : Ma nistax nemmen li inti, kieku, ghadhek tibki.

Maria : Il-biki kien ikun s-serhan ta' qalbi.

Adriano : Kliemek qed itini gost, Maria.

Maria : Nispiċċawha,... Ma tistax tkellimni fuq xi hag'ohra?

Adriano : Isbah din... nitkellmu fuq hag'ohra... Ghidli, xi trid naghmlu? Is-sajf, kważi wasal biex jispiċċa... Fi ftit jiem ohra, il-villeġġanti jitilqu lejn il-Belt... Ahna, x'ser naghmlu, inqattghu ix-xitwa hawn?

Maria : Fejn trid tmur? Ahjar minn hawn ma nsibux.

Adriano : Taf x'nistghu naghmlu, immorru Perugia, ghand Michele, iz-ziju tighek.... Mur ara x'festa jaghmlilna, ilu tant jistenna niena....

Maria : Ghand iz-ziju Micheke? Imma int qed tiggennen??? Int ma tistax tigi mighi.

Adriano : Ghaliex?

Maria : Ghaliex int, mejjet.

Adriano : Ghandek ragun... iva, veru... jiena mejjet... imma, allura fejn sejrin immorru?

Maria : Imkien... nibqghu hawn... isma minni... hawnhekk, ma jafna hadd, ghalhekk hadd ma jista' jissuspetta xejn.

Adriano : U xi tridhom jissuspettaw?

Maria : Ma fhimtnix? Ragel u mara li jghixu fl-istess dar, bla ma trid igaghaluk tahseb li huma jinhabbu.

Paulina

Adriano : Ghaldaqshekk, hallihom jahsbu li jridu.... x'jimporta? Ghaliex, Maria, qed tghidli hekk? Jaqaw staqsewk xi haga?

Maria : Le, ma staqsewni xejn... imma, ċerti frażi... ċerti allużjonijiet ta' pawlina... kieku taf kemm hi kurjuża...

Adriano : Imma int ghedtilha li jiena huwa l-kunjatu tighek?

Maria : U sgur li ghedtilha... ghalhekk jiena qegheda nithasseb... Hija tarana flimkien, tarana ferhana, kuntenti ... tara lili, li ghadni kemm tlieft lil żewġi... lilek, li ghadhek kemm tlieft lil huk.

Adriano : X'ghedt? X'igifieri? Allura, jiena u int irridu nghixu mdejqa, b'wiċċna imqarras?

Maria : Nahseb li ma naghmlux hażin.

Adriano : Il-gwaj taf x'inhu? X'imdaqqiet, jiena ninsa... Imbaghad, fl-ahhar minn l-ahhar, m'hemmx ghalfejn nesageraw.

(Jinstama' lehen Pawlina, issejjah lil Maria.)

Maria : Hekk... waslet Pawlina... (Tersaq lejn il-vetrata) Ghaddi, ghaddi, Pawlina...

(Wara l-vetrata, tidher Pawlina, tfajla helwa, liebsa libsa sajfija, grazzjusa)

Pawlina: L-ghodwa t-tajba.

Adriano: L-ghodwa t-tajba, sinjorina.

Pawlina: Kif, Maria, ghadhek m'inthix lesta?

Maria : Ghaliex? X'hin sar?

Pawlina: Sar il-hin, ġa daqqu il-hamsa.

Maria : X'wahdadin... minghalija ghaqdu il-hin... (Tqum u waqt li tohroġ mghaġġla mill-bieb tal-genb) Dalwaqt tarani lesta... żewġ minuti biss.

(Adriano, iċaqalaq xxxx ir-radjogramm minn postu biex jirranġa l-aerial)

Pawlina: (Sorpriża, thares lejn ir-radjogramm) Xi ġmiel ta' sett.. Dan ġdid, hux veru?

Adriano: Joghoġbok? Irċevejtu l-lum.

Pawlina: Sabieh tassew... Ghall-inqas, b'dan is-sett, issa nkunu nistghu nisfnu fit-terrazzin.

Adriano: (Bhal wiehed skandalizzat) Nisfnu??

Pawlina: Ghaliex le? Ghidli, jaqaw xtrajtu rigal lil Maria?

Adriano: Iva, kienet ilha hafna tghidli li tixtieq radjogramm sabieh.

Pawlina: Eh... int tirrispettaha hafna lil kunjata.

Adriano: Xi trid taghmel... nara kif naghmel biex inderrilha... biex innissiha.

Pawlina: (B'ironija) Ghandha raġun, miskina... Iva, ghandha bżonn hafna min iderrilha.

Adriano: (Ihares lejha sorpriż) Ghaliex? X'iġifieri? Xi trid tfisser?

Pawlina: Jien? Xejn... Riedt ngħid li wara disgrazzja bhal dik li sofriet, jehtieġ li wieħed inissiha, isabbarha u jikkumalaha

Adriano: Iva, iva.... (Pawsa żghira)

(Pawlina tohroġ mill-borża, kartiera tas-sigaretti. Toffri sigarrett lil Adriano li sa dan il-hin, ikun qed jirranga l-wire.)

Pawlina: X'inti taghemel,hemm?

Adriano: Qed nirranga l-aerial.

Pawlina: Tpejjep?

Adriano: (Jiehu sigarrett) Grazzi. (Waqt li Adriano ifittex sulfarina fil-but, Pawlina toffrilu l-lighter.)

Pawlina: Hekku.

Adriano: (Jixghel is-sigarrett ta' Pawlina u tighu) Grazzi.

Pawlina: (Wara li tiehu nifs jeżw tnejn) Minn kien l-iżghar fostkhom, int jew huk?

Adriano: (Imfixkel) Eh?... Bejn wieħed u iehor... konna ta' l-istess eta'... Hija kien iżghar minni... m'hux wisq...xi sena kien hemm bejnietna.

Pawlina: Kien simpatiku xejn?

Adriano: Iva, iva... kien simpatiku hafna...

Pawlina: Iżjed minnek?

Adriano: (Ikkonfondut) Imma, dawn x'mistoqsijiet huma? Kif nista' nghid? Ghalija, it-tnejn konna simpatiċi.

Pawlina: (Wara li tahsiba ftit) Ismaghni... jina nixtieq nghidlek xi haga... Forsi dak li sejra nghidlek huwa xi ftit indiskret.. Ghidli, Maria, tassew kienet thobbu?

Adriana: Iva.... Ghaliex? Dak kien żewġa.

Pawlina: B'daqshekk m'hix raġuni suffiċjenti... Jiena naf hafna nisa miżżewġa li ma jirrispettawx lil żwieġhom... m'hux vera?

Adriano: (Skantat) Iva, veru... Imma ghaliex? Tahseb li forsi...

Pawlina: Le, jiena ma nahseb xejn... Kont qed nghid inġenerali, pero' hemm xi haga stramba li ghadni ma nistax nifhima.

Adriano: (Ihares lejha inkwiet) Ghidli.

Pawlina: Maria, ma titkellem qatt fuq żewġa, anzi, meta jiena insemmilha xi haga fuqu, tfittex li tehles minni, li d-dawwar il-kliem.

Adriano: (Nervuż) Bilfors... hija haga ħara... Li toqoghod tiftakar fieh, huwa rikordju doloruż hafna, imma skużi,.sinjorina lil Maria, ma tistax tkellima fuq xi hag'ohra?

Rosina: (Inez Farrugia).

Pawlina: Jiena staqsejtha xi haga fuq żewġa, biex inkun maghha ġentili... Is-soltu, meta xi hadd jitlef xi persuna ghażiża, jiehu gost jitkellem fuqha.

Adriano: Maria, il-kuntrarju... dik id-disgrazzja, tixtieq tinsieha... Iva, jiena naghmel minn kollox biex nalienaha... naghmel sforsi kbar biex nurieha li jiena allegru... li jiena nsejt... Taf kemm inbati biex naghmel dan? Ghidli, jidhirlhek li hu pjaċevoli li wiehed joqoghod jiftakar f'dak li jkun sofra? Ma nistax nifhem x'manija ghandkhom inthom in-nisa, li toqoghodu titkellmu fuq il-mejżin.

(Minn ġewwa tinstama' riesqa Maria li issa biddlet u libset libsa skura li turi gravita' u serieta'.)

Maria : (Xif tidfaċċa fuq il-bieb) Ma domtx ma lbist, hux veru?

Pawlina: (Tosserva l-libsa ta' Maria) Le, xejn!.. Imma kif? Irgajt ilbist dik il-libsa? Possibbli li m'ghandekx ohra?

Maria : Iva, ghandi ohrajn, imma ċari wisq... jghjtu hafna.

Pawlina: B'dik il-libsa qegheda tistieden il-malinkonija.

Adriano: (Lil-Pawlina) Qegheda tara kif sewwa ghedtlek? Ser terġa tibda mill-ġdid.

Maria : X'iġifieri? X'ġara?

Adriano: Ġara li m'ghandhekx tilbes iżjed dik il-libsa... l-oskurita' tagħha, taghmlhek trista.... Fuq kollox insejt x'kien jghidlek?

Maria : Min?

Adriano: Ir-ragel tighek.

Maria : (Imhawda) Ir-ragel tighi? X'kien jghidlè???

Adriano: Jekk immut, tilbislix iswed... xejn vistu, per karita'.

Maria : (B'dahqa sfurzata) Iva, niftakar...

Adriano: U allura, jekkk din kienet ix-xewqa tighu?.... Hawnhekk, ninsabu hdejn il-bahar... jekk stess tilbes iċ-ċar, x'fieha din?

Maria : Ghandek ragun.... imma ghall-issa, ma nafx.... Forsi biż-żmien....

Adriano: (Lil Pawlina) Fejn sejrin sabieh?

Pawlina: Sejrin niehdu te, il-Miramar.

Maria : Tghid ikun hemm xejn nies?

Pawlina: Nahseb... Ghadhom kemm waslu hafna villeġganti... Il-Miramar, huwa post grazzjus hafna... dak it-terrazzin li ghandu fuq il-bahar.... dik l-orkestrina... dak is-sfin...

Adriano: Is-sfin, ghedt??? Tassew? Oh, xi hlewwa... x'gost..

Maria : (B'ċanfir) Adriano!.. Roberto!.. Ghadni ma nistax nidra... isem żewġi ma jistax imur minn fommi.

Adriano: Ismaghni, Maria... Jiena sgur li kieku żewġek ghadu jista' jitkellem, kien jghidlek: "Isfen, Maria... ix-xala u tahsibx fija iżjed... Fejn ninsab, jiena qieghed tajjeb."

Maria

Adriano

Maria : Ghandkhom ragun, imma jien... m'ghandhix aptit... ma rridx nidher li...

Pawlina : Kif? Ser jerga' jibdielek? M'inthix behsiebhek tkompli tiġi mighi?

Maria : Ma nafx... ghadni ndeċiża...

Pawlina : U hallik mill-Amerijiet... Maria, inti ghandhek bżonn idderri... Il-Ħamar, insibu xi mejda mrekkna, fejn ma jarana hadd.... (Lil Adriano) Int, m'inthix ġej?

Adriano : Issa niġi nilhaqkhom, qabel, irrid inlest dan l-aerial.

(Pawlina u Maria johorgu. Adriano waqt li jibda isaffar, jibda jikkomunika l-wire mar-radjogramm. Mill-vetrata, jilmah lil xi hadd. Ibarea ghal ftit, donnu skantat, imbaghad jghajjat b'lehen gholi.)

Rosina! Rosina!...

Rosina : (Tidfaċċa fuq il-bieb tal-lemin) Sejjahtli?

Adriano : Iva, fejn hu s-sellum?

Rosina : Fil-bitha, jekk trid, immurlek ghalieh.

Adriano : Le, le... halli mmur ghalieh jien.

(Rosina terga' tohroġ. Adriano il-mazz tal-wire fl-art u johroġ fit-terrazzin. Ghal ftit, ix-xena tibqa' vojta. Wara ftit, terga' tidhol Maria, mghaġġla. Tidher affannata u mhawwda. Tghajjat, agitata)

Maria : Adriano!.. Adriano!... Adriano!...

(Mit-terrazzin, jidher ghaddej Adriano bis-sellum f'idejh)

Maria : (Terga' ssejjahlu) Adriano!.. Adriano!....

Adriano : (Li issa qieghed issellum mal-hajt) X'inqala, Maria?

Maria : (Tiġri lejh u tkellmu b'lehen maqtugh) Adriano!.. Adriano... ahrab malajr... mur stahba x'imkien....

Adriano : Nistahba? Ghaliex? X'gara?

Maria : Xi haga terribbli... Alla tighi... Bil-ġirja li ġrejt, qtajt nifsi... Nitolbok, Adriano... stahba.. stahba x'imkien....

Adriano : (Bla pacenzja) Imma ghaliex? Ghaliex tridni nistahba? Fisser ruhek, Maria... Ghidli x'gara.

Maria : Guglielmi... Il-prinċipal tighek... jinsab hawn...

Adriano : Kif???

Maria : Iva!.. Rajtu jiena stes.... Anke hu, rani... gharafni sgur....

Adriano : (Miblugh) Imma kif??? Fejn rak? Meta?....

Qampiena tal-hiib tà barra.

Adriano

Qampiena mill-gdid.

Rosina



Maria : (Titkellem konfusa, bi frażijiet maqtugha) Issa, issa stess... Kif wasalna fit-triq prinċipali, ghaddiet karrożża... kien qieghed isuq huwa stess.... rani... gharafni... beda isuq lejna... Ikkonfondejt x'nibda naghmel...Lil Pawlina, ghedtilha li naejt xi haga u tlaqt niġri l-hawn... Bla dubju, issa jistqsi ghalija... isir jaf fejn noqoghod u jiġi ifittixni. Adriano.... m'hemmx żmien xtitlef... jehtieġ li tmur x'imkien... li tahrab... issa, issa stess....

Adriano : (Ikkonfondut) Nahrab!... Imma, kif??? Fejn tridni immu bhall-issa?

Maria : Ghall-inqas stahba x'imkien... fejn ma jarakx... Jekk jilmhek, ahna mitlufa.

Adriano : (Ifittex li jikkontrolla l-aġitazzjoni tighu) Ikkalma.... ikkalma.... m'hemmx ghalfejn taġita ruhek daqshekk... Bl-aġitazzjoni ma nsewwu xejn.

Maria : X'wahdadin... sgur ser ninqabdu... Qalbi hekk qegheda tghidli.

Adriano : (Bla paċenzja) Per karita'.... Taghtix każ ta' dak li qegheda tghidlek qalbek... Int sgura li rajt sewwa???

Maria : Ghedtlek li gharafni... Kif rani, huwa ssorprenda ruhu u waqaf... waqaf f'salt wiehed... naturalment niżel mill-karrozza u beda jistaqsi ghalija... Jiena rajtu ikellem lil Pawlina... din, ċertament qaltlu fejn noqoghod.

Adriano : B'daqshekk ma jfissirx li huwa ġej hawn...

Maria : Jiena nahseb li qieghed ifittixni... minn minuta ghall-ohra, nistennieh ihabbat il-bieb... Imma kif, bqajt kalm daqshekk? Ma tintebahx li hemm tagħmel xi haga?

Adriano : Xi tridni naghmel? Ghidli xi tridni naghmel? Isa, Maria... thallix l-eċċitament jitliflek rashek... fuq kollox, hadd ma sgurak li ġej ifittċek hawn... Il-prinċipal tighi bilkemm jafhek u qieghed niskanta kif gharfhek hekk malajr.

Maria : (Qisha qed titkellem wahidha) Iva, gharafni... jiena sgura minn dan... dal-waqt tarah hawn....

Adriano : Dan qed tghidu int... Ma narax li hemm raguni li ghandu jiġi sgur..... Naghtu każ li jfettillu jigi jarak.. Naturalment huwa jinsab hawn ghal xi ftit granet... forsi jiġi hawn, ipaċpaċ ftit, imbaghad jerga' jitlaq, ikompli l-affari tighu.... sa dan it-tant, jiena marhalliehx jarani... nibqa' mistohbi fil-kamra tighi....

(Tinstama' il-qampiena tal-bieb ta' barra iddoqq. It-tnejn jinhasdu, iharsu lejn xulxin, imbażża')

Maria : (B'lehen kemm, kemm, jinstama') Il-qampiena.

Adriano : (Imbażża') Iva, il-qampiena..... (Ghal ftit, jibqa' ma jafx x'ghandu jaghmel, imbaghad jaghti s-salt biex jersaq lejn il-vetrata)

Maria : (Imbażża') Fejn sejjer?

Adriano : Nara minn ġie.....

Maria : Attent li ma jarakx.

(Adriano jaghmililha sinjal b'rasu biex isserrah rasha. Johroġ. Maria tidher inkwieta ghal kollox. Wara ftit Adriano jerga' jidhol)

Guglielmi (Iwany)

Rozina

Adriano: (B'lehen baxx, ikkonfondut) Iva, hu... kollu kemm hu.

Maria : (B'karba) Alla tighi!...

(Il-qampeina terġa' tinstemm'. Millbieb tal-lemin, tidhol Rosina.)

Rosina : Ġie xi hadd... sejra niftah...

(Rosina tersaq lejn il-vetrata. Adriano iwaqqafha)

Adriano: Stenna, Rosina... Ifhimni x'ser nghidlek... Jekk dak issinjur jistaqsik xi haga, lili, ssemmini xejn... Jien, m'inhix hawn... Jien, ma neżiżtix... Fhimtni x'ghedtlek? Hawnhekk, toqoghod biss is-sinjura. Mur issa... mur iftah.... (Rosina tohroġ, Adriano jersaq lejn ix-xellug) Jien, sejjer fil-kamra tighi... Maria, fittex ehles minnu... (Adriano johroġ, Maria tibqa' tistenna nkwieta u nervuża. Minn wara l-vetrata, jidfaċċa Guglielmi, akkompanjat minn Rosina)

Rosina : Ghaddi, ghaddi....

(Guglielmi jidhol, jilmah lil Maria. Jersaq lejha, ferhan, b'idejh miftuha. Rosina tohroġ)

Guglielmi: Maria!... Sinjura, Maria!.....

Maria : (Ghal taparezi sorpriża) L-ghodwa t-tajba, Guglielmi...

Guglielmi: (Jaqbdilha idejha, ibushomla u jhares lejha, kommoss u ferhan) Kieku taf x'ferh qed inhoss bhall-issa.... Ili nfittxek hafna... staqsejt ghalik lil kull min naf... Hadd ma taghni ahbar tighek... Il-putinara, fejn kont toqoghod qabel, qaltli li sifirt, imma li ma tafx fejn mort... issa, ghall- gharrieda... ikolli nghid lid-destin ried jghini.... Maria, possibbli l-int ma rajtnix, meta rajthek ftit ilu?

Maria : (Wara li tahaiba ftit) Jien? Le ma rajthekx.

Guglielmi: Qed tiskantani... Minghalija, rajthek thares lejja fitt... Int kont ma sinjorina u jien, ghaddejt bilkarrozza minn hdejkhom... waqqaft fil-pront, imma meta hrigt mill-karrozza, int ma dehertx... Li ma kienitx dik is-sinjorina li urietni fejn toqoghod, kieku tlifthek, tlifthek, meta jiena miġnun biex narak... biex noqoghod nitkellem ftit mighek.

Maria : Grazzi..... int gentili hafna... Imma. oqoghod mifxulx bilqegheda... (Turieh pultruna u joqoghodu bilqegheda.)

Guglielmi: Ghidli, Maria... ghidli, meta sifirt?

Maria : Ma domtx wisq... wara ġimgha.....

Guglielmi: Imma kif, ma hallejtx risposta fejn kont sejra?

Maria : Riedt li hadd ma jkun jaf... xtaqt li noqoghod wahdi.

Guglielmi: Ghandhek raġun...iva, qieghed nifhmek.(Iddispjaċut) Anqas lili ma riedt turi?

Maria : (Imhawwda) Lilek!.. Ma ġitnix f'rashi....

Guglilemi: Proprju ghal dan in-nuqqas qieghed jiddispjaċini, imma allura, jien, ghalik, ma nfisser xejn?

Maria : X'inti tghid?... Ghalija, inti huwa habib antik.

Guglielmi: Hekku, l-kelma addattata... Habib antik... b'dan kollu, din il-kelma, ghalik, ma tfisser xejn.

Maria : Ghidli, x'tifsir tixtieq ittieha din il-kelma?

Guglielmi: Maria!... Kemm ilna nafu lil xulxin?

Maria : Snin kbar... mindu konna tfal ċkejknin.

Guglielmi: Hekku... Mindu konna tfal... l-ikbar habib tighek... Ghadda ż-żmien... Int iżżewwiġt u allura jien, ghalik, sirt habib.... imbaghad reġa ghadda ż-żmien u rġajna ltqajna u issa sirt il-habib antik tighek.

Maria : M'hix haga sabieha?

Guglielmi: Iva, haga sabieha hafna, imma, ifhimni... din il-kbiberija famuża, hija l-istess bhal barriera li qegheda tifridna.

(Mument ta' skiet ftit u xejn imbarazzanti. Guglielmi jersaq lejha u waqt li jaqbdilha idha, isaqsiha:)

Maria, qrajthom l-ittri tighi?

Maria : (Thares lejh sorpriża) L-ittri tighek? Wahda... wahda biss rċevejt...

Guglielmi: Wahda biss?... Iva... nahseb li l-ohrajn baqghu ghand il-putinara, fejn kont toqoghod.... Forsi, ahjar hekk.... Fuq kollox, int tista' tahseb fuqhiex ktibtlek. (Maria tirtira ida. Guglielmi li josserva din il-mossa, jidhissem bi sforż) Ghid il-verita', Maria... kun sinċiera... Kont tippreferi li ma rġajtx rajtni?

Maria : (Bi tbissima qasira, nervuża) Le, le.... Ghalkuntrarju, ninsab ferhana hafna...

Guglielmi: Ferhana? Possibbli? Taf li ghandi dubju?

Maria : U liema hu dan id-dubju?

Guglielmi: Id-dubju li ftit ilu, meta ntqajna fit-triq, inti rajtni u ghal din ir-raġuni, int hrabt minni...

Maria : Le... nisgurak li le... Ghaliex ghandi naharbek?

Guglielmi: Biex ma nkx naf fejn toqoghod... m'hux ghaliex ghandek xi antipatija mighi, imma ghaliex inti ghadhek marbuta ma' l-imghoddi... mat-tifkiriet, biex nghid hekk... ahfirli din l-espressjoni... Int ghadhek affezzjonata hafna lejn id-dulur li sofrejt ftit ilu... Int ghadhek ma tridx tistakkka ruhek minnu... Ghidli, Maria, inti temmen fid-destin?

Maria : Jien? Ma nafx... qatt ma tajt każ ta' dan.

Guglielmi: Jien ma nemminx fieh, imma issa... ara ftit... Jiena sifirt bla ebda programm...bla ebda skop... qieghed niġġerra minn hawn ghal hinn... Id-destin wassalni f'dan il-pajjiż ċkejken, li anqas biss kont naf li jeżiżti... Id-destin ġaghalni nghaddi minn din it-triq, proprju f'dak il-hin li kont ghaddejja int... Kieku wasalt hames minuti qabel, jew wara, jien ma kontx niltaqa' mighek... Ghidli ftit, kif nista' issa, ma nemminx fid-destin?

Maria : (Li qaghadet tisimghu nwieta) Ismaghni, Guglielmi... Inti tlabtni nkun sinċiera... Tajjeb... jiena grata hafna ghal din iż-żjara li ghoġbok taghmilli... hadt gost hafna , imma issa. nitolbok biex tkompli l-vjaġġ tighek u tfittix li terġa' tarani....

Guglielmi: Imma ghaliex?

Maria : Ghaliex ġa ghedtlek... ghandi bżonn noqoghod wahdi... ghandhi bżonn li ma nitkellem ma' hadd.... ġejt hawnhekk, proprju biex nidbieghed... biex nistakka ruhu minn kollox u minn kellhadd.

Guglielmi: Imma....

Maria : (Taqtaghlu kliemu) Iva, naf x'sejjer tghidli... hemm bżonn li nderri... hemm bżonn li ninsa... naf, naf, dan huwa l-uniku mezz... Guglielmi, ismaghni... qegheda nitolbok daqs kemm kieku qegheda nitlob xi favur lill-xi habib tighi.. Tinsistix, nitolbok...

Guglielmi: Imma kif? Trid li issa wara li sibthek... Le... dak li qegheda titlobni, hija haga assurda...Inkompli l-vjaġġ tighi? Ma narakx iżjed!.. Oh!, Maria... milli qed nara, inti ghadhek ma fhimtnix jew biex nghid ahjar ma tridx tifhimni.... Maria, taf xi tfisser, ghalija, din il-laqa' ta' bejnietna?... Le, le... kollox tista' titlobni, barra minn dak li tlabtni... anzi... tosta' tghidli fejn nista' insib xi lukanda, f'dawn l-inhawi?

Maria : Iva... imma nahseb li jkun ghalxejn...int ma jirnexxilekx issib post... hawnhekk, il-lukandi kollha jinsabu mimlija.

Guglielmi: Kamra, jirnexxili nsib sgur... anke fuq xi bejt jew f'kantina... Ghidli, Maria... Liema hi l-ahjar lukanda?

Maria : (Dejjem nervuża) Sewwa, seww, ma nafx... Il-Mirare nahseb li hija l-ahjar wahda... imma jiena nghidlek li tista' ma tmur xejn... din hija mimlija ukoll.

Guglielmi: Halli f'idejja... x'imkien insib sgur... Lukanda... Pensjoni... basta ndahhal rasi x'imkien... L-ahjar li naghmel immur infittex issa stess... Il-karrozza, hallejta f'nofs it-triq... Jiena nerga' nghaddi biex nghidlek jekk inkunx sibt xi kamra...

(Jaghmel ta bir-ruhu li sejjer)

Maria : (Tibdel lehinha, kważi aspra) Le, stenna....

Guglielmi: (Sorpriz) Ghaliex?

Maria : (Indifferenti, ostili) Ismaghni, Guglielmi....Ahjar nitkellmu ċar... Bejnietna hemm ekwivoku li jehtieġ nċarawh..

Guglielmi: U liema hu dan l-ekwivoku? M'inhix nifhmak.

Maria : Int qieghed tifhimni tajjeb u ghalhekk, ahjar nispiegaw ruhna... Guglielmi, ahna ilna nafu lil xulxin, minndu konna żghar, imbaghad, meta ma rajniex lil xulxin iżjed... meta rġajna ltqajna, inti sirt bniedem importanti u jien sirt il-mara ta' raġel impiegat... naturalment, kif rajtni, int ghamiltx xi hsieb ghalija, imma meta inti rajt li jiena bqajt indifferenti, int ma nsistejtx u allura irrikorrejt ghal hbiberija....

Guglielmi: Imma, skuži, sinjura....

Maria : Le, el.... hallini nkompli... Wara dak li ghedtlek.. ġara dak li ġara... Inti ġejt biex ittini l-ghomor... baghatli kuruna mill-ishab.. ktibtli ittra li tikser il-qlub... F'dak il-hin, f'qalbek, inti x'aktarx li ghedt: "Issa Maria, tinsab armla...hielsa... X'hemm ishah minn mara armla? Wahidha... sid taghha n-nifisha..." Ghaliż

: Guglielmi, jiddispjaċini nghidlek li mort imqarraq... nitolbok li anke din id-darba... tirrikorri ghal-hbiberija...Hu l-parir tighi... kompli l-vjaġġ tighek u hallini fil-paċi.. Dan, jiswa lilek u lili....

Guglielmi: (Li qaghad jismaghha bil-kalma kollha) Spiċċajt?

Maria : Iva.

Guglielmi: Nista' nitkellem, jien, issa?

Maria : Iva, imma ma nafx jekk....

Guglielmi: (B'sempliċita u emozjonat) Hekku sinjura... Inti ghandhek raġun... bejnietna tassew li hemm ekwivoku, imma m'hux dak li qed tahseb int... nitolbok tahfirli jekk ser nghidlek xi haġa li forsi jidhirlhek li m'hix xierqa... m'hix rispettabbli.. tant hu hekk li s'issa, ghadni qatt m'abbużajt nghidlek haġa simili... Dak ligheatli iġaghalni nitkellem ċar (Jahsiba ghal ftit, imbaghad ikompli b'certa enfasi) Maria, xi darba, jiena nigi narak.. dak inhar, jiena nistaqsik jekk inti tridx tkun is-siehba tighi...

Maria : (Iddur fuqu bis-salt u kważi mbażża') Kif? X'iġifieri Ma fhimtekx...

Guglielmi: Maria, jiena ninsab wahdi... Int wahdek ukoll.. Ma nistax infissirlek kemm inkun ferhan jekk inti tilqa' li tkun il-mara tighi.

Maria : (Aġitata) Il-mara tighek? Imma x'inti tghid? Trid tiċċajta!.. M'hix haġa possibbli!..

Guglielmi: U ghaliex m'hux possibbli? ~~Ghaliex hija haga assurda ridikola~~

Maria : (Imhawda) Ghaliex... ghaliex hija haġa assurda... ridikola....

Guglielmi: Ridikola? Imma, skużi, Maria... f'dak li ghedtlek, ma nara xejn ridikolu... Jiena nhobbok... qed nitolbok biex niżżewwġu... nifhem li jiena ma kellix inkellmek fuq dan ghall-issa... dan ghamiltu biex nispjega rughi... m'inhix nistenna twiġiba l-lum....Ghalija, biżżejjed li tkun taf liema huma s-sentimenti tighi... l-intenzjonijiet tighi... m'ghandhekx ghaġġla.. ahsiba kemm trid....

Maria : Imma le... inutli... iva, inutli..... Jiena ma nistax....

Guglielmi: Ma tistax?.. U ghaliex? Forsi hemm haddiehor bejnietna?

Maria : Le, le... m'hemm hadd... Inti ma fhimtnix... Riedt nghid li jiena ma nistax... m'ghandix volonta'... Din hija r-raġuni... Jiena m'irridx li nerġa' niżżewweġ!....

Guglielmi: Kif tista' tghid haġa simili? Iva!.. Bhall-issa, din l-idea , f'ghajnejk tista' tidher bhal haġa fierha... haġa tal-biża... Maria, biż-żmien, inti tara li....

Maria : Le, le... Iż-żmien m'ghandux x'jaqsam... Iż-żmien ma jistax jibdilli fehemthi... Nista' nghidlek li dak li qed titlobni, huwa haġa mpossibbli.

Guglielmi: Imma ghaliex? Hemm forsi x'impediment? Xi raġuni ohra?

Maria : Le!... Ebda mpediment... Ir-raġuni ghedtlek... Jien... Jien ma nixtieqx nerġa' niżżewweġ....

Adriano

Guglielmi

Guglielmi: Ghalhekk biss?

Maria : Iva, ghalhekk biss...

Guglielmi: Allura trid tibqa' wahdhek?

Maria : Wahdi... iva, wahdi....

Guglielmi: Ghal hajthek kollha?

Maria : Iva, ghal hajthi kollha.

Guglielmi: Ismaghni, Maria... ghal mument, ninsew li bejnietna kelna din it-tahdida, qisna ma tkellimna xejn fuq dan... qisni ma ghedtlek xejn... li ma wiġibtni xejn... Jekk qatt xi darba tkun tixtieq nerġghu nidhaddtu fuq dan, allura nitkellmu daqs kemm kieku sejrin niddiskutu dan l-argument ghall-ewwel darba... Tajjeb Hekk?

(Maria taghmel sinjal b'rasha ta' "Iva" bla ma titkellem)

U issa, sejjer inhallik... Iż-żjara tighi, kienet twila ha hafna... Jiena nerġa' nghaddi narak izjed tard... Le, le... ma nitkellmux izjed fuq dan... Nitkellmu bhala żewġt-ihbieb li m'ghandhom xejn x'ighidu mportanti... Arrivederci...

(Guglielmi johrog. Maria tibqa' bilqegheda bla ma tiċċaqlaq, qisha wahda miblugha, imhassba... Tiġi f'taghha u b'mossa nervuża tghaddi ida fuq mohha. Tqum u taghmel xi żewġ passi mal-kamra, nkwieta, agitata. Adriano jidfaċċa minn fuq il-bieb tax-xellug)

Adriano : Maria.....

(Maria tigri lejh agitata)

Telaq?

Maria : Iva... telaq....

Adriano : Sa fl-ahhar.... X'qallhek, Maria? Ghidli x'qallhek?

Maria : (Biex tehles minnu) Xejn... xejn....

Adriano : Kif xejn? Ma tkellimtux fuq xi haga?

Maria : Ma nafx... ma niftakarx....

(Fuq il-vetrata jerga' jidfaċċa Guglielmi. Lil Adriano ma jarahx billi bhall-issa jinsab qrib il-mejda tal-faċċata. Jidhol u jersaq lejn Maria li bhall-issa qed thares lejh, imbażża')

Guglielmi: Ahfirli, Maria... Hriġt mill-kanċell u billi hemm tliet triqat, ma gharaftx leima ghandi niehu biex immur fit-triq prinċipali)....

Maria : (B'lehen mahnuq) L-ewwel wahda... l-ewwel wahda fuq il-lemin.

Guglielmi: Nirringrazzjak, Maria... nerġa' niżkuża ruhi...

(Idur biex jitlaq u jilmah lil Adriano, jersaq l-ura, ihares lejh mistaghġeb, kważi mbażża' u b'ghajta)

Lari?!.....

Adriano: Le.... le.... jien.... jien huwa hija.....riedt nghid... jien huwa hu l-imsejken Lari.

Guglielmi: (Jersaq lejn Maria, sorpriż) Huh?....

Maria : (Kważi ittemtem) Iva!...

Guglielmi: (Li ghadu jhares skantat lejn Adriano bhal wiehed li ma iridx jemmen dak li qed jara) Possibbli? Haga straordinarja... haga li ma titwemminx.... Ma jintgharrfux wiehed mill-iehor.....

Adriano : (Iżjed kalm minn qabel) Ghandek raġun... kullhadd hekk jghidilna...

Guglielmi: Kif rajtek, hsibtni li qed nara xi fantasma... ahfirli... jiena ma kontx naf bik... Ghidli, jaqaw kontu tewmin?

Adriano : (Imfixkel) Iva... kważi.....

(Pawsa ftit konfusa - Guglielmi jestendi idu lill Adriano u jippresenta lilu n-nifsu)

Guglielmi: Ippermettili... jiena Guglielmi.....

Adriano : (Li ghadu konfus) Ghandi pjaċir....

Guglielmi: Huk kien wiehed mill-akbar hbieb li kelli... ix-xoghol tighu, fl-affiċċju tighi, kien imprezzabbli... Kont nirrispettah bhal hija.

Adriano : Nirringrazzjak....

Guglielmi: (Waqt li jkompli josservah) Hekk... issa li qed narak sewwa, qieghed nosserva li hemm xi ftit tad-differenza bejnek u bejn huk... lehnek huwa differenti ghal kollox....ghajnejk .... (Idur fuq Maria) Jidhirli li ghajnejn ir-ragel tighek kienu iżjed ċari, m'hux veru?

Maria : (Nervuża) Iva, iva... iżjed ċari... iżjed ċari.....

Guglielmi: Iva, iva... meta thares lejh sewwa, tara li hemm differenza bejniethom.... Imniehrek huwa l-istess tighu... Ma' l-ewwel daqqa t'ghajn ma tghidx li m'inthix Adriano....

(Pawsa fis-skiet. Iharsu lejn xulxin, jidbisemu bla ma jafu x'ghandhom jghidu)

Adriano : Wasalt minn xi vjaġġ?

Guglielmi: Iva... billi sirt naf lis-sinjura Maria tinsab hawn, ġejt naraha.

Adriano : U ser titlaq hekk malajr?

Guglielmi: Le, nghidlek is-sew, ghamilt il-hsieb li noqoghod ftit iehor jekk jirnexxili nsib xi kamra... Is-sinjura qaltli bil-Miramar... ahjar inhaffef, forsi nilhaq xi wahda.

(Idur fuq Maria)

L-ewwel wahda fuq il-lemin, hux veru?

Maria : Iva, l-ewwel wahda....

Guglielmi: (Lil Adriano) Ghandi pjaċir li sirt nafak... Niltaqghu iżjed tard... Arrivederci....

(Guglielmi johrog. Adriano u Maria jibqghu jharsu lejn xulxin)

Adriano: (Bi tbissima) Ma mormiex ħażin... Emmen kull ma għedtlu.

Maria : (Tintelaq fuq pultruna bhal wahda ghajjiena) Alla tighi.

(Adriano, bhal wieħed milqut minn xi ħsieb, johrog fit-terrazzin. Wara ftit jerġa' jidħol.)

Adriano: Ried inkun sgur li telaq... Ma rridx li jerġa' jidħol fuqna ghal gharrieda... Maria, ghid il-veru... Bżajt xejn?

Maria : Sgur li bżajt.

Adriano: Jien... x'hin ilmahtu fuq il-bieb, hasejt demmi jingazza... (Jinfexx jidħaq) X'deherlek, eh?.... Sab id-differenza bejnietna.... Lehni m'hux dak ta' Adriano.... Ghajnejja iżjed ċari...

Maria : (Tidbissem) Tassew....

Adriano: Kieku baqa' hawn ftit iehor, kien jghid li ma nixxiebhu xejn.

Maria : Adriano... Kieku ntebah bil-verita', ahna konna nkunu fil-periklu.

Adriano: X'iġifieri? Li jien huwa hija? Le, le... m'hux possibbli... Kif jista'biss joholmu dan? Wara kollox, huwa ma kienx ilu jafni wisq u anqas ma konna niltaqghu spiss. Smajtu x'qal? Qal li jien kont l-akbar ħabib tighu... Li kien jirrispettani hafna... Nghid il-veru, jien, b'dan ir-rispett qatt ma kont ntbaht. Meta kien ikolli bżonn immur fl-affiċċju tighu, billemm kien ihares lejja... Sgur lix-xoghol tighi kien imprezzabbli..... ma rridx nilmenta minnu... Huwa dejjem mexa mighi tajjeb... Taghni promozzjoni... taghni kummissjoni barra mis-salarju... dan, kien jixraqli ghax-xoghol tighi.... Tiftakar xi ġmiel ta' kuruna kien baghtli ghal funeral tighi? (Jintebah li Maria m'hix tisimghu... bhall-issa, hija qegħeda alienata... hosbiena) Maria!.. Mighek qieghed nitkellem....

Maria : Ahfirli... kont qegħeda nahseb f'ħaġ'oħra.

Adriano: Qed narak jien.... Isa, Maria... insa kollox... Wiċċek jidher pallidu... int qegħeda titrieghed... Ma ghandekx ghax tahseb iżjed... il-periklu ghadda... (Jaqbadha minn dirghajha u jdawwarha mal-kamra allegru) Għażiża... għażiża kunjata tighi!...

Maria : Le... le.... aer tisturdini....

Adriano: Bhall-issa, ghandi l-impressjoni li Adriano tassew li jinsab mejjet... Temmen li x'imdaqqiet, meta nhares lejn il-mera, nahseb li jien tassew xi hadd iehor? Qabel, kelli wiċċ ta' wieħed avvilut, ta' bniedem imdejjaq...issa, ghal-kuntrarju... Taf xejn li anke int tbiddilt hafna?

Maria : Jien?...

Adriano: Iva!.. Int sirt iżjed sabieha.. iżjed helwa.

Maria : X'inti tghid? Jiena dejjem l-istess... Forsi ghax bhall-issa qed naghti każ iżjed tighi n-nifsi....

Adriano: Le... ma fhimtx x'irrid nghidlek... Ftit diffiċli biex infisser ruhi... Fik, jiena qed nara xi haga li m'hix tas-soltu... Xi haga ferrieha... xi haga li taghmlek sgura minnek in-nifshek... Ara, biex tifhimni ahjar... dik il-libsa, qabel, meta kont tilbisa, kont tidher umli... trasurata... issa, ghalkuntrarju, ma nafx ghaliex... anke id-drapp,


Rozina

: jidher iżjed fin ... b'dan Emilu, int ghadhek l-istess... l-istess libsa... x'ifisser dan?

Maria : (Imhawwda) Ma nafx... ma nistax nifmek... kliemek, x'imdaqqiet huwa stramb hafna.

(Sa dan it-tant, Maria, tersaq lejn il-mejda li hemm fil-faċċata, tirranga xi fjuri fil-vażett, taqbad ktieb u tqeghedu fl-etagere. Adriano jsegwiha b'ghajnejh, waqt li joqoghod bilqegheda fuq il-minkeb tal-pultruna. Kif tghaddi minn quddiemu iwaqqafha, waqt li jaqbadha minn ida.)

Adriano: Maria!...

Maria : Xi trid?

Adriano: Taf xejn li qed nimmamra minn marti?

Maria : (Tidhaq) Tassew? Allura,qabel.....

Adriano: M'ghandux x'jaqsam, Maria... qabel ukoll, m'ghandniex x'inghidu... riedt nghid li bhall-issa qieghed ninnamra mill-gdid... irrid donni niehu post haddiehor...

Maria : Post min???

Adriano: Post dak il-minghul ta' Adriano.

Maria : Imma, kemm tghid hmerijiet?

Adriano: Le, le... m'hux hmerijiet... Jien irrid ingaghalek tinsa... Adriano, il-lum, ifisser l-imghoddi... ifisser dwejjaq...miżerja... Meta jien kont ghadni haj, int ma stajtx tkun ferhana... Imsejkna Maria.... Jien kont nafu dan, imma xi stajt naghmel? X'imdaqqiet, kont inhoss li int qegheda bilfors mighi....

Maria : Bilfors?... Imma, x'inti tghid?

Adriano: Iva, iva... int kellhek ragun... din hija haga li thossa kull mara... int kont tara nisa ohra sinjuri iżjed minnhek... nisa ohra li kellhom minn kollox, waqt li int ma kellhek xejn... Ghadni niftakar, meta kienu irrigalawni dawk iż-żewġ pultruni ghall-opra... inti bdejt thares madwarek avviluta... umiljata... imbaghad meta hrigna, kienet ix-xita u ahna kellna mmorru d-dar bil-mixi, waqt li nisa ohrajn, kellhom il-karrozza tistennihom fil-bieb tat-Teatru... Dak inhar, int m'ghedtli xejn... bdejt thares lejja u tidbissem biex forsi tpatti ghal dawk il-hsibijiet li f'dak il-hin kellhek kontra tighi....

(Fuq il-vetrata tidher żagħżugha rahhala, b'qoffa kbira mimlija fjuri)

38

Rosina : Nista' nghaddi?

Adriano : Ghaddi, ghaddi, Rosina.

Rosina : Waslu dawn il-fjuri, sinjura.

Adriano : Xi gmiel ta' fjuri!...

Maria : Imma, Rosina, jien ghad baqaghli fjuri...

Rosina : Imma, sinjura, dawn lilhek baghtuhom.

Maria : Ghalija?

Rosina : Iva... Baghthomlhok dak is-sinjur.... Hekku l-biljett.

(Adriano, sorpriz, jibqa' jhares lejn Maria li bhall-issa, din, tinsab inkwieta ghal kollox)

Maria : Grazzi, Rosina.

Rosina : Sejra nkompli, sinjura... jekk jkollhok bzonnhi, sejjali.

Maria : Tajjeb, Rosina.

(Tohroġ).

(Maria tibda taghżel il-fjuri u fl-istess hin qed tfittex li tehles mill-harsa ta' Adriano li qed jsegwiha b'attenzjoni kbira.)

Adriano: Hu, baghathomlok?

Maria : Iva, nahseb li hu....

Adriano: Imma ghaliex? Ghadni ma nistax nifhem ir-raguni....

Maria : M'hemm ebda raguni... ried ikun mighi gentili....

Adriano: Tajjeb wisq... imma issa, jidhirli li qed jesagera.... Wasal f'dan il-vi lagg.... gie biex jarak... telaq... issa baghatlek dal-fjuri kollha.... Ghaliex? Tista' tghidli ghaliex?

Maria : (Nervuża) Ghalxejn... Ma nara xejn straordinarju billi sinjur jibghat ftit fjuri lil wahda sinjura...

Adriamo: (Juriha l-mejda mimlija bil-fjuri) Ftit fjuri!... Jiena nghid li das-sinjur iffissat fil-fjuri... Meta miett jien, fjuri... jara lilek, fjuri.....

Maria : Ma nistax nifhem ghaliex qed taghti din l-importanza kollha ghal din il-mossa ċkejkna.

Adriano: Ċkejkna?

Maria : Iva.... Ftit ilu, kont qed issemmi lil Adriano... kont qed issemmi l-imghoddi... din ta' issa, skuzani... turi l-mentalita' tighek....

Adriano: Igifieri?

Maria : Igifieri, l-idea li l-fjuri ghandhom jintbaghtu biss f'xi okkażjoni ta' żwieg jew ta' mewt, hija falza... Il-fjuri jistghu jintbaghtu ukoll bla ebda skop... bil-hsieb biss ta' kortesija...

Adriano: Allura ghalik li wiehed jibaghtlek il-fjuri ma jfisser xejn....

Maria : Xejn... Adriano, ghamilli pjacir, newwilli dak il-vażun li hemm hdejn id-divan....

(Adriano imur igib vażun kbir li qieghed fuq kolonna hdejn id-divan)

Adriano: Dan, trid?

Maria : Iva... ahjar iggib l-iehor ukoll.

(Adriano inewwel iż-żewġ vażuni u iqieghedhom fuq il-mejda. Maria tnehhi l-fjuri l-qodma u tqieghed il-godda. Adriano ikompli:)

Adriano: Allura issa ghandu jerġa' jiġi?

Maria : Min?

Adriano: Hu... Guglielmi....

Maria : Le... Ma nahsibx...

Adriano: Iva, iva... jerġa' jiġi... Ma smajtux x'qal? "Niltaqghu iżjed tard... Arivederċi" .... Imma, x'gej jaghmel hawn?

Maria : Ma nafx.... Forsi jixtieq jerġa' iżutna....

Adriano: M'ghadux kemm kein hawn?

Maria : Iva, imma... jiena x'tort ghandi? Ghaliex qed taghmilli dal-mistoqsijiet?

Adriano: Biex nara jekk dan, ifissirx xi haga ghalik. Jien, bhal ma ghedtlek ftit ilu, ghandi mentalita' ta' Adriano.... Maria, ifhimni tajjeb.... dil-kbiberija li nibtet hekk f'daqqa bejnietkhom.... din l-intimita'.....

Maria : U fejn hi din l-intimita'? Forsi irid jerġa' jiġi biex jghidilna jekk sabx kamra fil-Miramar....

Adriano: Eh!.. Iva... Il-Miramar... Allura int hajjartu biex imur ifittex kamra l-Miramar?

Maria : Iva... Staqsieni liema hi l-ahjar Lukanda... Ghaliex? Ghamilt hażin? Jaqaw ma kellhix nghidlu???

Adriano: Le, le... anzi ghamilt tajjeb hafna... Hu behsiebu jibqa' hawn ghal xi ftit taż-żmien?

Maria : (Irritata) Ma nafx... Ma nafx... Ghaliex qed tistaqsi lili? Kif tridni inkun nafu dan, jien???

Adriano: Ikkalma.. ikkalma... Hsiebt li qallek xi haga hu.... X'ghandhek, Maria? Jaqaw qed thosshok xi ftit nervuża?

Maria : X'jidhirlhek, dal mistoqsijiet kollha... Bhall-issa qed nisthajjilni ghaddejja x'inkiesta.

Adriano: U x'inkiesta... inkiesta... jiena qed nistaqshik, hekk, sempliċement kurżita'... Ara, ejja nidhaddtu fuq xi hag'ohra.

(Maria tkompli tirranga l-fjuri - Adriano jippassigga mal-kamra - wara ftit jersaq lejha, u:)

Tridni nghinhek, Maria?

Maria : Ma jimpurtax... Jekk trid taghti dawn lil Rosina...

(Ittieh mazz fjuri mill-qodma. Adriano, jaqbadhom, ersaq lejn il-bieb tal-lemin, u jghajjat:)

Adriano: Rosina!....

Rosina : (Tidfaċċa fuq il-bieb) Sejjahtli?

Adriano: (Joffrilha l-fjuri midbiela) Iva... Hekkku... Hudhom...

Rosina : (X'ser naghmel bihom?

Adriano: Ma nafx... (Idur fuq Maria) Xi trida taghmel bihom?

Maria : Tgharmihom... tgharmihom... M'inthix tara li dawk fjuri midbiela?

Adriano: (Lil Rosina) Smajtha x'qaltlek? Armihom...

(Rosina tohroġ. Maria sa dan it-tant, tqieghed il-vazun f'postu)

(Wara pawsa) Maria, trid immorru naghmlu zewg passi?

Maria : (Bhal wahda mdejqa) Le, le... ~~xxxkujxxx~~m'ghandix aptit nimxi.

Adriano: Tajjeb, allura noqoghodu fit-terrazzin ghal frisk.

Maria : Ghal frisk meta hemm xemx taqli?

Adriano: Xemx!... U fejn qed taraha x=xemx? M'inthix tara li din bhall-issa mohbija?

Maria : Iva, naf... imma sechana qegheda hemm xorta wahda....

Adriano: Imma allura xèser naghmlu?

Maria : (Irrabjata) Xejn!.. xejn!.Ma nistghux noqoghodu ghal ftit,ma naghmlu xejn? Jekk trid tohroġ, mur passiggata... Hemm bżonn niġi jien, bilfors?

Adriano: Le, skużi... hsiebt li... insomma... tista' tghidli x'ghandhek... xi gralhek?

Maria : Ma gralhi xejn... Ghandi bżonn noqoghod ftit fil-kwiet.

Adriano: Imma jien, ma nistax nifhmek...Il-lum, donnhok m'inthix f'sikkthek... Ghidli xi gralek...

Maria : Ga ghedtlek.. ma grali xejn... Inhossni bil-buli... Il-qaghada li ninsabu fieha... il-biża li ghad xi darba ninqabdu..... Ilna xahar nghixu f'din l-ansieta'... in-nervi ukoll jigu eżawriti....

Adriano: (Sorpriż mit-tonalita' li qed tkellmu bieha) Imma, skużi, Maria....X'ghandu x'jaqsam issa, dan li qed tghid? S'issa....

Maria : (Eċċitata) Iva, s'issa flaht nirreżiżti, imma issa.... issa biżżejjed... issa ghejjejt... xbajt ghal kollox... Il-parti li qed jkolli naghmel, il-hajja mohbija ... l-attenzjoni l'irrid naghmel meta nitkellem... Il-ghali li rrid nuri ghal dak li jiena ma garrabtx... il-vistu li rrid nilbes ghal żewġi li ghadu haj mimli bil-ghomor... Iva, dawn, qed joqtluni bil-mod, il-mod... is-sahha tal-bniedem ukoll ghandha l-limiti taghha... Issa biżżejjed... ma niflahx aktar...

Adriano: (Allarmat) Ssssst.... Tghajjatx, Maria... Ghidli xi tridni naghmel....

Qampiena tal-hieb tà' barra.

Pawlina u Guglielmi

Touriette u Twamy.

Maria : Ma nafx... ma nafx.... Nispiċċawha... ma rridx nissokta iżjed f'din il-hajja... ma rridnx nidher iżjed bhala mara armla... imdejqa... desolata... kullhadd jghidli li jehtieġ li nderri.. li ninsa... Iva... issa xbajt... irrid inderri.. irrid ninsa... X'jistghu jghidu? Jghidu li nsejt malajt... ma jimpurtax... Kullhadd jghid u jahseb li jrid... ma rridx naf iżjed b'tifkiriet, b'nikxet u vistu... Jiena ukoll ghandi d-dritt li nghix il-hajja tighi... Qabel, ghext fil-miżerja... issa qed nghix fil-gideb.. fil-qerq... Ghalli ġej, minjaf.... Alla tighi... Inhossni sejra niġġennen.....

Adriano: Ikkalma, ikkalma, Maria... Il-lum, xejn ma inti tirraguna.

Maria : M'inhix nirraguna... M'inhix nirraguna?....Possibbli li m'inthix tintebah li issa, jiena bdejt nirraguna? Inti le... Int qed tghix b'ghajnejk maghluqa ... ghalik, kollox huwa hafi: kollox huwa sempliċi... kollox regolari... imma jien, jien issa ftaht ghajnejja.. issa bdejt nara,.. bdejt nifhem....

Adriano: (Jaqbadha mill-polsi ta' idejha, nervuż) Ghidli x'inti tara... ghidli x'inti tidhem.... Fisser ruhek....

Maria : (Donnha li ġiet xi ftit f'taghha) Xejn!.. Xejn!... Ghandek ragun... Kliem fieragh... Ma nafx x'jiena nghid... Taghtix każ tighi.....

(Tinstama' l-qampiena tal-kanċell. It-tnejn flimkien, istintivament, jeraqu lejn il-vetrata)

Maria : (Nervuża) Ismaghni... ġie minn ġie.... ghidlu li ghandi ugieh ta' ras.. ghidli li ma niflahx... ghidlu dak li jiġi f'rashek... m'ghandix aptit nitkellem... m'ghandi aptit nara lil Hadd.

(Tohrog minn fuq ix-xellug. Sa dan it-tant, Rosina tmur tiftah. Adriano jibqa' jahres ċass mnejn harget Xmaxnax Maria. Wara ftit, tidfaċċa fuq il-vetrata, Pawlina ma' Guglielmi)

Pawlina: Ahna hawn... Wassaltu jien, ghaliex kien ser jintilef, f'dal hafna toroq li hawn madwarna.... Fejn hi Maria?

Adriano: Ma thosshiex fieha... Ghandha uġieh ta' ras.

Guglielmi: Tassew? Qed jiddispjaċini....

Adriano : Nitolbok tiskużaha.

Pawlina : Nista' nidhol insellmilha?

Adriano : Le... ifhimni, sinjorina... nahseb li ahjar...

Pawlina : Maria, uighi, ma ~~kagumikx~~ tużax kumplimenti... jekk ma ghandhiex aptiti, malajr tibaghtni l-barra... Fil-kamra taghha qegheda?

Adriano : Nahseb...

(Pawlina tohroġ minn fuq ix-xellug. Adriano u Guglielmi ifittxu xi argument biex iżommu konversazzjoni)

Sibt xi kamra, l-Miramar?

Guglielmi: Iva... b'kumbinazzjoni kbira...Flok wiehed li kellu jitlaq malajr.

Adriano : Qieghed niehu gost...ghandi pjaċir... Behsiebek iddum hawn?

Guglielmi: Na nafx... ghadni ma ddeċidejtx... forsi noqoghod xi xi ftit granet.... ġimgha.... skond kif insib ruhi... U int, ilek hawn hafna?

Adriano : Kważi xahar.

Guglielmi: Ġejt ma Maria?

Adriano : Iva, appuntu... ma' Maria...

Guglielmi: (Jersaq lejn il-vetrata) Hawnhekk, ghandkhom sabieh hafna.... Nahseb li ghandkhom il-kwiet, hux veru?

Adriano : Hafna ukoll.... Jekk wieħed ikun irid, jista' jghaddi ġimghat shah bla ma jkellem lil hadd.

Guglielmi: Pajjis grazzjus hafna... Kif irnexxielkhom issibuh?

Adriano : B'kumbinazzjoni... Konna qed infittxu post ghal kwiet.... Maria, ghoġobha mill-ewwel.

(Pawsa. Adriano u Guglielmi jharsu lejn xulxin bla ma jafu x'ghandhom jghidu)

Adriano : (Biex jghid xi haga) Noffrilek Vermouth?

Guglielmi: Skużi?

Adriano : Offrejtlek Vermouth.

Guglielmi: Grazzi... ġentili hafna.

(Adriano ilesti fuq il-mejda, il-bikkerini u l-flixkun. Jimla l-bikkerini u joffri wieħed lil Guglielmi. Joqoghodu bilqeghda)

Guglielmi: Int kont li hajjartha ssieġer?

Adriano : Iva, miskina... taf int....

Guglielmi: Ghamilt sewwa... F'ċerti każijiet ma tkunx tista' taghmel ahjar.... issiefer... tibdel l-ambjent.... tara wċuh ġodda... Nahseb li ma tantx kienet haga hafifa biex ikkonvinċejta.

Adriano : Nitolbok li ma tfakkarnix. (Pawsa ohra)

Guglielmi: Maria, issa tidher m'hux hażin... wiċċa jidher ahjar... donnha stabret xi ftit... L-ahhar li rajtha, meta ġratilha dik id-disgrazzja... nghidlek is-sew, ġibitli hniena... imsejkna Mariolina....

Adriano : (Ihares lejh sorpriż) Mariolina?

Guglielmi: Qabel hekk kont insejhilha.

Adriano : (Skunċertat) Qabel? Qabel, meta?

Guglielmi: Meta konna tfal... Lili, kienet issejjahli Cesaroni u jien, Mariolina. Na nisthix nghidlek, bejnietna, kien hemm anke xi avventura ċkejkna....

Adriano : Avventura?.. Tassew?...

Guglielmi: Oh!.. Avventura safja... Maria, kien ghad kellha ghaxar snin... jien, kelli erbatax il-sena... Imma kif? Possibbli li Maria qatt ma qaltlek xejn?

Adriano : Le qatt... intik il-kelma tighi... kompli, kompli, niehu gost hafna nisma fuq dawn l-avventuri żghar.

Guglielmi: Wisq ftit hemm x'nirrakkonta... l-avventura taghna kienet grat waqt li konna villeġġatura, meta konna ltqajna wara hafna żmien... Maria kienet miżżewġa u ghalhekk minn dak il-hin li sirt naf b'dan iż-żwieġ, bdejt ninteressa ruhi biex insib post decenti lil żewġa.

Adriano : Post?... Post deċenti'.....

Guglielmi: Iva!.. Żewġa kellu post ċkejken... is-salarju tighu kien żghir hafna u allura... dahhaltu skrivan mighi.

Adriano : (Milqut minn dak li semgha) Ah!.. Hekk kien il-każ mela... Iġifieri inti dahhaltu skrivan mighek ghaliex kont taflil Maria? Adriano ma kien jaf xejn b'dan?

Guglielmi: X'iġifieri xejn?

Adriano : Iġifieri b'Cesarone u Mariolina...b'dik l-avventura ċkejkna...

Guglielmi: Nahseb li Maria kienet qaltlu xi haga....

Adriano : Le, le... Maria ma qaltlu xejn....

Guglielmi: Imma inti sgur minn dan?

Adriano : La darba dan qieghed nghidulek jien? Trid li jien ma nkunx naf?

Guglielmi: Forsi ma qlatlux per ċerta delikatezza... Taf int, kif inhuma l-irġiel miżżewġa... suspetti wahidhom... Kieku huwa kien jaf, forsi setgha jahseb, imma hekk bla ma jaf xejn....

Adriano : Jiena nisgurak li ma kien jaf assolutament xejn.

Guglielmi: Nahseb li kif qed tghid int... tant hu hekk li qed niftakar li meta kont immur maghhha f'xi kunċert....

Adriano : Kif??? Maria kienet tigi mighek ghal kunċerti?

Guglielmi: X'imdaqqiet, iva... rari hafna, eh!... Jiena ta' spiss kont nistedinha, imma hi kienet tibża li jaraha xi hadd mighi u imur jghid lil żewġa... Isma, niftehemu, ahna ma konna naghmlu xejn hażin... Imsejkna Maria... Il-mużika, hija kienet thobba hafna... Huk, ghalkuntrarju... kien ihobb biss id-daqq tat-trombi.

Adriano : Ah!.. It-Trombi!....

Guglielmi: Hekk ghall-inqas kienet tghidli... Tista' timmaġina gosti iżjed barbari minn dawn? It-Trombi!... Il-hdud kollha... wara nofs in-nhar, huk kien johodha biex tisma l-banda!...

Adriano : Imma jiena nghidlek li la darba dawn it-trombi jiġu mdahhla fil-mużika, sinjal li hemm min jiggustahom...

Guglielmi: Sgur, sgur... imma, ġib quddiem ghajnejk dik il-povra mara.... X'imdaqqiet kont noffrilha xi biljetti ghat-Teatru... Qatt ma 'ċċettat... min jaf... forsi kienet tghidlu li dawk il-biljetti kont tajthomla jien u allura hu, kien iġaghalha tirrofthom....Darba biss irnexxieli ngaghala taċċetta żewġ pultruni ghall-opra.

Adriano : Ah!.. Int kont?...

Guglielmi: Iva... Ghaliex?... Kienet qaltlek?....

Adriano : Kienet semmietli xi haga fuq, fuq...

(Pawsa ohra)

Guglielmi: Allura inti, lil-kunjata, taraha spiss?

Adriano : Jien? Iva... kulljum.

Guglielmi: (Sorpriż) Kulljum? Haga stramba!.... Qatt ma semmietli xejn.

Adriano : Anqas lili... Lilek qatt ma semmietek.

Guglielmi: Ma ghandniex x'inghidu... inti huwa hu r-ragel taghha Forsi din il-hbiberija ta' bejnietna, lilek, ma kienitx teghoġbok.

Adriano : Imma, allura, bejnietkhom, tassew li kien hemm dil-hbiberija?

Guglielmi: Sa certu punt, iva... imma, niftehemu ahjar... il-hbiberija taghna kienet hbiberija safja... Hbiberija li ghandha ċerta konnessjoni ma' l-arti... mal-kotba... mal-mużika... hbiberija li fieha, hija kienet issib dak kollu li f'dara, kienet nieqsa minnu.

Adriano : Imma, f'dara, x'kien jonqosha?

Guglielmi: Ifhimni ftit... Huk, kien bniedem bravu... wieħed mill-ahjar impiegati hi kelli... kien intelligenti, imma dejjem impiegat,hux veru? Ghalhekk, il-mentalita' tighu kellha l-gosti u l-ideat ta' bniedem impiegat... Ghal mara, bhal ma hi, Maria, kien jixirqilha xi haga ahjar... tifhimni int, hux tassew?

Adriano: (Ihares lejh fitt) Nghidlek is-sew, ghadni ma fhimt xejn...

Guglielmi: Ma nafx kif nibda nfisser ruhi... Jiena nahseb li huk ma kellux l-istess aspirazzjonijiet ta' Maria... taf int, il-hajja taghhom, kienet hajja restretta, hajja ta' ċahda kontinwa....

Adriano : U dan, kienet tghidulek Maria?

Guglielmi: Le, le... Maria qatt ma qaltli xejn.. dan kont nahsbu jien, tant hu hekk, li jien, kont nagħmel mill-ahjar biex nghinhom... nghidlek il-veru, ghalihom, ghamilt anke x'ingustizzja ċkejkna... lil Adriano kont tajtu promozzjoni li fl-opinjoni tighi ma kienitx tmiss lilu.

Adriano : U dan kollu, int, ghamiltu ghal Maria.

Guglielmi: Iva!...

(Adriano jghaddi idu minn fuq mohhu, iqum u jibda ji passigga minn naha ghall-ohra. Guglielmi jhares lejh sorpriż, u:)

Xi gralek? Jaqaw, ma tiflahx?

Adriano : Le, le... M'ghandi xejn... Is-shana!.. Is-shana li hawn f'din il-kamra inhossa qed taqtaghli nifsi.

Guglielmi: Is-shana? Ma jidhirlix... jiena kważi qed inhoss il-bard...

Adriano : (B'lehen ironiku) Int ghandek ragun.... Kien bniedem idjota.

Guglielmi: Min?

Adriano : Hija.

Guglielmi: Dan qatt m'ghedtu,jien....

Adriano : Qieghed nghidu jien!.. Hija, biex fl-uffiċċju jkollu ċerta responsabbilta'... biex jara lill-martu tiffrekwenta it-teatru... biex jaraha tgawdi ċerta hbiberija.....

Guglielmi: Le!.. Tghidx hekk.... Maria kienet u ghadha mara ezemplari... perfetta.

Adriano : (B'nofs dahqa) Perfetta!.. Wiġibni ftit... Jekk int stess, ghadek kemm ghedtli li hija kellha hafna aspirazzjonijiet... li mal-hbieb, kienet tfittex dak li kienet imċahhda minnu f'dara....

Guglielmi: Imma, skużi....ghaliex qed tinkorla daqshekk?

Adriano : Jien ninkorla? Le, le... jien m'inhix ninkorla... Ghidli, jidhirlek li hija haga sewwa? Povru ragel...Ghal gharrieda isir jaf li martu kienet qed tidhaq bieh u trid li dan dam, jiehu din l-ahbar biċ-ċajt... bil-kalma kollha.....

Guglielmi: Adriano, qatt ma kien jaf xejn u ghalhekk m'hemm ghalfejn tinkwieta ruhek daqshekk....

Adriano : Min qed jinkwieta ruhu? Bhala huh... bhala kunjatu....

Guglielmi: Appuntu ghalhekk... jiena jidhirli li bhala huh... bhala kunjatu, tista' tghini hafna... tista tifhimni ahjar... Ghalija, int, taf siba xort'ohra minn Adriano... Nahseb l-int ghandek mentalita' differenti... tidher iżjed intelligenti... iżjed modern... inti, tista' tifhem aħjar ċerti hwejjeġ psikoloġiċi.

Adriano : Le, sinjur... hawn ma jittrattax minn hwejjeġ psikoloġiċi... hawn ghandna l-fatti... fatti konkreti... ghandna l-poeżija...

Guglielmi: U jekk huwa kif qed taħseb int?

Adriano : Kif??

Guglielmi: Maria, hija mara armla... Hija tista' tiddisponi minn hajjitha... mill-imhabba, bla ma hadd jindahlila... Ghalinqas, jien hekk ghandi nahseb... M'hux sewwa qieghed nghid?

Adriano : Sgur... sgur... m'hemmx dubju...

Guglielmi: Jiena nista' nisgurak li sakemm ħuk kien ghadu haj, qatt ma sar xejn... qatt kelma... hsieb ta' Maria li sata' joffendieh....

Adriano : Sakemm kien ghadu haj!... Imma issa?.. Issa, li jinsab mejjet?

Guglielmi: Issa xort'ohra... issa s-sitwazzjoni tbiddlet... hemm possibiltajiet ohra...

Adriano : U liema huma dawn il-possibiltajiet?

Guglielmi: (Wara li jahsiba ftit) Ifhimni... mighek, jiena nista' inkun sinċier, anzi jehtieġ li naghmlu dan... Int, huwa l-kunjatu... Bhall-issa, inti qed tieħu hsieb... hsieb il-ġejjieni taghha, hux veru? Nahseb li ma jimpurtax li qed naghmillek din il-mistoqsija....

Adriano : Xejn... xejn... kompli, kompli.

Guglielmi: Tajjeb. Ghal Maria, jiena dejjem kelli sentimenti ta' hbiberija... Dawn is-sentimenti, kull ma jmorru, qeghedin aktar jikbru... aktar isiru profondi... Issa ntbaht, anzi ninsab sgur li dawn, la jistghu jidbiddlu u anqas jonqsu... Nahseb li fhimt x'irrid infisser, hux tassew?

Adriano : Le!...

Guglielmi: Iddeċidejt li niżżewwiġha!...

Adriano : (Miblugh) Tiżżewwiġha???...

Guglielmi: Iva... ftit ilu, waqt li kont qed nitkellem ma' Maria, kont kostrett nurieha bil-hsieb tighi.

Adriano : U din, x'wiġbitek?

Guglielmi: Qaltli li ma jistax ikun... li ma tridx....

Adriano : Nahseb li ghaddha ragun.

Guglielmi: Sewwa qieghed tghid... il-proposta tighi, ghamiltiela kmieni wisq... b'dan kollu, jiena m'ghandix qalbi maqtugha... biż-żmien, nittama li jirnexxili... l-aktar issa, li ghandi lilek habib tighi.

Adriano : X'iġifieri???

Guglielmi: Iġifieri issa, jiena nista' norbot fuq il-hbiberija u l-ghajnuna tighek.

Adriano : Kif??? L-ghajnuna tighi?????

Guglielmi: Iva!.. Hadd ma jista' jghini aktar minnek... Bi kliemek, inti tista' tipperswadiha...

Adriano : Imma, x'inti tghid? Jien? Jien nġighel lil Maria tiżżewweġ lilek??? Proprju jien??? Dan, iżżejjed issa..

Guglielmi: Ghaliex? Ma tridx tghaddili kelma?

Adriano : Sgur li m'irridx... dawn affarijiet tad-dinja l-ohra... Tassew tad-dahq... Jien... Proprju jien, immur quddiemha u nghidilha: "Ismaghni Maria, dan is-sinjur jrid jiżżewġek."

Guglielmi: Imma x'fieha din? Inti huwa l-iżjed wieħed li tista' ittieha parir.... Int huwa l-kunjatu taghha....

Adriano : U x'kunjatu... kunjatu.... Int jidhirlek li jista' jkun li jien....

Guglielmi: Sssst... iskot... iskot!.... Qieghed nisma lehen is-sinjorina Pawlina... inkomplu fuq dan iżjed tard.

(Minn fuq ix-xellug, jidhru Maria u Pawlina. Maria, issa, tidher liebsa libsa ta' wahda zaghzugha. Adriano ihares lejha sorpriż, waqt li Guglielmi jersaq biex jilqaghhom.)

Guglielmi: Buonasera, sinjura... Ghaddielek l-uġieh ta' ras?

Maria : Iva, ghaddieli, grazzi.

(Adriano, sorpriż, ikompli josserva il-libsa ta' Maria. Pawlina li tintebah b'dan, tghidlu.)

Pawlina : X'jidhirlek, Roberto? Tixirqilha?

Adriano : Iva, iva... hafna... imma, ma nistax nifhem.....

Maria : L-iswed dejjaqni... inhoss li ma nistax nilbsu iżjed kont qed inhossu isewwidli izjed qalbi....


Toilette
Siparju

Pawlina :: Ghal lejla, ghandna programm sabieh hafna... Int, Sur Guglielmi, jehtieġ li tohodna sal Belvedere bil-karrozza tighek.

Guglielmi: Bil-qalb kollha....jiena lest ghad-dispożizjoni taghkhom.

Pawlina :: Imbaghad minn hemm nixtiequ immorru bil-fregatina biex niċċenaw il-Miramar.

Adriano : Imma kif? Ahna ukoll? Anke Maria?

Pawlina : Sgur... ahna ilkoll.... Ghaliex? Ma tiehux gost tiddeverti?

Adriano : Iva, iva... joghoġobni... imma, ghadni ma nistax nifhem.... X'ghandhom x'jaqsmu bhall-issa d-divertimenti?

Pawlina : Id-divertimenti huma mehtieġa l-iżjed ghal Maria... Tiġini hasra minnha, naraha dejjem maghluqa hawn gew.

Guglielmi: Is-sinjorina ghandha ragun... daqxejn ta' svoġ jaghmilla tajjeb.

Adriano : Iva... daqxejn ta' svog kollox sewwa, imma issa... jidhirli li qed tesagera.

Maria : Imma skużi... billi ghal darba, immorru nieklu barra, m'hix ser taqa' d-dinja....

Pawlina : (Lil Adriano) Jien ma nistax nifhmek... ftit ilu, smajtek tghidilha li ghandha bżonn id-derri.

Adriano : Id-derri iva... naqbel mighek... imma niftehemu... jehtieġ li nirrispettaw l-apparenzi ukoll... Anqas ilu xhhar mejjet... ghall-inqas ftit tar-rispett ghal memorja ta' dak il-povru ragel.

Maria : (Xkattata bid-dwejjaq) Ikollok hniena... tergax tibda tfakkarni....

Adriano : ~~Adrianoix~~.. Maria!....

Maria : Biżżejjed!.. Biżżejjed!.... Tkellimnix iżjed fuqu.... m'irridx nisma iżjed....

Pawlina : Iva, il-mejjet irid il-mistrieh,,,. X'sejrin tiehdu billi toqoghodu tiftakru fieh u s-semmugh? Imxu, imxu immorru ghax ġa sar hafna hin....

Maria : Roberto Adriano!... Ghadek ma mortx tbiddel? M'inthix ġej maghna b'dak l-ilbies, hux?

Pawlina : Kif? Wara li tlifna daż-żmien kollu, sejrin noqoghodu nistennewh ~~nkxiix~~ ibiddel?

Adriano : Le, le, sinjorina... m'inthomx sejrin tistennewni... Jien, m'inhix ġej maghkhom....

Pawlina : Bravu... Inti tista' tigi issibna l-Miramar...

Maria : Iva, iva... ahna nkunu qeghedin nistennewk.

Pawlina : Insejt l-imrewha gewwa, halli nmur ghalieha.

(Tohroġ minn fuq ix-xellug)

Guglielmi: (Waqt li jaqhad lil Maria labranzetta) Immorru, Sinura?

Maria : Iva, iva, immorru... immorru....

Adriano : (B'leħen mrieghed, fgat bil-korla) Maria!... Maria!... Stenna!.....

Maria : (Terga l-ura fuq il-bieb, inkurlata) Xi trid??? Ghidli xi trid? Ehles!... Mur biddel u ejja lhaqna...

(Tibqa' sejra ma' Guglielmi)

Adriano : (Jersaq fuq il-bieb, jghitilha, irrabjat) Maria!... Maria!.....

Pawlina : (Tidhol tghaġ el minn fuq ix-xellug) Ġa telqu?

Adriano : (Mitluf fil-korla) Ismaghni, sinjorina... Ghid lil Maria terga' l-ura minnufieh.... Ghidilha li ma rridx... nimpediha... fhimtni?.. Nimpediha....

Pawlina : (Taqtaghlu kliemu) X'timpediha... timpediha!... Maria, fl-ahhar, tinsab hielsa... Hija sid taghha nnifisha.. Issa, tista' taghmel dak li joghoġobha... Fuq kollox, int, m'ghandekx x'taqsam maghha...Jaqaw, ilhaqt flok żewġa??? Isma minni... halliha fil-liberta' taghha... tindahalx....

(Tibqa' hierga l-barra. Adriano jibqa' ihares miblugh, bla ma jiċċaqlaq, qisu wieħed sturdut)

(Siparju bil Mod.)

In scena:

Maria e Rosina

Mary a Inez.

Adriano



TIELET ATT.

(L-istess xena tat-tieni att. Kwaźi dalam ghal kollox. Il-vetrata tidher maghluqa. Kultant xi berqa, iddawwal it-terrazzin. Maria, mghejjuna minn Rosina, tidher qed tipprepara fuq tavolin xi kikkri tat-te.)

Maria : Le, le... dik m'hix tajba... mur ġibli d-dvalja l-irrakkmata.

Rosina : (Waqt li tersaq lejn gradenzina u tohroġ tvalja rrakkmata) Din trid?

Maria : Iva! (Tlehh berqa; Maria tinhasad) X'wahdadin... Kumm hu temp ikreh... Issa, nieżla x-xita ukoll.

Rosina : Tassew lejla kerha... bilhaqq... kont ser ninsa nghidlek... Ftit ilu, ġiet is-sinjura Cuncett.

Maria : Is-sinjura Cuncett?

Rosina : Iva... ġiet ghal kerha.

Maria : Ghedtilha lis-sinjur m'hux d-dar u li jkun hawn fl-ahhar tal-gimgha?

Rosina : Iva, imma qaltli li trid tara lilek u li ghandha tghaddi iżjed tard.

Maria : Tajjeb... issa aqsam lumija u qegheda fi plattina.

Rosina : (Waqt li taghti xi passi biex tohroġ minn fuq il-lemin) Tridni nnewwillhek xi halib ukoll?

Maria : (Innervjata) Iva!.. Ma tafx li ghandhek iġġib il-halib? Hemm bżonn noqoghod nghidlek kull darba x'ghandhek taghmel? Haffef Rosina, minn hawn u ftit iehor, ikun hawn dak is-sinjur.

(Rosina tohroġ. Maria tkompli tirranġa it-tazzi fuq it-tavolin. Meta tlesti, tressaq it-tavolin ġuddiem id-divan. Tqieghed ashtray fuq it-tavolin. Tinstama ix-xita. Maria tidher tindehex bil-bard u s-sallab idejha fuq spallejha. Tinstama tahbita fuq il-vetrata. Maria tersaq tigri u waqt li tlehh berqa, jidher xi hadd li qieghed wara l-hġieġ. Tkun pronta tiftah u jidhol Adriano, liebes kappell, raincoat u valiġġa żghira f'idu.)

Maria : (Sorpriża, waqt li tghalaq il-vetrata) Adriano!...

Adriano : Buonsera, Maria!.. (Tkun ser jhaddanha mighu imma jieqaf ghaliex jiftakar li huwa mxarrab bix-xita) Le... stenna... Jekk tmiss mighi, tixxarrab...(Inehhi l-kappell u r-raincoat u jersaq lejn il-bieb isejjah lil:) Rosina!...

Rosina : (Tidher fuq il-bieb) Buonasera.... ben tornato....

Adriano : Buonasera, Rosina... Jekk joghoġbok, qeghedhomli x'imkien jinxfu... (Itieha l-kappell u r-raincoat. Rosina tohroġ)

(Jersaq lejn Maria) Ma nistax infissirlhek xi vjaġġ kelli

: Ghal ftit minuti, tlift it-ten u kelli noqoghod l-istazzjon nistenna ghal erba' sighat shah.

Maria : M'hux ahjar tmur tbiddel, Adriano?

Adriano: Ma jimputtax... Ghidli, Maria, ma kontx tistennieni, hekk, ghal gharrieda, hux veru?

Maria : Le... tant hu hekk, li ma nistax nifhem, kif irgajt l-ura hekk malajr. Qabel tlaqt, kont ghedtli li ma kellekx terga' l-ura qabel l-ahhar tal-gimgha.

Adriano: Inqast minn kelmti.... Wara hamest-ijiem, irgajt sibt ruhi hawn. Kien hemm tassew ghaliex wiehed jaghmel dan il-vjaġġ.

Maria : Ghaliex? X'gara? Jaqaw ilhaqt tard?

Adriano: Le, el... Ilhaqt tajjeb... il-post kien ghadu vojt... Donnu li kien mahluq ghalija; barra minn dan, kien hemm ohrajn... impiegi mill-ahjar... pagi gholja... imma kull fejn tmur, is-soltu mistoqsijiet.... "X'kont taghmel? Fejn kont tahdem? X'ċertifikati ghandek?" Tifhem, Maria... Kull-bniedem, jehtieġ li jkollu l-imghoddi tighu... id-dkumenti li juru l-hajja....ix-xhieda ta' l-eżistenza... Ghalija, l-Imghoddi huwa haġa li m'ghandix niftakar fieh... Il-passat tighi huwa maghluq... Minejn nista' nġibhom id-dokumenti li jixhdu ghall-eżistenza tighi?.... Isma ma jeżistix iżjed. ... jekk nitlob iċ-ċertifikat tat-twelid, ituni dak tal-Mewt!....

Maria : Imma possibbli li m'hemmx xi mezz iehor li bieh.....

Adriano: Le!... M'hemm ebda mezz... F'dawn il-hamest-ijiem li ghaddew jien ghamilt minn kollox, ittwntajt sahansitra nitlob xoghol li lili ma jixraqlix... xoghol umiljanti... xoghol mistmerr minn kullhadd... Iva, anke ghal dan ix-xoghol hekk miżeru, jehtieġ li wiehed juri l-identita' tighu... Ghidli, Maria, Liema hi l-identita' tighi? Jien ma neżistix... Hekku... Jiena u x-xejn, xorta wahda.... L-Umanita', kollha kemm hi, hija r-reġistrata... ikkontrollata minn dak il-hin li titwieled sa dak il-waqt li tmut.... Il-lum, jienmx ma naghmilx sehem minn din l-Umanita'... Jien huwa haga żejda.. Mir-registru tal-hajjin, ghaddejt ghal dak tal-mejtin u ghalhekk, hija haga mpossibbli li jiena nsib post fost il-hajjin.

Maria : Imma allura?

Adriano: Allura xejn... M'hemm xejn x'naghmel iżjed... Taf x'inhi l-ahhar haga li baqaghli naghmel?

Maria : Le... Ghidli, Adriano.

Adriano: Ikolli naghmel bhal dawk li jkollhom id-dokumenti f'idejhom u jibżghu juruhom... ikolli naghmel bhal hallilin... bhal imbroljuni... Iva... proprju hekk, ikolli naghmel... Jiena riedt nimbrolja lis-Soċieta' u din issa, qegheda tivvendika ruhha minni... Is-Soċieta', issa, qegheda tbeghdni minnha... qegheda tiċhadli l-istess dritt li nghix... Tifhem issa, Maria, liemi hi l-qaghada li ninsab fieha?

Maria : (Bierda, kważi ostili) Dan, kelna nahsbu fieh qabel.

Adriano: Naf, naf, li kelna narawh qabel... Kollu żejjed li toqoghod tghidli kliem bhal dan... Jiena naf... ghalik huwa konvenienti li tkellimni hekk... Ghidli, Maria, kliem bhal dan, ghaliex m'ghedtulix dak inhar?

Maria : U min qallek li m'ghedtulekx???

Adriano: X'ghedtli? Ghidli, x'ghedtli... Int, dak inhar kont imbażża'... Dak inhar, int kien imisshek impedejtni... kien imisshek urejtni l-konsekwenzi...

Maria : Igifieri, bi kliemek, trid tghid li l-htija hija tghi.

Adriano: Le, le... Il-htija hija tighi biss... Jien biss huwa l-hati... Tajjeb, hekk, Maria? Kieku taf kif qegheda tit-torturani... din l-arja tighek ta' rimproveru....

Maria : Rimproveru!... Imma jekk jiena qatt ma nghidlek xejn...

Adriano: Appuntu, ghalhekk... Int qatt ma tghidli xejn, imma jien, nifhmek tajjeb... Jiena naf l-hsibijiet li ghaddejjin minn mohhok... anzi biex nghidlek kollox... x'imdaqqiet, donni li f'ghajnejja narak ferhana ghaliex lili tarani f'dan il-gwaj.

Maria : Ferhana? Int f'sensik, Adriano? Ma tafx lil gwaj tighek ifisser ukoll dak tighi?

Adriano: Ghandek ragun... Dan huwakollu kliem fierah... (Wara pawsa) Ghidli, Maria... Xi kemm baqaghlna flus?

Maria : Kwazi xejn.... Kelli hafna kontijiet x'inhallas.

Adriano: Ah!....

Maria : Is-sinjura Kuncett, giet kemm il-darba biex nghidulha x'sejrin naghmlu bid-dar... qaltli li ghandha minn iridha ghas-sajf li gej.

Adriano: U int, x'ghedtilha?

Maria : Xejn. Leewwel, riedt nara x'sejjer tghid int. Minn hawn u ftit iehor, ghandha terga' tigi.

Adriano: X'sejrin nghidulha? Ingeddu l-kuntratt mill-gdid? Tkun haga ridikola.... Kif irridu inhallsuha? Imma, mill-banda l-ohra, fejn sejrin immorru? Jehtieg li niksbu xi haga tal flus... Iva!.. b'kull-mod... hemm bżonn... hemm bżonn.... Imma kif? Mnejn???

Maria : Jekk trid tbiegh, il-gjojjelli tighi....

Adriano: Ikollok hniena, Maria... dawk issemmihomlix.... Kemm taheb li jtuni fihom? Taf kemm tawni ta' l-arlogg tighi?

Maria : Kif??? L-arlogg beghetu???

Adriano: Ma stajtx naghmel mod-iehor... anke il-kartiera tas-sigarretti... Hekku... hares ftit... ara x'tawni....

(Idahhal idu fil-but u johrog xi haga tal-flus)

Kemm, kemm, inhallsu lissinjura Kuncett... Hudhom, Maria.

(Maria tiehu l-flus)

(Iddisprat) Ma nafx fejn sejjer nibda naghti resi!... Din il-haga li ma nista' naghmel xejn, qegheda titlifni minn sensija. Kullhadd jista' jahdem xi haga.. Kullhadd jista' jissielet mal-hajja... jiddefendi ruhu... Jien, le'... Jien ma nista' naghmel xejn'.... Anqas immut ma nista', ghaliex ga ninsab mejjet..... X'sejrin naghmlu, Maria? Ghidli inti, x'sejrin naghmlu.

Maria : Immur nahdem jien.

Rosina

Adriano: Int? Imma int, kif tista' tmur tahdem? X'taf taghmel, ghidli, Maria?

Maria : Ma nafx... immur infittex... insib x'impieg li jghodd ghalija... Naghmila ta' Governanti... jekk ikun hemm bżonn, anke ta' seftura....

Adriano: Seftura???

Maria : Iva!.. La darba int ma tistax tahdem, jehtieg li jahdem haddiehor minnflokok.

(Rosina tidhol minn fuq il-lemin, b'buqar ċkejken bil-halib u plattina b'xi flieli tal-lumi u tmur tqeghdhom fuq it-tavolina. Adriano isegwi b'ghajnejh lil Rosina)

Maria : Rosina, ġib tazza ohra.

Rosina : Tajjeb, sinjura. (Tohroġ)

Adriano: (Wara li jitfa harsa fuq it-tavolina) Hekku!... Jiena ma kontx mistenni!... Ghalieh dawn il-preparamenti?

Maria : Iva.

Adriano: Kulljum jiġi jiehu t-te' hawn?

Maria : Iva, kulljum....

Adriano: Ma kellux jitlaq minn din il-Belt?

Maria : Iva, kien telaq, imma reġa' l-ura malajr.

(Tidhol Rosina b'tazza f'ida)

Rosina : Tridu issa, it-te'?

Adriano: Le, m'hemmx ghaġġla... Nistenna ftit iehor.

(Rosina tohroġ. Wara pawsa Adriano ikompli b'certa ndifferenza)

Ruqhiex jeqoghod ikellmhek meta jigi hawn?

Maria : (Biex tehles minnu) Fuq hafna xorti.

Adriano: Naturalment... jirripeti dejjem l-istess kliem... li jrid jiżżewġek, hux tassew?

Maria : Le... Dan, qatt ma qaluli... biss, iġghalni nifhem liema hi x-xewqa tighu.

Adriano: (Sarkastiku) Allura, jekk ma niżbaljax, huwa jikkunsidra ruhu kwaži bhala gharus tighek, hux veru?

Maria : (Kalma u ndifferenti) Iva, hekk nahseb... jisthajlu gharus.

Adriano: Gherusija ftit twilalll.. Gherusija li bdiet minn mindu kontu ghadkhom ċkejknin... gherusija li kompliet anke meta konna miżżewġa...Ma ghandniex x'inghidu... ghalieh, din hija l-isbah xhieda tal-fedelta' tighu.

Maria : (Imdejqa, waqt li thares lejh harsa kerha) Xi trid tfisser b'dan?

Adriano: Xejn, xejn... Kieku fin-nofs, ma kienx hemm jien... anzi,

Qampiena tal-bieb ta' barra.

Rosina ?

Guglielmi !

Rosina



: qieghed nghid, ghalikhom kien ahjar meta kont ghadni haj... Raġel haj, miżżewweġ, jista' wieħed jidħaq bieh... imma mejjet....

Maria : (Ironika) Qieghed tghir ghalija?

Adriano: (Waqt li jerfa' spallejh) Le, le.... (Jersaq lejn iċ-ċummija) In-nar ser jintefa'... M'ghandhekx hatab iżjed?

Maria : Le... l-ahhar ftit li kelli, użajtu....

Adriano: Iżjed kien jaqbel li xtrajt ftit hatab mi li qaghadt tixtri it-te' ghal dak is-sinjur.

Maria : Ilpftit te' li ghandi, irregalahuli hu stess.

Adriano: He... Ser jidhol ghall-ispejjes tad-dar ukoll?

Maria : (Innervjata) Ismaghni, Adriano... Imma ahjar xejn...ahjar ma nwieġbekx...

Adriano: (Aggressiv) Le!.. Irridek twiġibni... Tkellem!... Tahseb li ma nafx xi trid tghidli? Tahseb li ma nafx li toboghodni? Tkellem... Ghid dak li ghandek fl-istonku tighek... Ghidli li ma ghdekx thobbni... li sirt tiddisprezzani.... Tibża twiġibni?

Xxxix :

(Tinsta a' l-gampiena. Hawn, Adriano jibdel it-ton ta' kliemu)

Hekku... wasal... X'ser nagħmel? Immur?

Maria : Ghamel kif joghoġbok.

(Rosina tohroġ biex tmur tiftah. Wara ftit jidhol Guglielmi. F'idejh, ghandu pakkett ċkejken li jqeghedu fuq il-mejda.)

Guglielmi: Buonasera, Maria... (Jintebah b'Adriano) Oh!.. Buonasera... Ġa erġajt l-ura? Meta wasalt?

Adriano : (Waqt li johodlu b'idejh) Ftit ilu...

Guglielmi: Bravu!.. Bravu!.. Irnexxielek tehles malajr.

Adriano : Haffift kemm stajt.

Guglielmi: X'daqxejn shana ghandkhom hawn gew... Thossok tithenna... Barra hemm kesha lixxoqq l-ghadam.

Maria : Ghada nieżla x-xita?

Guglielmi: Le... billi waqa xi ftit tar-rieh, l-aġru fetah u m'ghadux kif kien.

(Joqoghodu fuq pultruna waqt li Maria toqoghoġ fuq id-divan. Adriano jibqa' wieqaf mistrieh maċ-ċummija u joqoghod isegwi id-dijalogu bejn Guglielmi u Maria.)

Guglielmi: Ma hriġt, il-lum, Maria?

Maria : Le... Il-lum, bqajt hawn il-ġurnata kollha.

Guglielmi: Ghamilt sewwa... Tassew ġurnata kerha... (Idur fuq Adriano) Nahseb li anke int sibt temp ikreh .

Adriano:: Ma setghax ikun aghar milli kien.

Guglielmi: (Lil Maria) Il-bahar, rajtu xejn, Maria?

Maria : Terribbli!... Smajthom jghidu li l-mewġ baqa' tiela sazzuntier tal-knisja.

Guglielmi: Kienet dehera mill-isbah.... Min rah mit-terrazzin tal-Miramar, ghandu jibqa' impressjonat... Ir-raxx tal-bahar beda jasal s'hemm fuq.

(Tidhol Rosina, b'gabarre bittettiera u tqeghda fuq il-mejda. Maria tqum u tibda tipprepara t-te.)

Guglielmi: (Lil Rosina li tkun ser tohroġ) Rosina, ghamilli favur, newwilli dak il-pakkett li hemm fuq il-mejda.

(Rosina tmur u ġġibilha l-pakkett)

Guglielmi: (Waqt li jaghti l-pakkett lil Maria) Hekku, Maria... ma nafx jekk joghoġbokx. (Rozina tohroġ).

Maria : (Tiehu l-pakkett) Jaqaw? X'inhuma dawn?

Guglielmi: Ftit kannoli... Ghamilhomli l-kok tal-Lukanda.

Maria : (Tiftah il-pakkett) Jidhru tajbin hafna.

Guglielmi: Il-kok qalli li ghandhom joghoġbuk sgur.

Maria : Grazzi, Guglielmi... jiddispjaċini... qieghed tinkomoda ruhek wisq.

Guglielmi: Haga żghira, Maria...

Adriano : Żokkor, ġibt ukoll?

Guglielmi: (Sorpriż) X'zokkor hu?...

Adriano : Ġibt it-te... gibt il-pasti... hsiebt li ġibt iz-zokkor ukoll.

Guglielmi: (Ftit imhawwad) Billi kont naf lit-te tajjeb, hawn, huwa xi ftit skars, hsibt li nġibilha ftit jien...

Maria : (Wara li titfa harsa kerha fuq Adriano) Taghtix każ.... Qallek hekk, biex jiċċajta.

Adriano : Sgur, sgur,li biex niċċajta.

Maria : (Waqt li tnewwel kikkra te lil Guglielmi) Tippreferieh bil-lumi?

Guglielmi: Iva... bil-lumi ahjar... grazzi.

Maria : (Lil Adriano, waqt li qed tferrah kikkra ohra) Int, kif tippreferieh? Bil-halib, jew bil-lumi?

Adriano : La bil-halib u anqas bil-lumi... m'irridx te.

Guglielmi: (Waqt li jurieh il-kannoli) Tiehu kannol?

Adriano : (Waqt li jirrifjuta b'mossa li jaghmel b'idu) Grazzi.

(Pawsa fis-skiet. Maria u Guglielmi jixorbu t-te. Adriano jidher qieghed mqċ-ċummija, jhares lejhom.)

Guglielmi: (Biex jikser is-skiet, lil Adriano) Inqdejt ghallinqas bis-safra li ghamilt?

Adriano : ~~Ixxxxixxxxxxxmhuxxhazinxxxxx~~ Jien?.... Iva, iva, m'hux hażin.

Guglielmi: Isma, jekk nista' niswielek xi haga, iddisponi minni bla ebda kumplimenti.

Adriano : Gentili hafna... nahseb li f'dak li ghandi bżonn, int ma tistax taqdini... jiena nirringrazzjak xorta wahda.

(Pawsa ohra.)

Guglielmi: (Lil Maria) X'iddeċidejt, Maria? Behsiebek tibqa' hawn?

Maria : Ma nafx... ghadni ma nafx.... Nahseb li nitilqu ghallahhar tax-xahar.

Guglielmi: Biex tergghu l-ura fil-Belt?

Maria : Ġa ghedtlek.. ghadni ma nafx... ahna nistghu nbiddlu l-idea u nibqghu hawn....

Guglielmi: Jiena jidhirli li dan il-villaġġ huwa monotonu biex wiehed jghix fieh fit-tul.

Maria : Tiehu kikkra te ohra?

Gugleilmi: Grazzi... (Maria tipprepara kikkra te ohra lil Guglielmi) Ghidli, Maria... Ma thossx xi ftit tan-nostalgija li terga' l-ura fil-belt? Ma tixtieqx tara mill-ġdid dawk it-toroq iffullati bin-nies... dawk il-hwienet sbieh... dawk it-teatri... dawk il-Kafejiet?

Maria : Le... ebda nostalgija.....

Guglielmi: Milli jidher, l-istaġun li gej, ser ikun hemm hafna kunċerti sbieh.

Maria : Dawn, nistghu nisimghuhom minn fuq ir-radjo.

Gugleilmi: Allura ser ikolli nghid l-int trid tistakka ruhek middinja... li trid tibqa' tghix fis-solitudini...

Maria : (Nervuża) Le.... Jiena ma ddeċidejt xejn... Il-lum, forsi qegheda nahsiba hekk.... ghada, forsi nahsiba xort'ohra.

Guglielmi: Hekku!.. Int qatt ma trid taf illum, dak li sejjer jigri ghada... Il-ġejjieni, ma jfisser xejn ghalik.

Maria : Il-gejjieni ma jiddipendix minna.

Guglielmi: Ismaghni, Maria... dan huwa l-iżball tighek... li temmen fid-destin... Hafna minnkhom, jahsbu li l-ġejjieni jiddependi minn qawwiet misterjużi... dan, m'hux minnu... Il-ġejjieni, x'aktarx li dejjem jiddependi minna nfusna.... Ahna stess inkunu li nfassluh, bl-istess hila taghna... permezz tar-rieda shiha .. ta' l-iżbalji li naghmlu matul il-hajja... Maria, il-bniedem, jehtieġ li jkollu l-kuraġġ li jibni l-ġejjieni tighu skond xewqtu.

Adriano : (B'lehen ironiku) He.... Bil-kliem, kollox huwa hafif.

Guglielmi: Ghaliex? Meta fil-hajja, wiehed jirnexxilu ikun jaf

: x'irid, huwa ghandu jegheleb kull tfixkil li jiltaqa' mighu. Haga wahda biss, il-bniedem, ma jistax jirbah... Il-Mewt.

Adriano : U jekk wieħed jasal biex jirbah anke lil din?

Guglielmi (Jidħaq) Meta wieħed ikun mejjet, allura m'hemmx għalfejn joqoghod jhabbel rasu ghal gejjieni.

Adriano : Dan, int, qed tghidu.

Guglielmi Ghaliex? M'inhix nifhem.

Adriano : Xejn, xejn... kont qed niċċajta....

(Jersaq lejn il-vetrata u iserrah mohhu mal-hgieg, ihares ghal barra.)

Guglielmi (Wara pawsa, idur fuq Maria u b'leħem baxx u b'ton kunfidenzjali) Maria... Ghadni kemm ircevejt ittra minn ghand il-mama' tighi... Qaltli biex inselli ghalik.

Maria : (Sorpriża) Biex isselli ghalija? Possibbli li ghadha tiftakar fija?

Guglielmi: Sgur li ghadha tiftakar fik...

Maria : Imma kif jista' jkun? L-ahhar li ratni, kont ghadni żghira... bilkemm kellhi ghaxar snin.

Guglielmi Proprju ta' dik l-eta' tiftakrek... Tfajla helwa, bjonda... Il-mama' tixtieq hafna li terga' tarak.

Maria : Qieghed tiskantani... Ma nistax nifhem... Il-mama' tighek taf li.....

Guglielmi Kollox taf... taf l-imghoddi... taf il-present u fosri anke... anke il-gejjieni. (Maria thares lejh inkwieta. Guglielmi ikompli serju u gravi) Jien ghandi kunfidenza kbira mal-mama' tighi.. ghalija, hija l-akbar habiba... Jien nghidilha kollox.... nuriha bis-sentimenti... bix-xewqat tighi kollha.

(Maria tidher xi ftit ikkonfonduta. Thares lejn Adriano inkwieta li dan bhall-issa jinsab wieqaf hdejn il-vetrata, ihares lejha b'harsa fissa. Guglielmi jersaq lejh, u:)

Guglielmi Kont qieghed nghid lil Maria li l-mama' tighi, wara dan iż-żmien kollu, tixtieq terga' tara ha, anzi qaltli biex nistedinha biex tmur tghaddi xi jumejn maghha.

Adriano :
Guglielmi Maghha, fejn???

Guglielmi Fil-Villa taghna, li ghandna fit-Toscana... Il-mama' tighi, hemm tghix is-sena kollha, naturalment, tigi anke int.

Adriano : Jien?

Guglielmi M'hemmx ghalfejn hafna kumplimenti.... Wisa hemm kemm trid... Bilhaqq, kont ser ninsa... il-mama' baghtitlek xi ritratti tal-villa... (Johrog mi l-but xi ritratti) Hekku... dan, juri l-villa minn barra.

Maria : (Waqt li thares lejn ir-ritratt) Xi ġmiel ta' villa!.. X'kobor!... Qisa xi kastell!...

Guglielmi Ghandek ragun, Maria... Fl-antik, din il-villa, kienet kastell. (Waqt li jispiega d-dettalji tal-fotografija)

Rozina

: Din il-parti, ġiet mibnija ġdida... konna bejnieha ftit snin ilu... Hawn, jinsab il-garage... (Adriano jersaq hdejhom. Guglielmi, wara li Maria tezamina r-ritratt, jghaddieh lil Adriano li joqoghod jarah bla ma jitkellem)

Guglielmi: (Jurieha ritratt iehor) Dan kien l-ewwel pjan.... (Jurieha iehor) Dan huwa l-gnien u dan juri t-tennis court...(Idur fuq Adriano) Thobb tilghabu xejn it-tennis?

Adriano : (Imdejjaq) Qatt ma laghabtu.

(Maria thares lejn Adriano. Ghal ftit iharsu lejn xulxin biex juru li qed jifhmu wiehed lill-iehor)

Guglielmi: (Waqt li juriha xi ritratti ohra) Dawn, juru l-parti l-ġdida... Hares ftit lejn il-kmamar... dawnhom ghadhom m'humiex armati... jonqoshom xi haga... qeghdin jistennew lil padruna l-ġdida. (Maria thares lejh u minnufieh tbaxxi ghajnejha. Guglielmi ikompli b'certa enfasi) Dawn il-kmamar, jiena nixtieq li jigu armati skond il-gosti ta' dik il-mara li sejra tghix fihom... Il-mama' hija ta' l-istess idea tighi...

(Maria tkompli tara bil-heffa r-ritratti u terga' tatihom lil Guglielmi)

Le, Maria... dawn, tista' iżżommhom int.

Maria : Ghaliex?

Guglielmi: Int tista' ittini x'ide,... ittini xi suggerimenti...

(Maria thares lejh, imhawwda u ma twieġbux. Guglielmi iqieghed ir-ritratti fuq it-tavolina. Pawsa fis-skiet. Tidhol Rosina.)

Rosina : (Lil Adriano) Hemm is-sinjura Kunċett, trid tkellmek, sinjur.

Adriano : (Jaghmel ta birruhu li sejjer) Gej, Rosina.

Maria : (Fil-pront) Le.. stenna... halli mmur jien.

Adriano : Imma....

Maria : (Nervuża) Ghandi bżonn inkellimha. Guglielmi, nitolbok tiskużani... dal-waqt niġi.

Guglielmi: (Li sa dan it-tant qam bilwieqfa) Jekk tippermettili, ma noqoghodx nistenniek... fis-seba' irrid naghmel telefon Nārakhom il-lejla?

Maria : Tajjeb, ghal-lejla, mela....

Guglielmi: Arivederci!...

Maria : Arivederci!...

(Maria tohroġ minn fuq il-lemin, Guglielmi idur fuq Adriano, u:)

Guglielmi: X'jidhirlek, habib?

Adriano : X'igifieri?

Guglielmi: Kif semmejtilha l-Villa... Kif gheftilha li hija ghad trid tghix f'dawk il-kmamar, donnha li ma haditx pjacir... donni rajtha tbiddel il-harsa taghha... il-kulur...

Adriano : Minn issa???

Guglielmi Ewminni, ma nafx x'nibda nahseb.... Haga stramba ... X'imdaqqiet, donnha tiehu pjaċir meta tarani... xi drabi tahrabni... issir nervuża u jkollha mitt sena biex twarrab minn hdejja... Jiena nittama li biż-żmien, il-hsieb ta' dan iż-żwieġ taghna, inissieha l-imghoddi u jaghmilha hinja.

Adriano : Milli qieghed nara s'iisa, l-idea ta' dan iż-żwieġ xejn m'hi ghal qalba.

Guglielmi: Int m'ghedtilha xejn? Ma ppruvajtx tfehema l-vantaġġi li hemm f'dan iż-żwieġ?

Adriano : Iva, ghedtilha... ghedtilha hafna drabi.

Guglielmi: U x'wiġbitek?

Adriano : (Innervjat) X'ridtha twiġibni? Jekk hija ma tridx tiżżewġek, ghandha r-raġunijiet taghha.

Guglielmi: Imma x'raġunijiet jista' jkollha? Proprju dan li nixtieq naf... X'raġunijiet ghandha.... Li Maria ghandha ġibda lejja
xxxxxxx : hija haga sgura, nahseb li anke int intbaht b'dan.

Adriano : Iva, iva... dan osservajt u.

Guglielmi: Forsi hemm x'imhabba ohra? Le, le... ma nahsibx... Wara daż-żmien kollu, nahseb li nsietu xi ftit... Tassew li x'imdaqqiet anke jien inhoss li donnu ghadu haj....

Adriano : Żewġa???

Guglielmi: Iva... Haj!... Jiena narah f'kull hin... Bejni u bejnha... donnu li irid iżommna assolutament mifruda... Il-memorja tighu hija ostakolu kbir ghal l-hena taghna.... Haga terribbli li t-tifkira ta' bniedem mejjet tibqa' tghix mighek.

Adriano : (B'sarkasmu) Ghandek raġun.... M'hemmx aghar minn meta bniedem mejjet jiehu postu fost il-hajjin....

Guglielmi: Proprju kif qieghed/ tghid int... B'daż-żwieġ, jiena ġa ghedt lil mama'....

Adriano : Iva? U x'qaltlek???

Gugleilmi: Ghall-ewwel, ma gharfitx dak li kellha tghidli... Taf int... l-idea li niżżewweġ armla... Imma issa, tinsab ferhana hafna u ghandha seba' mitt-sena biex tara lil Maria... Hija qed tippreparalha hafna xorti u nista' nghidlek li ġa iffissat id-data tat-tieġ.

Adriano : Ukoll?

Guglielmi: Jekk Maria tilqa' l-istedina tal-mama'tighi, nghidlek li jirnexxili nikkonvinċiha.

Adriano : Nittamaw!.. Nittamaw!...

Guglielmi: (Wara li jhares lejn l-arloġġ) Bilhaqq, riedt nghidlek... ahfirli jekk ser nabbuża....

Adriano : (Ihares lejh sorpriż) Tkellem... tkellem...

Guglielmi: (Ilaqlaq) Nitolbok li b'dak li ser nghidlek, ma tahsibx li jiena indiskret... Jiena nahseb li Maria, finanzjarjament ma tantx qaghdax tinsab f'qaghda tajba... Il-lum, ik-hajja hija diffiċili hafna... nahseb li anke int, qieghed tinteressa ruhek, hux veru? Jekk jiena nista' niswielkhom b'xi mod.....

Adriano : Kif? X'iġifieri?

Guglielmi: Skużani... m'irridekx toffendi ruhek... Naf li hija haġa delikata, imma bejnietna, m'hemmx ghalfejn wieħed jaghmel kumplimenti.... Jien nikkunsidra ruhi bhala habib, anzi biex nghid hekk, bhala missier... insomma, jiena nhalli f'idejk... basta Maria ma tkun taf xejn ... Nirrikkmandalek... Nirringrazzjak... nirringrazzjak...

(Minghajr ma itieh żmien iwieġbu, johrog.) Adriano, jibqa' miblugh, jhares lejn il-bieb mnejn hareg Guglielmi. Wara ftit, tidhol Maria)

Maria : Tajt dawk il-flus lis-sinjura Kuncett... Ghedtilha li dan huwa l-ahhar xohar ... li....

Adriano : Thabbilx rashek!... Flus, ghandna kemm trid.

Maria : (sorpriża) Kif???

Adriano : Flus ghandna kemm trid!...u meta jiespiċċawlna, nġibu iżjed.. offrihomli huwa stess.

Maria : (B'lehen gholi) Guglielmi?

Adriano : Iva... Guglielmi... Ma kienx biżżejjed li fetah qalbu mighi mighi... li urieni bl-imhabba tighu ghalik.... Kellu l-wiċċ tost li jitlobni nkellmek ghalieh... biex nikkonvinċik... le, dan ma kienx biżżejjed... biex aktar jumiljani... offrieli anke l-flus.... Sa hawn kelli nasal!... Kuntenta,issa???

Maria : Jien???

Adriano : (Irrabjat) Iva... int... int... Int kont li wassaltni f'din il-qaghada... Kieku int ma lqajtux l-ewwel darba li ġie jarak, kieku il-lum, jien, m'inhix insofri din l-umiljazzjoni.... Dan, int qed taghmlu, ghaliex taf li jien ma nistax nitkellem... ghaliex ma nistax naqbdu u nitfghu l-barra... Int qed tiehu gost tarani nsofri... Iċhad jekk ghandhek hila....

Maria : Imma kif, Adriano??? Kif tista' titkellem mighi hekk? Ghidli... M'int thoss ebda rimors? Ebda mistħija l-int daqshekk inġust mighi?

Adriano : Inġust?...

Maria : Iva, inġust... inġust... anzi, bniedem vili....

Adriano : Vili!...

Maria : Iva... Int qed titfa l-htija tighek fuqhi... Int kexkartni mighek... ghamiltni kompliċi mighek... Int taf tajjeb li jiena ma riedthekx taghmel dak il-pass.. ghamilt minn kollox biex nimpedik... Bi kliemek, lili, ġaghaltni nċedi... ġaghaltni inbaxxi rashi ghal hżunija tighek... Ghalik, jien gdibt... u issa... issa li qed issofri l-konsekwenzi... qieghed tohoda kontra tighi.. Ma tintebahx l-int bniedem bla ġieh?...Li l-aġir tighek huwa dak ta' bniedem vili?....

Adriano : Kompli... kompli.. tieqafx!..

Maria : Niehu gost narak issofri!... Iva!.. Divertiment sabieh tassew... Minn dak inhar, jiena qatt ma sibt mument mistrieh... Qatt mument hieni... Dejjem ansjusa... dejjem imbażża'... Jiena qatt m'abbużajt nurik b'dak

: li kont qegheda nsofri... Int riedt tarani ferhana... Riedt li ahna nidhqu bina nfusna... Ried li alma nahbu l-biża taghna minn xulxin... Hekku fejn wasalna... f'liema miżerja ... f'liema disperazzjoni... U issa, ghandek il-wiċċ, takkużani... Ghandek il-hila tghid li l-htija hija tighi'... Kieku ma kontx inhoss ghalik... kieku ma nieqafx inlumek bi kliemi...

Adriano: Ghandek ragun... Jiena bniedem stupidu li qed nohodha mighek bis-serieta' daqshekk... Is-sitwazzjoni taghna hija tad-dahq... Taf xejn liema hi l-aktar haga ridikola? Dik li jiena kelli mmut biex insir naf dak li ma kont naf qatt f'hajti.

Maria : X'iġifieri? X'sirt taf???

Adriano: Sirt naf l-int qed tidhaq bija!...

Maria : M'hux tassew... Irtira dak li ghedt...

Adriano: Le!.. Dak li ghedt huwa minnu... Int minn dejjem dhaqt bija... Iva, dejjem... Dhaqt bija qabel iżżewwiġtni... Dhaqt bija meta kont marti.. issa....

Maria : Ghedtlek irtira kliemek.. iva... irtira dak li ghedtli..

Adriano: Tahseb li jiena ma nifhmekx??? Tahseb li jiena ma narax?... L-ansieta' tighek... l-emozjonijiet.. Il-bidla li saret fik minn dak il-hin li ġie hawn? Ma tafx li hsibijiethek jiena naqrhom f'ghajnejk? Int ma tistax turini haga b'ohra... Il-lum, sirt nafhek tajjeb... Fuq kollox, huwa żejjed li tittanta turini haga b'ohra... Dak li tahbi minni int, jghiduli huwa stess... Iva... din hi l-iżjed haga tad-dahq... Il-mahbub tighek, jiftah qalbu mighi...

Maria : Il-mahbub tighi!...Ah.. allura, Guglielmi huwa l-mhbub tighi?... U int, dan, temmnu??? Issa... tibzax twiġibni... ghamel kuraġġ... tkellem... temmnu int, dan?...

Adriano: Anke jekk Guglielmi m'hux il-mahbub tighek... is-sitwazzjoni ma timbidilx... Meta l-fedelta' tkun bhala sagrifiċċju, huwa aghar minn tradiment... Iva, fedelta' ta' din ix-xorta, tiswa biss biex minna timbed il-birda.. l-indifferenza.. l-antipatija... l-mibegheda... imma, x'jiena nghid? Int ghandek ragun... Jien, minn jien?... Jien m'ghadnix iżjed li kont... Jiena sirt bniedem stranier... ostakolu bejnhek u bejnu... Dan, qaluli huwa stess... Ma kienx hemm ghalfejn jghiduli... dan kont fhimtu wahdi... Huwa uriek irritratti... Iva.. Villa sabieha tassew... Irid jippreżentak lil mama'... irid ilaqqghek mal-hbieb... irid jiddevertihik... Hekku... Issa tkun feliċi... xejn ma nghidlek... gawdieha din il-hajja.. gawdieha mill-ahjar li tista'... din il-hajja, int ilhek tohloma hajthek kollha....

Maria : (B'lehen ta' wahda rebbieha) Iva!..Din il-hajja, jiena kont nohlom bieha!.. Issa, nista' ngawdieha... Issa, ghandhi dak kollu li rrid... Jiena kaiebt l-hena... kaiebt l-imhabba ... Issa nista' nghix... imma le... dan, ma nistax naghmlu... ma nistax, ghaliex hemm int... ghaliex jiena u int marbutin b'katina wahda... ghaliex irridu nibqghu sejrin flimkien sa l-ahhar... U staqsejtni jekk noboghodokx?!.. Ghidli, x'inhu dak li trid taqra f'ghajnejja? Gratitudini?... Imhabba?... Ma tahsibx xi ftit f'dak li qed tisraqli?. Int qed tisraqli l-hajja... Jiena qatt ma ntbaht u anqas forsi kont inkun naf... Kont int stess li urejtni b'dan.... Jiena komplejt nghix rasenjata... nahseb li jiena kuntenta imma int, gaghaltni nara r-realta'... gaghaltni nifhem.. u issa, naf kollox... naf dak kollu li jiena tlieft... dak

Idogg l- arlogg, is Sebgha.

Dim lights-

Kambjament tasa - Xena.

Lights on.

: dak li jien issagrifikajt ruhi ghalik... Le... m'hux il-miżerja li tbeżżgħni... Anke kieku inti kellek il-ġid li tippossiedi d-dinja.. ghalija, kien ikun l-istess... Iva, issa nista' nkellmek ċar... irrid nurik dak li ghandi f'qalbi... Il-lum, nistghu nitkellmu bla ebda biża... bla ebda gideb... Lil Guglielmi habbejtu sa minn qabel iżżewwiġtek... habbejtu meta kont marthek... Jiena ttradejthek permezz tal-haibijiet u tax-xewqat tighi.. permezz tal-holma helu li kien ikolli ta' kulljum.. Anke issa... iva, anke issa, ghaċni nhobbu... inhobbu iva... naf li jkolli noqoghod imbegheda minnu... nafli forsi ma nkunx nista' narah iżjed,.. ma jimpurtax... Jiena rrid l-int kun taf... Irrid nurik li jiena nhobbu!... Iva, nhobbu!.. Nhobbu!...

Adriano: (Milqut minn kliema) b'lehen kalm) Fhimthek!... Iva, naf... dan ga ghedtuli...

Maria : Adriano!...

(Il-kalma li bieha kellimha Adriano, donna li gibitha f'sensiha. Adriano jaghti żewġ passi u jintelaq fuq pultruna)

Adriano: (Bla ma jhares lejha, bl-istess kalma ta' qabel) Mur... Tista' tmur... Nahseb li ma baqaghlna xejn x'inghidu...

Maria : (Iddisprata) Adriano!...

Adriano: (B'lehen baxx u nervuż) Mur.. mur.. hallini wahdi, nitolbok

Maria : (Tersaq lejh, kommossa) Adriano!... Adriano!.... Ahfirli... Ma kontx naf x'jiena nghid... emminni, dak li ghedtlek... ghedtulek ghaliex int weġġajtli qalbi... ghaliex offendejtni.

Adriano: Iva, iva... qieghed nifmhek... imma, issa, mur... ur u hallini.

Maria : (Affannata) Le, Adriano... Tghidlix hekk... Dak li ghedtlek kien kollu kliem b'iehor... Kellimthek hekk, ghaliex kont offisa... irrabjata... riedt ninkik... Nahliflek... Nahliflek li dak li ghedtlek m'hux minnu... Jiena dejjem habbejtek... iva, dejjem... Minn fuqna, ghaddew hafna żminijiet koroh u appuntu f'dawn iż-żminijiet kmx, rajna kemm konna ninhabbu... anke issa... iva, anke issa... Adriano, hares lejja.... wiġibni.... ghidli li qieghed temminni...

Adriano: (Bla ma jhares lejha) Iva, nemmnek... nemmnek....

Maria : Le!.. M'hux hekk... Twiġibnix b'dan il-mod... Hares lejja... Dak li ghedtlek huwa terribbli... tal-biża... Inti taf li m'hux veru.. Taf li ma jistax jkun.... (Mitlufa fl-imhabba, tbuslu mohhu u rasu...) Adriano!.. Adriano!.. Insa.. insa dak li ghedtlek fiit ilu... hemm bżonn li jiena u int ninsew kollox... Iva, jiena u int, tkellimna bhala żewġ imġienen... Is-sahna li kellna fuqna, tilfitna minn sensina... Adriano!.. Ghaliex ma twiġibnix? M'inthix temminni? M'inthix temminni?

Adriano: (Jaghlaq ghajnejh bhal wieħed li qieghed isofri) Iva, nemmnek, nemmnek, imma issa...hallini...

(Maria tibqa' thares lejh, kommossa u mregheda, bhal wahda li trid tghid xi haga, imbaghad tghatti wiċċa b'idejha; tidbieghed biex tohroġ. Adriano jibqa' bla ma jiċċaqlaq b'rasu baxxa fuq sidru, imhasseb. Jinstama' idoqq l-arloġġ Adriano jigi ftighu, jerfa' rasu. Il-palk, jibda jiddallam waqt li l-arloġġ jinstama' idoqq is-sebgha.)

In scena:

Adriano

Deffein.

(Il-qalk jiddawwal mill-gdid u mill-gdid ninsabu fic-cimiteru. Adriano jidher fl-istess qaghada li hallejnieh fl-ewwel att.)

Adriano : Din, hija l-grajja tighi!... L-ahhar tahdida li kelli ma' marti, gaghalitni nifhem hafna xorti... Jien, minn jien? X'tista' tfisser l-eziztenza tighi? Xejn!. Haga zejda!... Haga mistmerra!... Pis li ma jiswa ghal xejn... Iva!... Hija kelmitni car hafna, imbaghad wara, talbitni mahfra... talbitni nizkuzaha... Kien tard wisq... Kliema kien lahaq ferieli lil qalbi... Jien,kont l-ostakolu ghall-hena taghha... X'hena qista' noffrilha, jien? Xejn!... wasalt biex insir bniedem mejjet li qieghed nghix minn fuq spallejha.... Ili nahseb hafna fuq issitwazzjoni tighi u taghha u issa... issa, iddecidejt... Ktibt ittra lilu... U tlaqt u ili nimxi lejl shih... Hekku... issa, ninsab hawn!... Nisthajjel l-int tixtieq tkun taf ghalfejn jien irrakkuntajtlek din il-grajja... Ghedtlek l-istorja tighi, ghaliex minn ghandek irrid favur ckejken... irrid haga zghira hafna minn ghandek... Dak l-irrid minnek, int ghandek l-ghodda addattata hafna ghalieh.

Gwardjan: U x'favur trid minn ghandi?

Adriano : Ifhimni tajjeb... Kif ninsabu wahidna, jien, innehhi hajti b'idejja u int, tidfinni fil-qabar tighi.

Gwardjan: Kif??? Int qieghed tiggennen!...

Adriano : (Kalm) Le!... M'inhix mignun... Emminni... Li n-nehhi hajti, hija l-ahjar haga li nista' naghmel... Dan li tlabtek, jiena ktibtu f'ittra lil mara tighi... Ghedtilha li m'hemmx ghalfejn tohodha bi kbira meta tisma bil-mewt tighi... Ghedtilha li jekk trid tibki, dan, ghandha taghmlu fejn ma jaraha hadd... segretament... Ghedtilha, li dan huwa mehtieg, ghaliex jien ma nistax immut publikament ghaliex jiena ga ninsab mejjet... Iva, jehtieg li jiena mmut bil-mohbi, l-istess bhal ma ghext... Habib, jehtieg li tghini... Dak li tlbatek, ghalik, huwa xoghol hafif hafna... kwistjoni ta' ftit minuti....

Gwardjan: Imma, x'inti tghid? Jien??? Le!.. Le!!! Anqas nohhom biss ma rrid...

Adriano : Allura ma tridx tghini?...

Gwardjan: Jidhirlek li ghandi nghinek? Tahseb li jiena nista' naghmel affarijiet bhal dawn?

Adriano : Imma ghaliex? X'hemm straordinarju f'dak li tlabtek? Jien, huwa dak stess li ismu jinsab fuq dan il-qabar... Jien ghandi kull-dritt li nkun midfun taht din il-lapida... Mir-registri tac-cimiteru, jidher li jiena ninsab midfun hawn... B'kumbinazzjoni kbira, sal-lum, jiena ma stajtx nokkupa l-qabar tighi... Issa, wasal il-waqt li nirrangaw l-izball li sar... Jien noqtol ruhi b'idejja, int tidfinni u jien ma nitkellimx izjed.

Maria a Gugliemi



Gwardjan: (Agitat) Dan ma jistax ikun... Dak li qieghed titlobni huwa tal biza... Ma ggibx quddiem ghajnejk.....

Adriano : (Bil-hlewwa) Ma baqaghlix x'naghmel izjed... Dak li tlabtek huwa l-uniku mezz biex ingib kollox floku... kollox regolari.... L-eziztenza tighi jehtieg li tintemm... Marti, allura, tkun tassew mara armla... Jien, inkun tassew mejjet u b'hekk jissewwa kollox... ikun kollox fl-ordni tighu... Ma nistax nifhem ghaliex ma tridx tghini.

Gwardjan: U sgur li ma rridx nghinek... Bl-imbrolja li ghamilt... int sibt ruhek f'dan il-gwaj kollu u issa qed tippretendi li jien naghmel imbrolja ohra... Jien, bniedem onest u ma rridx nidhol f'imbrolji bhal dawn.

Adriano : Jahasra, jien qed nitolbok biss li taqdi dmirek... Int huwa d-deffien tac-cimiteru... Int issib bniedem mejjet barra mill qabar tighu u terga' tqeghedu f'postu... dan hu, kull ma rrid minnek.

Gwardjan: Kollo ghalxejn li tibqa' tinsisti... Ir-regolamenti ma jammettux ftehim privat bhal dan... Int, ejja hawn meta tkun mejjet, imbaghad nidhadtu.

Adriano : Allura tippreferi li ssib il-katavru tighi f'nofs ic-cimiteru? Li jiena sejjer innehhi hajti b'idejja, hija haga sgura.. Issa d-decidejt u hadd m'hu sejjer ireggaghni l-ura... Ghidli... Issa, li jiena urejt lil mara tighi b'dak li sejjer naghmel u anke lil dak il-habib, ma nohrogx ta' vavu jekk ma nkomplix kelmti?

Gwardjan: Jahasra, jien, ma jimpurtanix.

Adriano : Imma skuzi... Ahseb ftit fil-konsekwenzi... Jekk l-Awtorità isibu l-katavru tighi, allura tinkixef l-imbrolja li jiena kont ghamilt... Marti ssib ruhha arrestata... Ahseb, ahseb ftit... familja sfrattata... waqt li jekk naghmlu kif ghedtlek jien, marti tkun tista' tizzewweg mill-gdid... Tkun ferhana.. Hinja.... (Jieqaf f'salt wiehed, ihares imbazza lejn ix-xellug) Alla tighi!....

Gwardjan: (Imbazza') X'gara?...

Adriano : (Agitat) Marti tinsab hawn... Iva, qegheda mighu... resqin l-hawn... Sahta!... L-ittra tighi ma damitx ma waslet... Issa, ma baqax hin naghmel dak li ghedt... (Ihares madwaru mbazza', imbaghad bhal wiehed li obda il-hsieb li gieh ghal gharrieda, idur fuq il-gwardjan u b'lehen maqtugh:) Ifhimni!... Jekk jistaqsuk ... ghidilhom li kollox lest...

Gwardjan: X'igifieri?...

Adriano : (Mghaggel) Kollox... kollox... Jien, qtilt ruhi b'idejja u int, ga tfintni... Fhimtni? Hekku,waslu.... (Adriano johrog malajr minn fuq il-lemin, waqt li l-Gwardjan jibqa' qisu miblugh. Wara ftit, jidfaccaw Maria u Guglielmi. Maria tieqaf, donna qed ihossha hazin. Guglielmi izomma biex ma taqax.)

Maria : Hemm arah!... Hemm ara fejn hu!... M'ghandix kuraġġ nistaqsieh.

Guglielmi Ikkalma... ghamel kuraġġ... forsi....

Maria : (Aġitata) Staqsieh int... staqsieh int, Guglielmi....

Guglielmi (Jersaq lejn id-deffien li bhall-issa jidher wieqaf, ikkonfondut hdejn il-qabar)

Skuża.... jekk joghoġbok, taf tghidli jekk hux hawn, is-sinjur li... li....

(Id-deffien li donnu kien jaf x'se x'ser jistaqsieh, jaghmillu sinjal ghal darbtejn fl-affermattiv.)

Maria : (B'ghajta ta' dulur) Alla!.. Alla tighi!...

Guglielmi (Jahtafha minn darha) Kuraġġ... Maria, kuraġġ....

(Imbaghad jerġa jdur ghal darba ohra fuq id-deffien u waqt li jhares lejn il-qabar)

U dfintuh hawnhekk?

(Id-deffien jerġa' jaghmillu sinjal fl-affermattiv. Maria tinfexx tibki u tinxtehet bilqegheda fuq il-qabar.)

Maria : Adriano!.. Adriano!... Adriano tighi!...

Guglielmi (Ifittex li jikkunsolaha) Maria... Maria... ghamel kuraġġ

(Waqt li Maria tidher tibki u tbus il-qabar, idur fuq id-deffien u b'lehen baxx:)

Inti sgur?

(Id-deffien jaghmel mossa bhal wiehed li jrid jghidlu: "Dfintu jien stess")

Maria : (Iddisprata) Jien qtiltu!.. Iva, jien kont il-htija!.. Qalbi kienet tghidli... Jien ma kien imissni qatt inhallieh wahdu... Jien, iva, jien, il-htija ta' kull ma ġara.

Guglielmi Maria... Tghidx hekk, nitolbok.. Dak li ġara huwa traġedja tal-biża... int m'ghandek ebda tort....

Maria : (Iddisprata) Iva... iva... jien... jien biss il-htija... Ah!.. Kieku wasalna ftit qabel....

Guglielmi Ma stajniex nghaġġlu iżjed.... Gejna niġru qisna indannati... Maria, ghamel kuraġġ... tibkix iżjed... id-destin, hekk ried... Adriano hallas qares l-iżball tighu... Int ma jista' jkollok ebda rimors...

Maria : (Mitlufa) Iva, iva... jien kont il-kaġun... Jien kont li qtiltu... Imexjken Adriano tighi... Kieku jista' jismaghni... Kieku jista' jkun jaf x'jien insofri... Ahfirli... ahfirli, Adriano.....

Guglielmi Maria... imxi mmorru... Int ma tiflahx issofri iżjed... Ma tistax tibki iżjed...

Maria : (Waqt li tistrieh mal qabar) Le.. le.. hallini... irrid nibqa' hawn...

Guglielmi : (Waqt li jipprova jmexxiha) Le, Maria... Taghmilx hmerijiet.... Nitolbok... imxi mmorru... meta tikkalma, nerġghu niġu....

(Waqt li Maria qegheda tibki, Guglielmi jirnexxilu jbegheda mill-qabar waqt li din qed tinstama' tolfoq)

Maria : Fjuri... fjuri, Guglielmi... ixtrili ftit fjuri.....

Guglielmi : Iva, iva... (Idahhal idu fil-but u waqt li johroġ xi flus itihom lid-deffien, u) Taghmilli favur, tixtrili ftit fjuri?... Fjuri sbieh... fjuri rari... irridek li tiksi dan il-qabar bi fjuri mill-isbah.....

(Jibqa' jghin lil Maria, timxi li ghadha tinstama' tibki, sakemm johorgu. Id-deffien jibqa' isegwihom b'ghajnejh. Mill-ġenb jerġa' jidfaċċa Adriano u wara li jaċċerta ruhu li Guglielmi u Maria tbeghedu, jersaq lejn id-deffien, u:)

Adriano : Rajt? Rajt kemm bkiet? Imsejkna mara!... Din hija it-tieni darba!... Taf xejn li qed nemmen li kienet thobbni?

(Jintebah li d-deffien qieghed jghodd il-flus li tah Guglielmi)

Ki flus huma dawk?

Gwardjan : Tahomli dak is-sinjur biex nixtri l-fjuri... Qalli biex niksi l-qabar bi fjuri mill-isbah....

Adriano : Ġentili... ġentili tassew!...

Gwardjan : X'ser naghmel? Ghidli int... Jidhirli li hija esaġerazjoni kbira li nixtri dawk il-fjuri kollha.

Adriano : Ghandek ragun... flus fil-hala....

Gwardjan : (Waqt li jtieh il-flus) Hekku... Allura intihom lilek.

Adriano : Lili? Jien, x'ghandi x'naqsam???

Gwardjan : Dawn, jappartienu lilek... Tahomli biex nixtrihom fjuri ghalik... flok fjuri, inti tista' tixtri xi haġ'ohra.

Adriano : Ghandek ragun... allura nistghu naqsmuhom bejnietna...

Gwardjan : Grazzi... int ġentili hafna....

(Id-deffien itieh nofs il-flus)

Adriano : Imma jien, dawn, x'ser naghmel bihom? Jekk jien, ser innehhi hajti b'idejja?

Gwardjan : Tnehhi hajtek? Ghaliex? Issa m'hux mehtieġ iżjed li taghmel dan.

Adriano : Ghaliex m'hux mehtieġ? Jiena ktiebt lil mara u ghedtilha x'ser naghmel...

Sifanju bil-mod.



Gwardjan : Appuntu... Il-mara tighek, issa tinsab konvinta l-int mejjet.... Hija tinsab libera mill-ġdid... tista' taghmel dak kollu li trid... Marthek issa tkun hinja kif tixtieq int... issa, kollox qieghed f'postu... kollox regolari, daqs kemm kieku inti tassew miett tmien xhur ilu.... L-iżball tighek huwa wiehed... dak l-int hsiebt li tista' tibdel id-destin ~~tighek~~... Int irnexxielek tibdel tighek, imma d-destin ta' martek u ta' dak is-sinjur, baqa' l-istess....

Adriano : Imma allura seewa ghedtlek.. jien jehtieġ li mmut.

Gwardjan : Le, le... m'hemmx ghalfejn tmut.... Inti tista' tibqa' tghix mistur bhal ma ghext s'issa... l-importanti hu, li huma ma jkunux jafu... li hajtek ma tfixkilx dik taghhom.

Adriano : Nghix mistur!.. Imma kif? Fejn? Impossibbli... Inhoss li ma niflahx iżjed... Stenna!.. Jiena nista' immur x'imkien fil-boghod... x'imkien li ma jaf bieh hadd...f'xi gżira disabitata... fejn inkun nista' nghix minsi minn kullhadd...

Gwardjan : Ismaghni... jien, nista' naghmillek proposta... ma nafx.. ma nafx toghoġbokx.

Adriano : Ghidli, jiena lest ghal kollox.

Gwardjan : Jien, f'dan iċ-ċimiteru, ghandi bżonn ta' iehor mighi. Jekk inti trid tibqa' hawn....

Adriano : Hawn? Fiċ-ċimiteru???

Gwardjan : Tahsibx li hawn ikollok x'taghmel hafna... Hemm isfel, fid-dwejra li ghandi, hemm kamra ~~żkejkma~~ żejda... jekk trid, ~~ghalijayxnisx~~ jiena niehu gost bil-kumpannija tighek.

Adriano : Hawn?.. Fiċ-ċimiteru? (Imbaghad f'daqqa wahda, bhal wiehed milqut minn xi hsieb)

~~Gwardjan~~ :

Le, le... Ma jistax ikun... Meta marti tiġi hawn... tarani.

Gwardjan : Hawn? Martek? M'ghandekx ghax tibża... Dan huwa l-uniku post li martek ma tirfisx fieh iżjed.

Adriano : Tahseb?

Gwardjan : Jiena sgur minn dak li qieghed nghidlek. Tista' tiehu il-kelma tighi. (Jaqbad il-karretta u jibda miexi) Imxi mighi... imxi halli nurik id-dwejra... Isma ftit.... isma x'hemda hawn... x'paċi... Hares lejn is-siġar... B'liema lwien huma mżejna... Isma l-ghasafar... xi hlewwa ta' ghana... F'inżul ix-xemx, donnhom jiġġennu bil-ferh... Dan huwa ġnien... ġnieh sabieh u hlejju...

(Id-deffien itemm kliemu waqt li jibqa' hiereġ fliemkien ma' Adriano, waqt lis-siparju qieghed jinghalaq bil-mod.)

T M I E M .